13.12

P. Lettur PAWLU TABONE O.F.M.

# IL-LIGI TAS-SAWM U TAL-ASTINENZA

1930
EMPIRE PRESS
Valletta

NIHIL OBSTAT
P. GUIDUS ANNATI O.F.M., Cens. Prov.lis
Die 24 Aug. 1928

NIHIL OBSTAT
F. ALOISIUS ATTARD O.F.M., Cens. Theol. Prov.lis
Die XXIX Aug. 1928

IMPRIMATUR:
F. ANTONIUS M. BAJADA, Min. Prov.lis, O.F.M.

---

NIHIL OBSTAT
Die 21 Octobris 1928
FR. ÆGIDIUS NASTASI, O.P.
Cens. Theol.

IMPRIMATUR
Datum in Curia Ep.ali Melit. die 1 Februarii 1929.
Can. P. GALEA
Vic. Gen.

*Proprietà riservata.*

LIL

L-EWWEL LETTUR TAL-ORDNI TIEGHI

IL-CBIR KADDIS TAL-MIRACLI

S. ANTNIN TA' PADOVA

LI

FIŻ-ŻMINIJIET MUDLAMA

BIL GHERF U L-KDUSIJA TIEGHU

DEHER JIDDI BHALA CHEWCBA F'SEMA ĊAR U SAFI

KRIB IL-GHELUK TAS-SEBA MITT SENA

MILL MEWT GLORJUSA TIEGHU

BHALA L-AHHAR WIEHED MINN HUTU

B'RADD TA' HAJR

NOFFRI

## *CHELMTEJN LIL MIN JAKRA*

---

Għad li diġà għoddhom għaddew ma' dwar tlittax il-sena minn mindu l-Codici l-ġdid tal-Cnisja giè mxandar mad-dinja collha, il-ligi tas-Sawm u ta' l-Astinenza għad m'hiex ċara lill-insara collha. M'hiex l-ewwel darba li sew fil-Krar chemm ucoll barra minnu, ġejt mistoksi u mitlub infisser x'iridu minnisrani dawn iż-żewġ ligijiet fuk imsemmija. Għalhecc gieni l-ħsieb li nicteb dan il-ctieb ċchejchen sabiex, mîll-aħjar li nista', nakdi aħjar lil dawn ittalin. Immela l-ħsieb ewlieni ta' dan ix-xogħol huwa dac li ngħin lil dawc l-erwieħ li ftit jew xejn studjaw il-Ligijiet tal-Cnisja, u għalhecc wieħed jifhem aħjar għaliex minn xi dakkiet gebbidt ftit fit-tul it tifsir ta' xi pont fejn il-ligi hija ftit tkila, jew billi ta' sicwit gibt eżempi li wieħed ieħor jista' jgħaddi minn għajrhom, jew ucoll billi ta' culltant erġajt semmejt dac li għedt kabel.

B'dan collu ridt ucoll incun ta' gid għal dawc li studjaw; u għalhecc ma ridtx inħalli fil-genb ilgħamla *scientifica* ta' dan il-ctieb ċchejchen u punti oħra li actarx imissu biss lilhom. F'chelma waħda: ctibt għal cullħadd, u għalhecc ctibt bil-malti, sabiex cullħadd jifhem.

Fl-aħħarnett, ctibt bl-Ortografija li kegħdin idaħħlu iż-żewġ setgħat ta' Malta, il-Cnisja u l-Gvern, għaliex jidhirli li hija ħaġa wisk flocha u xierka li nimxu fuk alfabet wieħed u ortografija waħda.

Jecc issa rnexxejt fil-ħsieb tiegħi, ħajr inrodd l' Alla; jecc le, darb'oħra nfittex li nagħmel aħjar.

Mill Cunvent ta' Gieżu ta' l-Imdina,
Fil-festa tal B. Scotu, 1929.

Lettur P. PAWL TABONE O.F.M.

# *BIBLJOGRAFIJA*

A Coronata M. : *De Locis et Temporibus Sacris*, Augustae Taurinorum (Marietti), 1922.

Alberti I. : *De ieiunio ecclesiastico*, ed. 2a., Romae, 1913.

Alphonsus M. (S.)—Gaudé : *Theologia Moralis*, Romae, 1905-1912.

Arregui A. : *Summarium Theologiae Moralis*, ed. 7a., Bilbao, 1922.

Bianchini E. : *La Regola dei Frati Minori*, ed. 2a, Quaracchi, 1922.

Ferreres I.B. : *Institutiones Canonicae*, ed. 2a., Barcinone, 1920.

Ferreres I.B. : *Compendium Theologiae Moralis*, ed. 13a. Barcinone, 1925.

Génicot-Salsmans : *Theologiae Moralis Institutiones*, ed. 9a., Bruxellis, 192..

Kazenberger-Iglesias : *Liber Vitae*, Ad Claras Aquas, 1926.

Lehmkuhl A. : *Theologia Moralis*, Friburgi Brisgoviae, ed. 10a, 1910.

Laymann P. : *Theologia Moralis*, Venetiis, 1714.

Noldin H. : *Summa Theologiae Moralis; De Praeceptis*, ed. 13a, Oeniponte, 1921.

Sporer-Bierbaum : *Theologia Moralis*, Paderbonae, ed. 2a, 1901.

Vermeersch-Creusen : *Epitome Juris Canonici*, Tom. II, Mechliniae-Romae, H. Dessain, 1922.

Wernz F. : *Jus Decretalium*, Prati, Giacchetti.

---

Acta Apostolicae Sedis : (A. A. S.), Romae.

Acta Ordinis Fratrum Minorum : (Acta O.F.M.), Ad Claras Aquas.

Acta Sanctae Sedis : (A. S. S.), Romae.

Monitore Ecclesiastico : (Monit. Eccl.), Roma.

Perfice Munus : (P.M.), Torino.

## WERREJ TAL-CTIEB COLLU


Chelmtejn lil min jakra . . . . . . pag. VII
Bibljografija . . . . . . . . . . . „ IX

Daħla :—
1.—X'jigifieri "Sawm". . . . . . . . . „ 1
2.—Il-jedd tal-Cnisja li torbotna bis-Sawm „ 2
3.—Il-għaliex il-Cnisja trid is-Sawm . . „ 3
4.—Is-Sawm ma jagħmilx deni, iżda gid . „ 4
5.—In-nisel tas-Sawm . . . . . . . . „ 7
6.—Is-Sawm jorbot taħt dnub mejjet . . „ 16

L-Ewwel Cap : X'inhi l-Ligi tas-Sawm u tal-Astinenza. . . . . . .
I Art. Il-Ligi tas-Sawm waħdu . . . . „ 19
II Art. Il-Ligi tal-Astinenza wħida . . . „ 31

It-Tieni Cap : Chif jistgħu jinchisru l-Ligijiet tas-Sawm tal-Astinenza
I Art. Il-Ligi tas-Sawm waħdu . . . „ 35
II Art. Il-Ligi tal-Astinenza wħida . . „ 39
III Art. Iż-żewġ Ligijiet f'dakka . . . „ 41

It-Tielet Cap : Il-Ġranet tas-Sawm u tal-Astinenza . . . . . .
I Art. Il-Ġranet tal-Astinenza wħida . „ 43
II Art. Il-Ġranet tas-Sawm u tal-Ast. f'dakka „ 44
III Art. Il-Ġranet tas-Sawm waħdu . . . „ 45
IV Art. Il-Ġranet li fihom jispiċċa d-dmir tas-Sawm u tal-Astinenza . . . „ 46

Ir-Raba' Cap : Min hu obbligat għal-Ligi tas-Sawm u tal-Astinenza.
I Art. Għal-Ligi tas-Sawm waħdu . . pag. 51
II Art. Għal-Ligi tal-Astinenza wħida . „ 56
III Art. Għal-Ligi tas-Sawm u tal-Ast. f'dakka „ 57

Il-Ħames Cap : Il-Cawżi li jeħilsu mil-Ligi tas-Sawm u tal-Astinenza.
I Art. Mil-Ligi tas-Sawm waħdu . . . „ 59
II Art. Mil-ligi tal-Astinenza wħida . . „ 66
III Art. Mil-ligi tas-Sawm u tal-Astinenza f'dakka . . . . . . . . . . . „ 68

Is-Sitt Cap : Min jista' jiddispensa jew iħoll mil-Ligi tas-Sawm u tal-Ast. . „ 71

---

Żieda fuk is-Sawm tal-Indulti, tal-Wegħdi u tar-Religjużi
I Art. Is-sawm ta' fejn hemm xi Indulti „ 82
II Art. Is-sawm tal-Wegħdi . . . . . „ 83
III Art. Is-sawm tar-Religjużi . . . . „ 88

---

Tiswijiet . . . . . . . . . . . . „ 97
Werrej alfabeticu . . . . . . . . . „ 99

# DAĦLA

### 1.— X jigifieri "Sawm".

Il-chelma *Sawm*, fit-tifsir wasa' tagħha, issarraf *tgħacchis* f'gisem il-bniedem. Iżda, chif jidher biċ-ċar, dan it-tgħacchis jista' jsir m'hux biss bin-nukkas ta' xorb u ta' ichel, imma wcoll bin-nukkas ta' xewkât u għamil ħażin li ta' sicwit il-bniedem iġarrab fih in-nifsu.

Għalhecc tliet għamliet ta' sawm igħoddu l-Għorrief :

*a)* Sawm *naturali*: dac li jgib miegħu cull tiżmim ta' xorb u ta' ichel ta' cull xorta. Dan is-sawm il-Cnisja tridu mis-Sacerdot li jrid ikaddes u mill-insara li jridu jitkarbnu.

*b)* Sawm *spiritwali:* dac li jgib miegħu it-tiżmim ta' drawwiet u xewkat ħżiena.

*c)* Sawm *tal-Cnisja*: dac li jgib miegħu n-nukkas ta' xorb u ta' ichel scond il-ligijiet ta' l-istess Cnisja Mkaddsa.

Aħna m'aħniex sejrin nitħaddtu fuk is-Sawm ta' l-ewwel u t-tieni għamla, imma biss fuk dac ta' l-aħħar, jigifieri fuk dac li bih Ommna il-Cnisja Mkaddsa torbotna f'xi żmenijiet ma' tul is-sena.

### 2.—Il-jedd tal-Cnisja li torbotna għas-Sawm.

Calvinu, Luteru u sħabhom, flimchien ma' dawc li m'humiex magħkudin mal-Cnisja Apostolica Rumana, iridu jiċħdu għal collox il-jedd u s-setgħa li għandha Ommna l-Cnisja li torbot lill-insara bis-sawm tagħha. Imma l-ebda raġun ma jista' jcollhom dawn l-għedewwa tal-Cnisja, il-għaliex jecc kabel il-migja tal-Messija, is-Sinagoga chienet torbot bis-sawm tagħha lill-Poplu Lhudi, wisk iżjed il-Cnisja ta' Gesù Cristu tista' torbot lill-insara. Is-Sinagoga ma chenitx ħaġ'oħra ħlief xbieha tal-Cnisja ta' Gesù, sewwa-sew chif is-Sacerdozju ta' Aronne chien xbieha tas-Sacerdozju ta' Cristu.

Illi s-Sinagoga chellha l-jedd collu li ggigħel is-Sawm m'hemm l-ebda dubju; biż-żejjed natu dakka ta' għajn lejn il-Cotba tar-Rabta l-Kadima, sabiex nintebħu minn dan li kegħdin ingħidu. Inkallbu ftit il-Ctieb ta' Zaccarija u nsibu r-rbit tas-Sawm fir-raba', fil-ħames, fis-seba' u fil-għaxar xahar (1). Niftħu wcoll il-Ctieb ta' Esther, u nsibu li din is-Sultana flimchien ma' Mardochew u Lhud oħra, taħt it-tregija tas-Sultan Assweru, wakkfu ġranet ta' festi u Sawm ġdid, sabiex ifaccru cull sena l-ħelsien tal-Poplu Lhudi mill-chefrija tas-Sultan Ammani (2). U fil-Ctieb ta' Ġuditta nsibu ucoll li s-Sinagoga daħħlet sawm ieħor b'tifchira tar-rebħa tal-Poplu t'Alla fuk l-esercitu cbir tal-Assirii u fuk il-ħelsien tal-belt sabiħa ta' Betulja (3).

---

(1) Zacc. Cap. VIII, 19.
(2) Esther Cap. XV.
(3) Judith Cap. XVI.

Ħares ucoll lejn il-Ctieb tar-Rabta l-Ġdida: S. Mattew fil-Cap. XVI, 18-19; fil-Cap. XVIII, 18 u fil-Cap. XXVIII, 18-20.

Jecc immela s-Sinagoga chellha din is-setgħa collha li torbot bis-sawm tagħha, għax ma għandhiex icollha l-Cnisja, għarusa ta' Gesù Cristu, bħala xirca li xejn ma jonkosha, għaliex l-Imgħallem Divin tagħha mar jatiha cull jedd u cull setgħa li tinħtieġ, għal biex tcun tista' tasal fit-tmiem tal-ħsieb tagħha?

### 3.— Il-għaliex il-Cnisja trid is-Sawm.

Scond it-tagħlim tal-għaref San Bonaventura (1), il-Cnisja Mkaddsa torbot lill-insara bis-sawm tagħha l-actar għal dawn it-tliet ħwejjeġ: l-ewwelnett, sabiex l-insara jgħaccsu lil gisimhom, li dan, minħabba l-ichel u x-xorb żejjed, ta' sicwit jeħodha contra r-ruħ tagħhom. Għalhecc il-Cnisja wakkfet is-Sawm il-cbir fir-rebbiegħa, għaliex f'dan iż-żmien il-gisem iżjed jixxewwex fil-gibdiet ħżiena tiegħu. It-tieni, sabiex il-ħsieb tan-nisrani jcun jista' iżjed bil-ħeffa jintrafa' lejn is-Sema. Fuk hecc Mosè, kabel ma chien imur isib l'Alla u jitchellem wiċċ imbwiċċ miegħu, chien isum għal 40 jum sħaħ (2). Jakaw il-Profeta Elija ma samx huwa wcoll 40 jum ieħor, sabiex icun jista' jara l'Alla fuk il-għolja ta' Horeb? (3). Min-naħa l-oħra, naraw b'għajnejna, li dawc li jatuha għax-xorb u ichel bla kies, ftit jew xejn icunu jridu jafu, jew jisimgħu bil-ħwejjeġ tas-Sema, imma biss jogħġbuhom il-ħwejjeġ ħżiena tad-dinja. Għalhecc il-Cnisja trid is-Sawm f'lejliet il-festi l-cbar ta' ma' tul is-sena, sabiex il-bniedem icun jista' iżjed jaħseb fuk dac li fih ifaccarna jum il-festa.

---

(1) S. Bonav. IV Dist. 15, part. 2, Art. 2, q. 2: Ara ucoll S. Thomas, II, II, q. 147, a. 1. n. 3.

(2) Exod. Cap. XXXIV, 28.

(3) III Reg. Cap. XIX, 8.

Fl-aħħarnett, sabiex il-bniedem iberred l'Alla ncorlat minħabba d-dnubiet tad-dinja, u sabiex, fl-istess ħin, jakla' minn għandu l-maħfra u cull bżonn li jinħtieġ fir-ruħ u fil-gisem. Dana jixhduhulna wcoll il-cotba mkaddsa : meta Alla chien katagħha barra li jekred il-belt ta' Ninive, jecc dina ma ' tul 40 jum ma tbiddilx ħajjitha, insibu li n-Niniviti mbeżżgħin u mchexchxin mill-aħbar cherha tal-Profeta Ġona, fl-imchien mat-talb għakdu sawm l-iżjed iebes u aħrax ; għalhecc Alla ħafrilhom dnubiethom u l-kerda tagħhom (1). U Ġuditta kabel ma ħelset il-poplu tagħha minn taħt idejn il-chiefer Oloferni, m'hux forsi bis-sawm lestiet ruħha ? (2). Il-Cotba Mkaddsa, l-actar dawc tar-Rabta l-Kadima, huma miżgħudin b'eżempi bħal dawna (3).

### 4.—Is-Sawm ma jagħmilx deni, iżda gid.

S'issa l-ebda tabib ta' rasu flocha ma kal li s-sawm jagħmel id-deni lill-gisem ; imma li jagħmel il-gid. Malli wieħed iħossu ħażin, cull tabib għaref dlonc jordna d-*Dieta* jew, fi cliem ieħor, in-nukkas fix-xorb u fl-ichel, scond il-kawwa u l-għamla tal-marda. Jingħad, li meta l-imfaħħar tabib Desmoulins, li għex fis-seclu XIX, fil-wakt li chien kiegħed imut, lil dawc ta' ma' dwaru li chienu kegħdin jitħassruh, wiegeb:

(1) Jona Cap. III.

(2) Judith, Cap. IX.

(3) I Reg., Cap. VII, 26; III Reg., Cap. XXI, 27; I Esdra, Cap. VIII, 21-23; Judith, Cap. IV, 8; Esther, Cap. IV, 16; Cap. XIV, 2; Jerem., Cap. XXXVI, 9; I Mach., Cap. IV, 47; Math. Cap. VI, 16; Cap. VII, 21; Luc. Cap. V, 34.

"Xejn la tiddejku għalija; warajja se' nħalli żewġ tobba cbar," u billi dawc chellhom mitt sena sa' jafu min huma dawn iż-żewġ tobba, il-marid raġa' tenna : "Id-Dieta u l-ilma". U t-tabib Reugade, fil-ctieb tiegħu jgħid illi t-tabib Trousseau chien ta' sicwit itenni li "mhux sewwa tiftaħ ħalk l-aptit b'muftieħ li ma jakbilx" (1). Jingħad ucoll li Missier il-medicina, Ippocrate, igħid : "Il-bniedem li jiecol ftit u jixrob ftit, ma jimradx (2)." U hecc għandu jcun, għaliex l-ichel ħafif u ta' ħxejjex ma jgħabbix l-istoncu, imma jnaddaf id-demm u fl-istess ħin ibiegħed l-ugigħ u l-mard collu li jgib miegħu l-ichel imħawwar u ta' mitt togħma.

Ma-dan-collu hija biż-żejjed dakka t'għajn f'wiċċ ir-raħli u oħra f'wiċċ il-belti, sabiex nintebħu minn dan collu. Dac ta' l-ewwel, għad li fil-bogħod ixomm dawc ir-rwejjaħ li jaksmu, għad li actarx li l-ichel tiegħu jcun il-għalf tal-muletti, xejn m'għandu jaksam fil-ġmiel u s-saħħa ma' dac tat-tieni li jgħaddi ħajtu kalb il-ħwawar ta' ichel minn ta' cull xorta.

San Pawl, l-ewwel eremita, ix-xorb tiegħu chien ilma safi, u l-ichel, ħaxix tal-widien u xi biċċa ħobż iebsa : ma' dan collu għax 113 il-sena. San Pafnuziu, S. Sabba u San Ġwann tal-Egittu, għexu ma' dwar il-100 sena. Sant'Anton chien ilu li xellef il-105 snin meta għalak għajnejh darba għal dejjem. L-istess S. Ġwann is-solitarju, San Teodosju l-abbati u S. Ġwann l-eremita fil-Persja, il-coll laħku s-sabiħa xjuħija ta' 104 u 106 snin, avvolja għal-gid ta' ruħhom, għaccsu chemm felħu lil gisimhom b'sawm l-ictar iebes. U

(1) Reugade, G. (Dottor). *I grandi mali e i grandi rimedi.* Milano.

(2) Ara l-Alberti, *o. c.*, p. 15 fit-tieni nota, fejn igib ħafna awtoritajiet oħra.

mbagħad chemm oħrajn għaccsu lil gisimhom binnukkas ta' ichel u xorb mhux għal ħaġ'oħra,ħlief biex igawdu saħħithom u jtawlu ħajjithom !

Is-sawm fil-wakt li jsaħħaħ il-gisem igħin ucoll xogħol il-moħħ. L-istoncu, meta jaħdem, jiġbed għalih in-nifsu l-forzi collha tal-gisem, u jnakkas bilbosta dawc tal-moħħ. U aħna stess naraw minna nfusna li meta l-istoncu jcun imgħobbi, bil-chemm icollna cont nakraw; aħseb u ara chemm naħsbu fuk ħwejjeġ tkal ! Hija ħaġa minn cullħadd magħrufa, li ma tistâx issajjar tajjeb (l-ichel fl-istoncu) u fl-istess ħin taħseb tajjeb.

Jingħad li l-Filosofu pagan Platone chien il-mera tal-kies fl-ichel u fix-xorb, u chien iħossha ħaġa talgħageb li wieħed jiecol u jixba' darbtejn culljum: imma min hu dac li ħaseb ħwejjeġ hecc sbieħ u tkal daks Platone? Pitagora, Filosofu pagan ieħor, ma chienx irid jiecol laħam sabiex dejjem icun lest għal taħbit il-moħħ. U Epicuro, igħid San Girolamu, chien ucoll mekjus ħafna fix-xorb u fl-ichel (1).

Nisimgħu, issa, ftit lil San Basilju l-Cbir jitchellem fuk il-kawwa u gid tas-Sawm: "X'inhu dac li għamel lil Sansun hecc kawwi li katt ma ntrebaħ? M'hux jewilla s-Sawm li fih giè mnissel f'ġuf Ommu ? Is-Sawm lilu nissel, is-Sawm lilu għajjex; is-Sawm ħalak il-Bassara (Profeti) u lill-kawwijin iżjed iwettak u jsaħħaħ. Is-Sawm jagħmel għorrief lil min jagħmel il-ligi; huwa l-aħjar għassies tar-ruħ, l-akwa ħabib talgisem, l-akwa għajnuna tar-rgiel kalbiena, l-akwa taħriġa għal min jissara u jissielet. Iżjed : dan iħarrab it-tiġrib tar-ruħ, ihejji għall-ħniena, igħix malkies tax-xorb u l-ichel, ħaddiem fil-kies tax-xewkat :

(1) PIZZARDO, G. *Il Missionario Istruttore.* Savona, 1887, p. 467.

fil-gwerer jati s-saħħa, fil-mistrieħ igħallem is-sliema, ikaddes lin-Nazzarenu (in-Nisrani) u fit-tmiem tal-kdusija tiegħu iwassal lis-Sacerdot" (1).

### 5.—In-nisel tas-Sawm.

Jecc aħna mmorru nfittxu nisel is-Sawm nibkgħu żgur li nintilfu fid-dlamijiet taż-żmenijiet imgħoddija. Iżda min-naħa l-oħra nafu li l-bniedem imdejjak u mgħolli għal xi deni li jiġrilu, igħaddi ġranet sħaħ bla ma jduk xorb u ichel. Għalhecc nistgħu ngħidu li s-Sawm beda ma l-ewwel bniedem sewwa-sew chif chiser il-ligi t'Alla u giè mchecci mill-Genna ta' l-Art. Minn hawn nifhmu wcoll il-chif u l-għala s-Sawm chien jinsab fil-ġnus taż-żmenijiet collha. Ic-Ciniżi, l-Indjani, il-Fenici, l-Egizjani, il-Grieghi, ir-Rumani, f'chelma waħda l-popli taż-żmenijiet imgħoddija chienu jkimu lill-Allat tagħhom bis-sawm. L-istess poplu Lhudi chellu s-Sawm tiegħu sa minn żmien il-jasar fil-Babilonja, u l-lum il-ġurnata għadu jħares erba' darbiet fis-sena b'tifchira tal-cbir hemm li chellu jġarrab, jigifieri, l-ewwel, fil-għaxar jum tal-għaxar xahar: meta Nabuccodonosor dawwar il-Belt ta' Gerusalemm għall-ewwel darba (2); it-tieni, fid-disa' jum tar-raba' xahar : meta l-Belt imkaddsa giet makbuda (3); it-tielet, fil-għaxar jum tal-ħames xahar : meta Nabuzardan ħarak il-Belt u t-Temju tagħha (4); ir-raba', fit-tielet jum tas-seba' xahar: meta giè mak-

(1) Hom. I, De Jej.
(2) IV Reg., XXV, 1.
(3) Jerem. LII, 6.
(4) Jerem. LII, 12.

tul Godolija u għalhecc il-genn u l-kerda tal-Poplu t'Alla (1).

L-istess Misilmin għandhom ir-" Ramadàn " li dawn iħarsu cull sena kabel ma jmorru jżuru, ktajja ktajja, il-kabar tal-karrieki Profeta tagħhom, Mawmettu. Ulied in-Nofs Kamar iħarsu s-sawm tagħhom b'rekka l-iżjed cbira, tant illi m'hux biss li ma jinħaslux għall-biża' li tidħol f'ħalkhom xi katra ilma, imma jaħarbu cull riħa li tfuħ u tgħaxxak, il-għaliex jaħsbu li r-riħa wcoll tikser is-Sawma.

U jecc inħarsu ftit lejn ir-Religjon ta' "Fo" u ta' "Budda" u lejn dawc tal-Asja, tal-Affrica, tal-Amerca, insibu li hemm ucoll jinsabu mwakkfa xi ġranet li fihom dawc in-nies isumu, u nibkgħu mistagħġbin, b'liema rekka jħarsu dan is-Sawm tagħhom (2).

Mela m'hix ħaġa cbira u ġdida, jecc fir-Religjon Imkaddsa tagħna jinsab ucoll is-Sawm tar-Randan, tal-erba taksimiet tas-sena (jew Quattru tempi), tal-Vgejjel u ta' ġranet oħra. Ta' min wieħed isemmi xi ħaġa fil-kasir fuk cull wieħed minn dan is-Sawm.

### A). Ir-Randan.

a) *Meta beda r-Randan?* Scond San Girolamu, San Lewni, Santu Wistin u l-biċċa l-cbira tas-Santi Padri tar-raba' u l-ħames seclu, dac collu li jinsab imwakkaf fil-Cnisja bla ma nistgħu nsibu l-bidu tiegħu, hemm bżonn ingħidu li giè mwakkaf jew minn Cristu jew mill-Appostli. Issa l-ewwel Conciljū ta' Nicea fis-sena 325 flimchien mal-Padri grighi u latini tat-tieni u t-tielet seclu, jitħaddtu fuk is-Sawm tar-

---

(1) Jerem. XLI, 2.

(2) Encicl. Popolare, Vol. VI, v. *Digiuno.*

Randan, bħala drawwa kadima kalb l-insara. Mela ħadd ma jista' jiċħad li r-randan ma għandux bidu sa minn żmien l-Appostli.

Imma li r-Randan chien ta' 40 jum sa mill-ewwel żmenijiet m'hux ta' bil-fors wieħed għandu jemmen. Ara chemm hu hecc, il-chelma latina *Quadragesima* (Randan), li minnha jitħaddtu s-SS. Padri, actarx chienet tfisser *erbgħin siegħa* u mhux *erbgħin ġurnata*; jigifieri, dawc l-erbgħin siegħa li l-Iben t'Alla għadda fil-kabar. U tabilħakk; mill-ittra ta' Santu Irinew, Iskof ta' Ljon, mibgħuta lill-Papa San Vitor, krib is-sena 193, jidher li l-insara ta' dac iż-żmien ma chenux jakblu bejniethom chif għandu jitħares is-Sawm ta' kabel il-Għid, jigifieri, jecc għandhomx isumu jumejn, jew inchella jum u lejl f'dakka. Dan it-tlewwim imbagħad chien il-bidu li xi wħud bdew itawwlu dan is-Sawm, sachemm fis-seclu ħamsa, chien laħak in-numru ta' 36 jum. Wara xi żmien ieħor, il-Papa Gregorju VII, żied erbat ijiem oħra sabiex igħakkad in-numru ta' ġranet tas-Sawm ta' Cristu, u minn dac iż-żmien ir-Randan beda jorbot lill-insara collha (1).

b) *Il-għaliex is-Sawm tar-Randan?* Ħafna huma r-raġunijiet li kanklu l-Cnisja biex torbot lill-insara bis-Sawm ta' 40 jum, imma l-iżjed għal dawn it-tliet ħwejjeġ:

l-ewwelnett, sabiex jigi mitmum il-cliem ta' Cristu, meta kal: "*Jigi żmien li fih l-Għarus* (Gesù) *jinfired minnhom* (mill-Appostli), *u għalhecc isumu f'dawc il-ġranet*" (2);

---

(1) La Grande Encyc., v. *Careme* u l'Encicl. Pop., v. *Quaresima* (Ara ucoll VERMEERSCH, *o.c*, Tom. II, n. 564, u Cap. XVI, D.V., *De Cons.*)

(2) Marc., Cap. II, 19-20; Math. Cap. IX, 15.

it-tieni, sabiex l-insara jagħmlu bħal Gesù u bħall-Profeti Elija u Mosè, li, bħalma għedna, huma wcoll samu erbgħin jum sħaħ;

it-tielet, sabiex il-bniedem irodd ll-Alla l-għaxar biċċa tas-sena (1).

### B) L-erba' taksimiet tas-Sena.

(Quattru tempi)

a) *Meta beda s-Sawm tat-taksim is-Sena?* Scond ma jgħallmu xi wħud mill-għorrief, l-Appostli wakkfu s-Sawm ta' tliet taksimiet biss tas-sena; u dac tar-raba' taksima giè mwakkaf għall-ewwel darba fis-seclu tlieta mill-Papa Callistu (217-223) (2). Scond oħrajn, l-imsemmi Papa wakkaf biss is-Sawm ta' tliet taksimiet tas-sena, u l-Papa Lewni żied ir-raba' wieħed (440-461) (3).

Hu x'inhu fuk il-bidu ta' dan is-Sawm, milli jidher minn cliem il-cbir Papa Lewni (4), nistgħu ngħidu bħala ħaġa żgura, li fis-seclu ħamsa, is-Sawm ta' l-erba' taksimiet tas-sena, chien ilu jorbot lill-insara, imma biss bħala drawwa, għalhecc m'hux lill-insara tad-dinja collha.

Dan is-Sawm actarx chellu bidu fil-Cnisja għat-tpattija tal-genn u xalar mokżież tal-pagani li chienu jtennu erba' darbiet fis-sena. Fis-seclu ħdax il-Papa Gregor VII dan is-Sawm għamlu ligi (5), u għalhecc minn dac iż-żmien il-hawn beda' jorbot lil cullħadd.

---

(1) Cap. XVI, D. V., *De Cons.*
(2) Cap. I, D. LXXVI.
(3) La Grande Encyc. v., *Careme.*
(4) Cap. VII, D. LXXVI.
(5) Cap. IV, D. LXXVI.

b) *Il-għaliex is-Sawm tat-taksim is-Sena?* Il-ħsieb tal-Cnisja Ommna huwa:

l-ewwelnett, sabiex tfaccar lill-insara li ma tul is-sena hemm bżonn li jitnaddfu mill-ħtijiet tagħhom;

it-tieni, sabiex iggiegħel lill-bnedmin tad-dinja jiżżuħajr ll-Alla għall-cbir gid li ma' tul is-sena fuk wiċċ l-art jinżel mis-Sema;

l-aħħarnett, sabiex Alla jogħġbu jilka' lil dawc iż-żgħażagħ li sewwa-sew f'dawc il-ġranet jintataw għas-servizz Tiegħu waħdu, u sabiex lilhom jagħmel Ministri denji ta' l-Altar u tal-Merħla għażiża Tiegħu (1).

C) Il-Vgejjel.

a) *Meta beda s-Sawm tal-Vgejjel?* Il-chelma *Vgili* hija chelma latina *vigilia*, *vigilare*, li fil-lsien malti tfisser *sahra*, *għasir* jew *tibka' mkajjem*. Dawn il-vgejjel, jew ġranet ta' bla rkâd, għandhom bidu sa mill-ewwel żmenijiet tal-Cnisja ta' Gesù Cristu. L-insara, ma' tul l-ewwel tliet mitt sena tar-Religjon nisranija, ma chenux jistgħu jkimu l'Alla u lil Ibnu wieħed Sidna cħif u x'ħin chienu jridu huma, minħabba l-biża' ta' l-egħdewwa tagħhom, li lilhom chienu jfittxu u jċarċrulhom demmhom. Għalhecc, l-insara chienu jinġabru flimchien, l-iżjed bil-lejl, u imorru f'postijiet imwarba u moħbija, li ħadu l-isem ta' *Catacombi*. Dawn il-gemgħat għall-ewwel chienu jsiru fil-lejl ta' kabel il-Għid, fejn l-Insara chienu jgħaddu l-lejl collu mkajma, jitolbu, icantaw u jisimgħu l-chelma t'Alla, u hemm chienu jdumu sat-tbex-bix, jigifieri sal-wakt li fih il-Feddej tagħna rxoxta mill-mewt għall-ħajja. Maż-żmien, dawn il-lakgħat,

(1) Encicl. Popol., v. *Quattro-tempora.*

bil-ftit il-ftit, żdiedu bil-bosta li ma chenitx tasal festa, chemm dic li tfaccarna fl-imħabba ta' Gesù għall-bniedem, chemm ucoll dic li tfaccarna fl-imħabba ta' dawc li ċarċru demmhom għal Gesù, li f'lejlietha l-insara ma chenux jinġabru. U bħalma f'lejliet il-Għid imkaddes, mat-talb chienu jsumu, hecc ucoll bdew isumu f'lejliet ta' collha chemm huma l-festi l-oħra. Milli jidher, immela, il-*Vgejjel* fil-bidu tal-Cnisja chienu ħafna; iżda, billi l-bniedem minnu-n-nifsu hu ictar mixħut għall-ħażin milli għat-tajjeb, xi wħud mill-insara, minnfloc li chienu jitolbu chienu jagħmlu dac li jakblilhom. Il-għalhecc il-Cnisja fis-seclu XIII katgħet għal collox it-talb ta' bil-lejl u ħalliet biss is-sawm; maż-żmien imbagħad nakkset ucoll il-ġranet tas-sawm b'mod li issa ma jinsabux ħlief erba' *vgejjel* ma' tul is-sena collha. (Can. 1252, § 2).

b) *Il-għaliex is-Sawm tal-Vgejjel?* Sabiex il bniedem ta' cull-tant u tant jiftacar fis-sahriet ta' Gesù l-actar f'dac il-lejl aħrax u kalil li għadda mal-għeżież tiegħu fl'Ort tal-Getzemani, fejn hemm għarak il-għarak ta' demm u reħa ruħu f'idejn l-egħdewwa għall-imħabba u s-saħħa tad-dinja.

Sabiex il-bniedem icun jista' jarfa iżjed bil-ħeffa d-dehen tiegħu lejn is-Sema u jaħseb fuk il-kdusija u l-cobor ta' dac il-jum li jcun gej wara.

Fl-aħħarnett, sabiex jiftacar il-bniedem li m'għandux jorkod u jħalli lill-għadu ta' l-infern jaħtfu, iżda li hemm bżonn li jokgħod b'għajnejh miftuħa jindocra lilu-n-nifsu mid-dufrejn u n-nejbiet tal-*Ljun*, bħalma S. Pietru jwissina, u jagħmel wisk sewwa mita jokgħod jaħseb u jistenna l-miġja ta' Cristu li din tasal bħal berka.

D.) U ġranet oħra.

1. *L-Erbgħât tas-Sena.* Chien jum l-Erbgħa meta il-Kassisin u l-Capijiet tal-Lhud inġabru u ftehmu li jakbdu u jiscarnaw il-Ħaruf bla tebgħa: għalhecc l-ewwel insara, sabiex jibkgħu jiftacru u jfaccru lil ta' wrajhom il-bidu tat-tbatija tal-Feddej tad-dinja bdew iħarsu l-Erbgħat tas-Sena billi jsumu u ma jniġġsux bil-laħam. Għalchemm id-drawwa ta' dan is-Sawm xterdet fost l-insara collha b'ħeffa cbira, dina iżda, katt ma chienet torbot taħt dnub mejjet. U dan nafuh mill-ittra li chiteb San Girolamu (fis-seclu IV) lil waħda mara tajba, jisimha Marcella, fejn kallha li ma' tul is-sena m'hemmx irbit ieħor tas-sawm, ħlief dac tar-Randan. Għalhecc, bil-ftit il-ftit, din id-drawwa bdiet titlef il-kawwa tagħha sachemm fl-aħħarnett giet fix-xejn. Il-lum il-ġurnata immela l-ebda rbit m'hemm tas-sawm nhar t'Erbgha.

2. *Il-Gimgħat tas-Sena.* Chien jum il-Gimgħa meta l-Ħaruf li jaħfer id-dnubiet tad-dinja giè mimdud u msammar fuk il-ħarxa għuda tas-Salib u msallab bejn żewġ ħallelin. Chien ucoll jum il-Gimgħa meta l-istess Feddej tagħna mill-kuċċata tal-Calvarju semma' leħnu l-id-dinja collha meta kal *Collox mitmum.* Għalhecc ucoll l-ewwel insara, fuk l-eżempju ta' l-Appostli, bdew iħarsu dac il-jum tant għażiż bis-Sawm ta' bla tniggis. S. Clement ta' Li-xandra (1) u Tertulljan (2) jitħaddtu bic-ċar fuk din id-drawwa, iżda xejn ma jgħeidulna fuk il-kawwa tagħha. Biss nafu li meta s-Sawm ta' nhar t'Erbgħa chien spiċċa għal collox, is-Sawm tal-Ġmigħej chien għadu jitħares. Iżda, maż-żmien, in-nisrani beda

(1) Sprom. VI, 75.
(2) De Jej., XIV.

jibred u ma jatix cont ta' dac il-jum imkaddes. Għalhecc il-Cnisja, sabiex fl-istess ħin tnakkas id-dnubiet, neħħiet cull rabta ta' Sawm, imma ħalliet biss u riedet li f'dac il-jum ma jittichilx laħam, u dana collu biex f'moħħ il-bniedem jibka' maħżuż għal dejjem il-jum tal-fidwa tiegħu (1). Il-Papa Onorju III (1216) chien l-ewwel wieħed li tâ li jittiechel il-laħam, (barra lill dawc li chienu marbuta minn xi wegħda jew regula) nhar ta' Gimgħa cull meta f'dan il-jum jaħbat il-Milied imkaddes (2). Din il-ligi, bejn wieħed u ieħor, għadha torbot fi żminijietna, chif għad ingħeidu il-kuddiem.

3. *Is-Sibtijiet tas-Sena.* Chien għoddu daħal jum is-Sibt meta Giuseppi minn Arimathea u ħabibu Nicodemu difnu lil Gesù f'kabar ġdid. L-insara b'tifchira u b'kima lejn din id-difna ta' Cristu, bdew itawlu s-Sawm tal-Gimgħa sas-Sibt collu (3). Ara chemm hu hecc, Tertulljan sejjaħ is-Sawm ta' nhar ta' Sibt *il-bkija tas-Sawm* (4) tal-Gimgħa. Fl-aħħar tas-seclu III is-Sawm ta' nhar ta' Sibt chien jitħares mill-insara collha; imma l-Concilju ta' Elvira (Can. XXVI) għamel li dan is-sawm ta' bla tniggis isir darba fix-xahar, imbarra x-xhur ta' Lulju u ta' Awwissu li fihom m'għandu jcun hemm l-ebda rabta, u fl-

---

(1) S. C. de Prop. Fide, 14 Sept. 1663; S. C. Off., 30 Jan. 1765.

(2) Cap. 3, X, *De Abst. et Jej.*, III, 46.

(3) Xi wħud mill-chittieba jgħidu li din id-drawwa tas-Sawm ta' nhar ta' Sibt daħlet kalb l-insara wara li l-Appostlu Pietru chien għadda dac il-jum fit-talb u fis-Sawm sabiex ihejji ruħu għal lakgħa mas-SaħħarSimew-ni li chellha ssir il-jum ta' wara (Act. Ap. VIII, 18). — Ara English Encyc. v. *Abstinence.*

(4) De Jej., XIV.

istess wakt kal ucoll li dan is-Sawm m'għandux icun magħdud iżjed bħala bkija tas-Sawm tal-Gimgħa. Iżda mbagħad il-Papa Gregorju VII (1073-1085) fis-sitta sena tas-Saltna tiegħu, bi cliem l-iżjed ċar, reġa' rabat lill-insara b'ligi, li biha ma chienx jista' jittiechel laħam nhar ta' Sibt tal-gimgħat collha, jecc, għall-inkas, f'dac il-jum ma taħbatx xi festa cbira jew imħabba xi mard (1). Din il-ligi ta' Gregorju bakgħet miexja għal żmien twil; imma ġa-la-darba mill-erba irjiħ tad-dinja beda jsir talb lil Ruma sabiex din il-ligi chiecu titneħħa, fil-ligijiet il-ġodda giet imneħħija għal collox. Għalhecc issa l-ebda rbit m'hemm fis-Sibtijiet tas-sena ħlief biss f'dawc tar-Randan chif naraw iżjed il-kuddiem.

4. *L-Avvent.* Il-chelma *avvent* tfisser *migja,* u l-Cnisja tat dan l-isem lil dac iż-żmien li fih tibda tokrob il-migja ta' Cristu fid-dinja, u fl-istess ħin riedet li l-insara, ihejju rwieħhom bit-talb u s-Sawm. Xhieda ta' dan is-sawm jatina l-Papa Innocenzu III (2) u l-*Breviar Ruman* fejn fil-ġranet tal-*Avvent* igib l-istess talb ta' penitenza sewwa-sew bħal dac li chien isir fil-ġranet tas-Sawm ta' ma' tul is-sena. L-insara tal-Vant għadhom sal-ġurnata tal-lum ihejju rwieħhom bis-Sawm għall-migja tal-Messija.

Milli jidher, iżda, is-Sawm tal-*Avvent* ma giex milkugħ u mħares mill-insara collha tal-Punent; għal-hecc il-Papa Piju VI għamel li dan is-Sawm jorbot darbtejn biss fil-gimgħa ma' l-Italja collha, imma wara giè mneħħi għal collox (3).

5. *Rogazioni.* Il-chelma *Rogazioni* tfisser *talb.* Il-ġranet tar-*Rogazioni* għandhom bidu mill-Iskof

---

(1) Cap. XXXI, D. V, *De Cons.* (in III Dec.).
(2) Cap. 2, X, *De obser. jejun.*, III, 46.
(3) Encicl. Popol., v. *Avvento.*

Mamertu krib is-sena 470 li, fil-wakt li t-theżhiż ta' l-art, in-nar, il-bhejjem selvaggi chienu għoddhom kerdu l-inħawi ta' Vienna fi Franza, flimchien malmerħla tiegħu għamel wegħdiet li jsir talb u sawm għal tliet ijiem sħaħ, u gew magħżula t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa ta' kabel "Lapsi" jew it-tlugħ ta' Gesù Cristu fis-Sema.

Dan it-talb imbagħad malajr inxtered kalb l-insara u fis-sena 511 l-ewwel Concilju ta' Orleans xerdu ma' Franza collha; fis-sena 517 il-Concilju ta' Girona daħħlu fi Spanja. F'Ruma daħħlu l-Papa Ljuni III fis-seclu tminja.

Jum ieħor li bil-bosta jixbaħ lir-*Rogazioni* hu dac ta' *San Marc* li għandu bidu mis-sena 589; iżda la l-wieħed u l-ankas l-ieħor ma gew imħarsin mill-insara collha; għalhecc, sa minn żmien ilu, dawn il-ġranet m'għadhomx jorbtu iżjed bis-sawm (1).

### 6. Is-Sawm jorbot taħt dnub mejjet.

Xi wħud mill-għorrief ta' żmien ilu chienu jgħalmu illi min ma jħarisx is-Sawm tal-Cnisja ma jagħmel ebda dnub mejjet, basta iżda dan ma jagħmlux b'inchejja lill-istess Cnisja (2). Dan it-tagħlim, iżda, sa mill-ewwel deher bħala tagħlim karrieki, jigifieri contra dac tal-Cnisja Mkaddsa li din la tista' tkarrak u inkas titkarrak; għalhecc il-Papa Alessandru VI malajr għamel ħakk minnu u katgħu bħala tagħlim *karrieki, ħażin* u *li jwakka' fid-dnub* għaliex min

---

(1) Encicl. Popol., v. *Rogazione.*

(2) "*Frangens jejunium Ecclesiae, ad quod tenetur, non peccat mortaliter, nisi ex contemptu vel inobedientia hoc fiat, puta, quia non vult se subjicere praecepto.*" Prop 23. Ara: DENZ-BAWM: *Enchyr. sym. et def.*, n. 1123.

ma jsumx, icun k'ed jicser il-ligi tal-Cnisja—u chiecu l-Cnisja chienet taħsibha bħal daw' it-taparsi għorrief, jigifieri tagħmel dnub mejjet meta ma ssumx bil-ħsieb li tinchi l-Cnisja, chiecu ma għandniex xi ngħidu, is-Sawm chien jigi fix-xejn! Il-Cnisja, sa mill-bidu tat-twakkif tagħha, dejjem hecc ħasbitha; ara chemm hu hecc, fl-ewwel ligijiet tal-Cnisja nsibu li dawc il-kassisin li ma chenux iħarsu r-Randan chienu jiġu mneħħija u mibgħuta l-barra mill-post tagħhom, u l-insara chienu jiġu mifruda (scumnicati) mill-oħrajn li jħarsu s-Sawm (1). U l-Concilju ta' Cangra fit-380 għarraf u hedded mill-ġdid l-istess twaħħil contra dawc li ma jsumux meta trid il-Cnisja.

Minn dan immela jidher biċ-ċar illi sa mill-bidu l-Cnisja chienet torbot għas-Sawm taħt dnub mejjet; u li dan chien il-ħsieb u t-tagħlim tas-Santi Padri jixhidulna l-imsemmi Concilju ta' Orleans.

Il-ligijiet tal-Cnisja m'hux biss il-kodma (2) imma wcoll il-ġodda (3) iridu ta' bil-fors illi s-Sawm jitħares mill-insara, basta imma ma jcunx hemm xi ħtieġa li din tcun imbagħad tista' teħlishom minnu chif għad infissru iżjed il-kuddiem. Id-dawl ta' moħħna jurina u jnebbaħna illi meta xi ligi titchellem fuk affarijiet ta' siwi cbir għandha torbot taħt ħtija cbira. U min ma jifhimx, minn dac li għedna, chemm hu ta' siwi cbir is-Sawm? Min ma jarax il-gid li jagħmel fir-ruħ li hu akwa mill-gid tal-gisem?

Għalhecc, bil-ħakk collu, il-lum, ħadd mill-għorrief tal-Cnisja ma jitħasseb u jżomm li ma jagħmilx dnub mejjet min għal xejn b'xejn ma jħarisx is-Sawm, avvolja dan jagħmlu mingħajr ebda nkejja lill-Cnisja.

---

(1) Canones Apost., Can. 69.

(2) Dist. III et V, *De Cons.*

(3) C. I. C. Lib. III, Tit. XIV.

## L-EWWEL CAP

### X-inhi il-Ligi tas-Sawm u tal-Astinenza

#### I Art. Il-Ligi tas-Sawm waħdu

Il-ligi l-kadima tas-sawm chienet iggib magħha tliet ħwejjeġ li huma: a) icla waħda sħiħa, b) li wieħed ma jiecolx laħam jew ucoll bajd, ħalib u ħwejjeġ oħra mniġġsin minn dawna, c) il-ħin ta' l-icla (1).

Il-ligi l-ġdida tas-Sawm trid : *illi icla waħda biss għandha ssir ma' tul il-ġurnata; iżda ma tridx li fil-għodu u fil-għaxija ma jittieħidx xi ħaġa tal-ichel, basta iżda fuk il-chemm u liema ħwejjeġ jittieclu jigi mħares l-użu magħruf tal-pajjiż* (2).

Minn dan tidher biċ-ċar id-differenza cbira li tgħaddi bejn il-ligi tas-sawm il-kadima u l-ġdida. Jecc dic ta' l-ewwel chienet trid tliet ħwejjeġ, tat-tieni trid ħaġa waħda biss: *icla waħda.* Il-*ħin*, immela, tal-icla ma jindaħalx iżjed fis-sawm, u *li wieħed ma jiecolx laħam* saret ligi għaliha, il-ligi jiġifieri tal-*Astinenza*. Fi cliem ieħor l-*essenza* tas-sawm tinsab f'icla waħda biss, jiġifieri f'dic l-icla li aħna

---

(1) WERNZ, *o.c.*, n.417; S. ALPHONSUS, *o.c.*, II, n. 1004

(2) Can. 1251 § 1. *Lex jejunii praescribit ut nonnisi unica per diem comestio fiat; sed non vetat aliquid cibi mane et vespere sumere servata tamen circa ciborum quantitatem et qualitatem probata locorum consuetudine.*

nsejħu l-*icla ta' nofs-inhar* jew *pranzu*. Barra din l-icla jistgħu jsiru żewġ icliet oħra żgħar, dic ta' fil-għodu, li aħna nsejħu *colazion*, u dic ta' fil-għaxija jew *cena*: għalhecc sabiex nifhmu aħjar chif għandu jitħares is-sawm, jinħtieġ li nitħaddtu fuk dawn it-tliet icliet u nuru chif għandhom isiru.

### I. L-icla ta' nofs-inhar jew Pranzu.

Fl-imgħoddi icla waħda biss chienet issir ma' tul jum is-sawm u din chienet issir ma' nżul ix-xemx. Dina d-drawwa bakgħet sejra sas-seclu XII bħalma jidher mill-Ctieb ta' Micrologo (1) u minn cliem San Bernard (2). Fis-seclu XII imbagħad insibu li l-icla bdiet issir għal ħabta tat-tlieta (3). Fl-aħħar snin tal-istess seclu il-cbir għaref frangiscan Ricard minn Middleton għallem illi l-icla tista' ssir f'nofs-inhar għaliex m'hux biss dan l'użu chien ilu jinsab f'ħafna nħawi, imma wcoll għaliex il-ħin m'hux wisk meħtieġ għas-sawm daks chemm hu meħtieġ li ssir icla waħda biss (4). Dan it-tgħalim tal-imsemmi għaref gie milkugħ minnufih mill-għorrief l-oħra u għalhecc fis-seclu XIV l-icla bdiet issir f'nofs-inhar tista' tgħid mill-insara collha.

Fuk il-*chemm* u *liema* ħwejjeġ chienu jistgħu jittieclu f'din l-icla ftit u xejn igħidulna l-cotba antichi. Immorru issa, immela, naraw il-*ħin*, il-

---

(1) Migne, *P. L.*, t. CLI, col. 1013.
(2) Migne, *P. L.*, t. CLXXXIII, col. 174.
(3) S. Thomas, II, II, q. 147, a. 7; Alexander Halens. *Summa Theol.*, p. 4., q. 103, m. 2.
(4) *In IV Sent*, l. IV, d. XV, a. 3. q. VII.

*chemm* u *liema* ħwejjeġ jistgħu jittieclu scond il-ligi l-ġdida.

a) *Il-ħin tal-Pranzu.* Il-ligi l-ġdida xejn ma tgħidilna fuk il-*ħin* tal-*Pranzu* ; biss tgħidilna li m'hux projbit nibdlu l-icla ta' nofs-inhar ma' dic ta' fil-għaxija (1). Għalhecc, fuk din il-ħaġa, wieħed għandu jimxi fuk l-użu. L-użu tal-biċċa l-cbira tal-insara huwa dac li jieclu ma' nofs-inhar, imma fejn hemm l-użu l-ieħor li l-icla ssir għal ħdax jew ucoll wara nofs-inhar m'hemmx għalfejn wieħed ibiddel. Sabiex imbagħad wieħed jista' jiecol *kabel il-ħin* l-igib l-użu bla ma jgħamel ebda dnub, jinħtieġ li ma jibdiex jiecol iżjed min-nofs siegħa kabel il-ħin, għaliex inchella, scond x'uħud, jagħmel dnub *ċchejchen biss* jecc icun chiel kabel mingħajr ebda bżonn. Għal xi bżonn, immela, imkar ċchejchen, wieħed jista' jibda jiecol x'ħin irid hu. *Wara il-ħin* imbagħad, sew għal bżonn chemm ucoll mingħajr bżonn, wieħed jista' jħalli l-icla għal x'ħin irid hu: ictar ma wieħed itawwal jew idum ma jiecol ictar icun kigħed igħakkes il-gismu.

Il-*pranzu* jista' jtul għal sagħtejn, tlieta u erba' ucoll fejn jinsab dan l-użu, basta imma wara sagħtejn ma jitticlux ħlief ħwejjeġ ħfief, ingħidu aħna ħelu, frott u ħwejjeġ oħra bħal dawn; u meta jiġri dan l-ankas icun meħtieġ li titħalla l-icla ta'fil-għaxija (2).

Jecc il-*pranzu* jigi maktugħ *għal xi bżonn* imkar ċchejchen, jista' jitcompla wara jecc dac l-icun ikum mill-mejda *bil-ħsieb* l-icompli jiecol wara li jeħles; din hi ħaġa żgura jecc il-ħin tal-kata' (bejn iż-żewg icliet, biex ingħid hecc) ma jcunx itwal min-

---

(1) *Nec vetitum est......serotinam refectionem cum prandio permutare.* Can. 1251 § 2.

(2) A Coronata, *o. c.*, n. 301, g).

*nofs-siegħa*; jecc imbagħad itul iżjed min-*nofs-siegħa* iżda m'hux *ictar minn siegħa*, l'għorrief ma jakblux bejniethom: x'uħud iżommu li l-icla tcun għada tista' titcompla. Jecc imabgħad dac l-icun ikum mill-mejda *bla-ebda-ħsieb* l-icompli jiecol wara, imkar il-ħin li jgħaddi icun inkas min-nofs-siegħa, xi għorrief iżommu li l-icla ma tistax titcompla. Iżda, ġa-la darba hemm oħrajn contra tagħhom, u m'hux ta' min imakdarhom, dac ucoll li jcun kam minn fuk il-mejda bla ebda ħsieb li jcompli jiecol wara, jista', bla biża' ta' xejn, icompli jiecol għal affari tiegħu (1)

Meta il-*pranzu*, għal xi *bżonn cbir* jigi maktugħ imkar għal sagħtejn, tlieta u erba', jidher biċ-ċar li jista' jitcompla wara, għaliex il-Cnisja, Omm ħanina, lil ħadd ma ggigħel igħaddi jum sħiħ bla ma jiecol chemm jinħtieġ.

b) *Il-chemm tal-pranzu*. L-ankas fuk *chemm* għandu jcun il-*pranzu* ma titchellem il-ligi tas-sawm; għalhecc wieħed jista' jiecol chemm irid hu, u jecc ucoll iżjed milli jcollu bżonn, ingħidu aħna sa jixcatta, u dana jagħmlu m'hux biss bil-ħsieb li ma jacchisx il-gismu, imma sabiex lilu jpaxxi u ikankal, dana it-tali, jecc ma jiecolx ħwejjeġ oħra barra din l-icla, icun iħares il-ligi tas-sawm, u għalhecc l-ebda dnub ma jgħamel contra tagħha, għad li jidneb contra il-virtù tal-kies (temperanza) u virtujiet oħra. Minn dan jidher biċ-ċar li ebda mertu ma jista' jcollu kuddiem Alla sawm bħal dana, iżda contra il-ligi tal-Cnisja l-ebda dnub ma isir għaliex l-iscop tal-ligi ma jakâx taħt il-ligi.

c) *X'jiswa fil-pranzu*. Hawn ucoll il-Cnisja tiftaħ idejha u tħalli f'idejna fuk il-għażla tal-ħwejjeġ li jittieclu fl-icla ta' nofs-inhar. Għalhecc fil-ġranet

---

(1) A CORONATA, *o.c.*, n. 301.

tas-sawm, f'nofs-inhar, wieħed jista' jiecol laħam, ħut, bajd, ġobon u x'naf jiena. Anzi l-ligi l-ġdida tgħidilna ċar u tond illi jista' jittiechel laħam u ħut fl-istess icla (1), u hecc dic il-ligi ta' dari li l-Papa Benedett XIV chien għamel lil dawc li fil-wakt li f'jum is-sawm chienu jistgħu iniġġsu bil-laħam bla ma iżda jħalltu il-ħut (2), tilfet il-kawwa tagħha collha.

## II. L-icla ta' fil-għaxija jew Cena.

Bħalma diġà għedna, din l-icla, fiż-żmenijiet ta' kabel, ma chenitx tinsab, il-għaliex icla waħda biss chienet issir ma' tul jum is-sawm. Imma meta l-icla bdiet issir għal ħabta ta' nofs-inhar, nħass il-bżonn li għal fil-għaxija tittieħed xi ħaġa wcoll. Din id-dakxejn ta'icla ħadet l-isem ta' *cena* mil-latin *cœnula*. Il-Cnisja chienet għalket għajnejha fuk din id-drawwa ġdida, u sa ftit snin ilu ma chenitx tchellmet fukha; għalhecc ma naksux minn dawc l-egħdewwa li minn ħabba hecc chienu ħaduha contra l-Cnisja u l-insara.

Għedna "sa ftit snin ilu" għax sewwa-sew meta il-Cnisja ħarget il-*Codici* tagħha tchellmet fuk iċ-*Ċena* fil-ligi 1251 § 1 fejn kalet li fil-ġranet tas-sawm wieħed jista' jieħu xi ħaġa ta' ichel għal fil-għaxija basta, imma, fuk il-chemm u liema ħwejjeġ jittieclu jigi mħares l-użu magħruf tal-pajjiż.

Issa, sabiex incunu nafu chif għanda tcun din l-icla, immorru naraw:—

---

(1) *Nec vetitum est carnes ac pisces in eadem refectione permiscere*. Can. 1251 § 2.

(2) Encyc. *Non ambigimus*, 30 Maji 1741 § 4. Ara ucoll GASPARRI, *C. J. C. Fontes*, Vol. I, n. 308.

a) *Il-ħin tac-cena.* Fiż-żmenijiet imgħoddija dina l-icla, sewwa-sew chif jurina l-isem latin tagħha *Collatio vespertina*, fir-Randan chienet issir għal ħabta ta' *l-Ave Maria* u fil-ġranet l-oħra, għal ħabta tat-tlieta. Iżda din chienet biss drawwa u m'hux ligi mictuba, u għalhecc il-għorrief chellhom ħafna x'igħidu bejniethom fukha. Il-Cnisja stess, fil-ligi ġdida tagħha, l-ankas tgħidilna xejn fuk *x'ħin* għandha ssir din l-icla, tgħidilna biss "fil-għaxija": iżda mit-tlieta ta' wara nofs-inhar (u kabel ucoll) sa nżul ix-xemx (u wara wcoll) incunu diġà ninsabu *fil-għaxija.* Il-ħin mela hu f'idejna, u bħalma il-*ħin* m'hux meħtieġ fl-icla l-cbira, wisk inkas m'hux meħtieġ fl-icla ta' fil-għaxija. Anzi l-Cnisja tħalli ucoll f'idejna, jecc incunu rridu, nibdlu l-ħin tac-*cena* ma dac tal-*pranzu* (1).

Jecc wieħed, għax id-dawwar, fil-wakt li jcun jiecol jisma' jdokk nofs-il-lejl, dan icun obbligat iħalli jew jakta' l-icla tiegħu jecc il-jum li jcun dieħel icun jum is sawm ucoll, jew sawm bl-astinenza? Għal din il-mistoksija xi għorrief iwieġbu lè, għaliex la bdiet l-icla jinħtieġ li tispiċċa. Oħrajn iżda, u actarx dawn igħallmu tajjeb, igħidu li, min icun irid isum il-għada, jinħtieġlu jakta' l-ichel ma nofs-il-lejl, il-għaliex dac il-ħin sewwa tibda ġurnata oħra u sawma ġdida. Ara chemm hu hecc, jecc inti tinzerta tiecol il-laħam, ingħidu aħna il-Ħamis bil-lejl u jilħak idokk nofs-il-lejl m'hux jewwilla dmirec li ma żżidx tiecol laħam? Jecc jidhirlec li tista' tcompli tiecol jinħtieġ ingħidu li nhar ta' Ġimgħa jiswa l-laħam.

b) *Il-chemm tac-cena.* Fuk *chemm* wieħed jista' jiecol fil-għaxija bla ma jiccer is-sawma l-għorrief minn dejjem chellhom x'igħidu bejniethom bl-aħrax.

---

(1) Ara il Can. 1251 § 2 fil għadd 21.

Ara chemm hu hecc, xi wħud minnhom chienu jgħidu li ma tistax tiecol *iżjed minn ukitejn*; oħrajn chienu jżommu li sa *erba'* ma tagħmilx dnub; oħrajn imbagħad chienu jgħallmu li fil-għaxija wieħed jista' jiecol daks *ir-raba' biċċa ta' l-icla l-cbira*; oħrajn chienu jgħidu wcoll li wieħed m'għandux igħaddi *it-tmint ewwiek*; oħrajn fl-aħħarnett chienu jokogħdu fuk id-*drawwa tal-pajjiż*. Il-Cnisja, fost dan il-ħafna tagħlim li ma jakbilx wieħed mal-ieħor, fil-ligi il-ġdida tagħha marret tilka' u żżomm dac tal-aħħar, jigifieri li fuk chemm wieħed jista' jiecol fil-għaxija jinħtieġ jara u jħares id-drawwa tal-pajjiż, u b'hecc inkata it-tlewwim collu. Fuk hecc ma nistgħux ingħidu sewwa-sew *chemm* għanda tcun l-icla ġa-la-darba cull pajjiż, tista' tgħid, għandu id-drawwa tiegħu. Iżda d-drawwa l'iżjed mexxejja hija dic li wieħed ma jicolx iżjed *mir-raba' biċċa* tal-icla ta' nofs-inhar. Għalhecc, jecc il-pranzu jcun jiżen, bejn wieħed u ieħor, mat-32 ukija, fil-għaxija tista' tiecol tmint ewwiek li jiswew ma' dwar 250 gramma.

Imma, bħalma wieħed jara, din ir-regula tar-raba' biċċa tal-pranzu jew ta' tmint ewwiek ichel, m'hux lil cullħadd takdi xorta waħda: issib minn dawc in-nies li tmint ewwiek ichel huma iż-żejjed għalihom, oħrajn imbagħad għandhom bżonn iżjed. U mbagħad min hu dac li fil-ġranet tas-sawm sejjer jokgħod bil-miżien f'idejh sabiex jara jieħux ictar jew inkas milli għedna? Għalhecc jidhirli li jgħid sewwa bil-bosta l-għaref Genicot illi m'hux ta' min iċanfru lil dac li, sabiex icompli jsum il-ġranet collha, l-ictar fir-Randan, jieħu xi ftit iżjed minn għaxart ewwiek ichel. Il-Cnisja, icompli jgħid l-imsemmi għaref, ma donniex trid tagħfas wisk lill-insara, l-ictar fi żmenijetna meta huma ftit wisk dawc li għadhom iħarsu is-sawm. (1).

bix-xaħam, bil-grass jew sonża (*lardu*) (1). U dac il-fdal li jibka minn dana wara li jigi mdewweb, il-kriekeċ jigifieri, jista' jittiechel bla biża' ta' xejn għax m'hux magħdud mal-laħam (2).

### III. L-icla iż-żgħira ta' fil-għodu jew colazion

Minn ftit taż-żmien il-hawn daħlet ucoll id-drawwa li fil-għodu wieħed jieħu xi ħaġa tal-ichel imkar icun jum is-sawm. Il-Cnisja mkaddsa, wara li ħasbet collox, għaddietha din id-drawwa fil-ligijiet tagħha (3). Minn hawn jidher ucoll chemm il-Cnisja hi tabilħakk Omm ħanina, għax fejn hi *ligi tagħha* katt u katt ma nakset li ma timxix scond ir-riħ u l-mewġa taż-żmenijiet collha.

La darba hu hecc, din l-icla ċ-ċchejcna tista' issir minn cullħadd, jigifieri minn dawc ucoll li jistgħu jgħaddu mingħajra, basta imma li, scond ma trid il-ligi, sew fuk il-*chemm* chif ucoll fuk *liema* ħwejjeġ jittieclu, tigi mħarsa d-drawwa tal-pajjiż.

---

baħ lil *margarina* max-xaħam tal-annimali u mal-butir. L-istess Penitenzerija mbagħad fis 17 ta Novembru 1897 (ad II) wieġbet scond ma chien kal is-Sant' Officju fis-sena ta' kabel.

(1) Is-Sant'Officju fl'1 ta' Mejju 1889 wieġeb li taħt l-isem ta' *xaħam* jigi miftihem m'hux biss dac tal-majali iżda tal-bhejjem collha, contra dac li chienet kalet is-S. Penitenzerija fis-16 ta' Jannar 1834. Ara MONITORE ECCL., I, p. 382, n. 18.

(2) S. Poenit., 17 Nov., 1897, 1°.

(3) "*Lex jejunii...non vetat aliquid cibi* mane *sumere, servata tamen circa ciborum quantitatem et qualitatem probata locorum consuetudine*". Can. 1251 § 1.

Mela mmorru naraw, fi ftit cliem, il-*ħin*, il-*chemm*, u *liema* ħwejjeġ jiswew fil-għodu, sabiex il-ligi tassawm titħares chif imiss.

a) *Il-ħin tal-Colazion.* Fuk din il-ħaġa ftit wisk għandna xi ngħidu għax, għad li l-ligi tgħidilna "*fil-għodu*" (*mane*)--li scond it-tifsir marsus tal-chelma jiftihem mit-tbexbix sat-tmienja jew id-disgħa — id-drawwa ta' din l-icla ma gibitx magħha ħin wieħed, imma, biex ingħid hecc, cull bniedem għandu l-ħin tiegħu. Imbagħad, mill-aħħar sal-aħħar, il-chelma "*fil-għodu*" m'għandniex ta' bil-fors niħduha fit-tifsir *marsus* tagħha, imma taħt it-tifsir *wasa'* tagħha ucoll, u, għalhecc, jidhirli jiena, wieħed jista' jagħmel il-*colazion tiegħu xħin irid hu* sew kabel it-tbexbix chemm ucoll wara id-disgħa.

b) *Il-Chemm tal-Colazion.* Fuk *chemm* wieħed jista' jiecol fil-*colazion* jinħtieġ li nħarsu wcoll lejn id-drawwa tal-pajjiż għax hecc tgħid il-ligi. Tassew li cull pajjiż, tista' tgħid, għandu d-drawwa tiegħu, iżda l-għorrief igħidu li l-ichel, bejn wieħed u ieħor u bla ma nkisu l-merak, *m'għandux icun iżjed minn ukitejn*, u, jecc ma niżbaljax, din hi d-drawwa ta' Malta u Għawdex. Immela sa' wkitejn collox sewwa; min jieħu ictar, ixellef jew jicser għal collox is-sawma scond il-*chemm* li jieħu iżjed minn ukitejn. M'hemmx bżonn, imma, li wieħed jokgħod bil-miżien f'idejh, u l-ankas għandu jiddejjak jecc jieħu xi ħaġa iżjed mita fil-ġranet ta' bla sawm, bejn il-*colazion* u l-*pranzu*, icun imdorri jieħu xi ħaġ'oħra l'issa jħalli (1). Min imbagħad ma jistax jagħmel dmiru sewwa jecc ma jittrejjakx chif imiss, m'hux marbut iżjed għas-sawm, bħalma għad ingħidu l-kuddiem.

---

(1) NOLDIN, *o.c.*, n. 683.

c) *X'jiswa fil-Colazion.* Hawn ucoll jinħtieġ li inħarsu lejn id-drawwa tal-pajjiż, billi m'hux fil-pajjiżi collha jittiechel ichel wieħed. Fil-pajjiżi tal-Ewropa ta' fuk ictarx għandec issib ma' cullimchien li fil-għodu jinxtorob il-ħalib u jittiechel il-bajd u il-butir; u l-istess Papa Piju X chien tâ lin-nies tad-Dalmazja li fil-għodu jista' jittieħed il-ħalib (1).

Għalchemm xi wħud mill-għorrief ta' żmenijietna jgħidu li l-ħalib fil-għodu, fil-ġranet tas-sawm ucoll, huwa drawwa mad-dinja collha (2), f'Malta u Għawdex din id-drawwa ma tinsabx jew, għall-inkas, mhix magħrufha chif titlob il-ligi; għalhecc il-ħalib fil-għodu hawn fostna ma jiswiex. Imma mill-banda l-oħra, la darba huma ħafna dawc li jieħdu l-ħalib ta' culljum, issib xi wħud igħidulec li fil-ġranet tas-sawm ibatu jecc ma jieħdux dac *il-ftit* ħalib, u, minn xi dakkiet ucoll, iħallu s-sawm għal collox. Dawn l-insara ma għandhomx jaħsbu li għalhecc huma meħlusin mid-dmir tas-sawm, imma l-ankas għandhom jaktgħu kalbhom u jibżgħu il-għaliex dac *il-ftit* ħalib li jieħdu, bħalma sejrin naraw fil-Cap li gej, ma jicsirx is-sawma. It-tè, il-caffè, il-cocotina jistgħu jittieħdu ma' cullimchien; xi ftit cawcaw igħaddi wcoll (3). Il-bajd u l-butir, hawn Malta, żgur li le.

---

(1) Breve "*Romani Pontifices*" 10 Jul. 1911, III.

(2) A CORONATA, *o.c.*, n. 303; NOLDIN, *o.c.*, n. 683,a).

(3) ARREGUI, *o.c.*, n. 447; TANQUERY, A. - QUÉVASTRE E., *Synopsis Theol. Mor. et Past.*, Ed. V, Romae, 1920, n. 730.

## II Art. Il-ligi tal-Astinenza wħida.

Bħalma għedna, il-ligi tal-astinenza ma għandha x'taksam xejn iżjed mal-ligi tas-sawm, għad li dawn it-tnejn minn xi dakkiet jaħbtu f'dakka. Din il-ligi, immela, ma tridx biss li jittiechel il-laħam u jinxtorob dac li hu maħruġ mil-laħam; iżda ma tridx li ma jittechilx jew ma jinxtorobx il-bajd, il-ħalib u ichel ieħor magħmul minn dana (*latticini*), anzi tħalli wcoll li wieħed jista' jsajjar imkar bix-xaħam, avvolja dan hu meħud mill-bhejjem (1).

Immela, a) fil-ġranet tal-astinenza wieħed jista' jiecol *chemm*, *xħin* u *liema* ħwejjeġ icun jrid hu,basta iżda ma jieħux il-laħam jew ħwejjeġ oħra meħudin mil-laħam fl-ebda ħin ma' tul il-ġurnata collha;

b) fl-istess ġranet tal-astinenza l-Cnisja m'hux biss tħalli li jittiechel il-bajd, il-ħalib u li wieħed isajjar bil-butir u bix-xaħam, imma minn fuk tilka' u xxerred din id-drawwa hemm ucoll fejn, forsi, ma chenitx tinsab kabel;

c) issa l-ebda ġurnata ma tinsab ma' tul is-sena li fiha għall-inkas darba waħda biss ma jistax jittiechel il-bajd, il-butir, il-ħalib u ħwejjeġ oħra minn dawn, u għalhecc spiċċa għal collox dac li aħna conna nsejħu *magru strett*;

d) l-ankas ma għandu wieħed jitħasseb fuk liema ħwejjeġ jistgħu jittieclu fl-icla ċ-ċchejcna ta' fil-għodu u fl-oħra ta' fil-għaxija, avvolja mal-ligi tal-astinenza taħbat l-oħra tas-sawm. Dawn iż-żewġ ligijiet, narġa' ntenni, ma għandhomx x'jaksmu waħda

---

(1) "*Abstinentiæ lex vetat carne iureque ex carne vesci, non autem ovis, lacticiniis et quibustibet condimentis etiam ex adipe animalium*" Can. 1250.

mal-oħra; għalhecc wieħed jara u jifhem sewwa xi trid il-waħda u l-oħra, u, scond ma trid, jobdi.

Il-ligi tal-astinenza mela, ma fiha l-ebda tokol biex tifhimha: biss wieħed jista' jitħasseb xi ftit fuk it-tifsir tal-chelma *laħam*, jew aħjar, fuk x'inhu li tifhem il-Cnisja, meta ma tridx li jittiechel il-laħam. Għalhecc ta' min wieħed igħid chelmtejn fuk it-tifsir tal-*laħam*.

Il-chelma *laħam* fiha nfisha tfisser cull xorta ta' gisem li jitgħajjex bid-demm u l-għadam. Immela il-bhejjem collha, it-tajr collu u l-ħut collu jiġu taħt il-chelma *laħam*. Iżda din il-chelma, scond ma tifhem il-cotra, ma .tfissirx ħlief il-gisem tal-bhejjem u tat-tajr u le tal-ħut. Issa, il-Cnisja meta titchellem fuk l-ichel tal-laħam tifhem biss dac li tifhem il-cotra ; għalhecc il-ħut ma għandux x'jaksam mal-ligi tal-astinenza; biss il-laħam tal-bhejjem u tat-tjur ma jistax jittiechel dac-inhar. Hawn imma tinbet diffìcoltà oħra l-għaliex jinsabu minn dawc il-bhejjem u tajr li jgħixu fl-art u fl-ilma. Fuk dawn wieħed jista' jitħasseb jecc jakgħux taħt il-ligi jew lè. Ara chemm hu hecc l-ankas l-istess għorrief m'huma ta' fehma waħda : biċċa minnhom igħidu illi ma jistgħux jittieclu dawc il-bhejjem u tajr li, għalchemm jistgħu jgħixu fl-art u fl-ilma, għandhom l-istess gisem (demm u laħam) bħal ta' dawc li jgħixu barra l-ilma biss. Oħrajn imbagħad iżommu li l-bhejjem u tajr ta' din ix-xorta jixxiebħu lill-ħut u għalhecc il-gisem tagħhom m'hux laħam scond ma tifhem il-Cnisja.

Iżda fuk din il-ħaġa dakshecc imħawda l-aħjar li wieħed jagħmel hu li jżomm kuddiem għajnejh dac li jgħallimna l-għaref Genicot, meta jgħid li :

l-ewwelnett jinħtieġ li wieħed jara chif taħsibha

il-cotra ta' cull pajjiż, jigifieri jecc dawn il-bhejjem u tajr humiex magħdudin mal-ħut jew mal-laħam;

it-tieni jinħtieġ li jħares lejn id-drawwa tal-pajjiż; u, jecc din ma tcunx biż-żejjed minħabba f'xi bhima jew tajra rari, imbagħad jinħtieġ li wieħed jimxi fuk it-triek li jurina San Tumas, jigifieri: *laħam huma dauc il-bhejjem li jgħammru u jieħdu n-nifs fuk l-art, jew li jgħixu għal żmien twil barra mill-ilma* (II, II, q. 147, a.8);

fit-tieled loc imbagħa l, jecc jibka' d-dubju sew fuk id-drawwa chemm ucoll fuk il-għamla ta' xi wħud mill-bhejjem jew tjur, dawna jistgħu jibkgħu jittieclu għall-inkas sachemm Ruma titchellem iżjed bic-car (1).

Mingħajr ebda biża' huma magħdudin mal-ħut il-bebbux, gandofli, tamar tal-baħar, rizzi, gambli, fchieren u x'naf jiena; iż-żringijiet ucoll (għal fejn jiecluhom) u l-bebbux tal-art (għachierex) l-ankas huma magħdudin mal-laħam; iżda l-għarienak, il gawwi u tajr ieħor bħal dawn huma laħam (2)

Bil-chelma *laħam* għandna nifhmu wcoll il-bcejjeċ collha tal-gisem tal-bhejjem. Jecc immela l-Cnisja ma tridx li jittiechel il-laħam, l-ankas trid li jinxtorob id-demm jew jittiechel il mudollun, il-moħħ, il-lardu u x'naf jiena. Infaccar mill-ġdid li bil-lardu nistgħu nsajjru f'cull jum tas-sena, għalchemm hu laħam; il-ħalib, il-bajd, is-sonża u x-xaħam ma humiex magħdudin mal-laħam (3). L-ankas il-*gelatina* li jssir mill-ħut jew mill-għadam tal-għoġol m'hi mgħaduda b'laħam (4).

---

(1) GENICOT—SALSMANS, *o.c.*, I, n. 443.

(2) ALBERTI, *o.c.*, n. 12; ara wcoll S. ALPHONSUS, *o.c.*, II, n. 1011.

(3) NOLDIN, *o. c.*, n. 675.

(4) VERMEERSCH—CREUSEN, *o. c.*, n. 565.

Il-*Peptoni*, scond xi wħud, jiswew fil-ġranet tal-astinenza wcoll, għax m'humiex laħam chif tifhem il cotra, u l-ankas għandhom togħma ta' laħam (1); scond oħrajn ma jiswewx għax huma magħmulin mill-laħam (2). Min għandu raġun ?—Dawn ta' l-aħħar, jecc jifhmu jitħaddtu fuk il *veri peptoni* u m'hux fuk dawc li jissejħu *pepsina*, *pancreatina* u oħrajn li m'humiex mgħamula mill-laħam. Il-*Liebig* hu laħam, għalhecc ma jiswiex (3). Il-bcejjeċ *Maggi*, *Australja*, *Arrigoni* m'humiex mgħamulin mis-sugu tal-laħam, għalhecc jiswew dejjem (4).

---

(1) Vermeersch—Creusen, *o.c.*, n. 565.
(2) Noldin, *o. c.*, n. 675, 2g.
(3) P. M., 1927, p. 516.
(4) P. M., 1927, p. 513; Noldin, *o. c.*, n. 675, 2.

# IT-TIENI CAP

## Chif jistghu jinchisru l-Ligijiet tas-Sawm u tal-Astinenza

### I Art. Il-Ligi tas-Sawm waħdu

Meta wieħed fehem sewwa x'inhi l-ligi tas-sawm, ma jibka' xejn iżjed x'ifixchel biex jagħraf chif jista' jicsirha. L-akwa tas-sawm, għedna, huwa li wieħed għandu jiecol *icla waħda biss*, għalchemm fil-għodu u fil-għaxija tista' tittieħed xi ħag'oħra, iżda dejjem scond id-drawwa magħrufa tal-pajjiż. Mela, l-ewwelnett, jicser is-sawma min għal t'apposta jew ucoll bla ma nduna jiecol għat-tieni darba; u, għalhecc, f'dac il-jum ma jcunx iżjed fid-dmir għas-sawm; biss, ma jidnibx min jicser is-sawm bla ma jcun irid hu, fil-wakt li l-ieħor jidneb; u dan, tarġa, jidneb *darba biss* u m'hux cull darba l-icun chiel ma' tul dac il-jum. Taf għaliex? Sewwa-sew għax is-sawm irid *icla waħda biss*; immela mat-tieni icla s-sawma tinchiser, u dac li hu micsur darba ma jarġax jinchiser għat-tieni darba bħallichiecu katt ma chien micsur. Minn hawn tara li l-ligi tas-sawm ma takbilx ma' xi ligijiet oħra, bħalma hi dic tal-astinenza, li cull darba li ticsirhom tagħmel dnub żgħir jew mejjet scond il-chisra.

It-tieni tinchiser ucoll is-sawma, jecc fl-icla ċ-ċchejcna ta' fil-għodu (*colazion*) u fl-oħra ta' fil-għaxija (*cena*) jittiechel iżjed minn dac li trid id-drawwa tal-pajjiż. Iżda, jecc wieħed *għax jinsa* jiecol *fil-għodu* iżjed milli jmissu, ngħidu aħna, daks l-icla ta' fil-għaxija, u mbagħad isir jaf li dac-inhar hu dmir tas-

sawm, xi wħud mill-għorrief igħidu li dan il-bniedem icun għadu fid-dmir li jsum, billi jcun għadu jista' jħalli barra jew l-icla ta' nofs-inhar jew l-oħra ta' fil-għaxija, scond ma jcun chiel fil-għodu, jew, għall-inkas, inakkas iż-żejjed li jcun ħâ fil-għodu : u dan jiġri, scond ma jgħidu l-istess għorrief, għax is-sawma tinchiser biss bit-tieni icla (1). Iżda għorrief oħra jgħidu illi la-darba dac iż-żejjed ta' fil-għodu ma chienx għal t'apposta u chien dakshecc li fih in-nifsu huwa biż-żejjed li jicser is-sawma, dana l-bniedem ma jibkâx iżjed fid-dmir li jbiddel jew inakkas mill-icliet l-oħra, għax is-sawma tcun *actarx* diġa' micsura (2). Għalchemm dawc ta' l-ewwel donnhom jaħsbuha aħjar, wieħed jista' jokgħod ucoll fuk dawn tal-aħħar.

Imma l-għorrief *actarx* li l-coll jakblu bejniethom u jgħidu li min, *għax jinsa*, jiecol fil-għodu bħal ġranet l-oħra u mbagħad isir jaf li hu tas-sawm, icun għadu fid-dmir li jissocta isum, bla ma iżda, scond oħrajn, ma jcun fid-dmir inakkas mill-icliet l-oħra (3).

It-tielet tinchiser ucoll is-sawma, jecc wieħed jiecol xi ħaġa barra minn ħinha; iżda, mill-banda l-oħra, sabiex is-sawma tinchiser għal collox jinħtieġ :

a) li din ix-xi ħaġa tcun fiha *iżjed minn ukitejn*, jecc tcun gejja minn ħwejjeġ li fihom infushom jatu saħħa cbira, bħalma huwa l-laħam;

b) jecc imbagħad icun ichel ta' xi ftit saħħa inkas bħalma huwa l-bajd u l-ħalib, xi għorrief iżommu li s-sawma tinchiser meta dan l-ichel ilaħħak *l-erbat ewwiek*, fil-wakt l-oħrajn igħidu li *b'inkas* ucoll tinchiser is-sawma;

---

(1) Noldin, *o.c.*, n. 679; Layman, *o.c.*, l. IV, tr. 8, c. 1, n. 14.

(2) Arregui, *o.c.*, n. 448, n. 2.

(3) Genicot-Salsmans, *o.c.*, I, n. 441;

c) jecc, fl-aħħarnett, icun ichel comuni, sabiex tinchiser is-sawma, scond l-għorrief collha, jinħtieġ li jittieħdu *iżjed minn erbat ewwiek* (1). U mkar dan l-ichel ma jittieħidx f'dakka waħda imma biċċa biċċa ma' tul il-ġurnata, jicser is-sawma wcoll, għax it-teftif tal-ichel jinġabar u jgħakkad icla waħda chif jidher biċ-ċar mit-tagħlim cuntrarju ccundannat mill-Papa Alessandru VII (2). Jecc imbagħad dan l-ichel ma jasalx jew ma jgħaddix il-*chemm* li semmejna ma jicsirx is-sawma, iżda jxellifa biss, biex ingħid hecc, u għalhecc dnub ċchejchen biss isir.

*Ix-xorb jicser is-sawma?* Ma' tul is-sawm jista' jittieħed cull xorta ta' xorb li jservi biex jakta' l-għadx jew igħin ix-xogħol tal-istoncu. Imma l-ħalib, il-bajd imħabbad jew le, il-merak tal-laħam u l-għasel ma jistgħux jittieħdu ħlief biss fl-icla l-cbira għax dawna huma ħwejjeġ li jittieħdu actarx biex jatu s-saħħa milli għal ħaġ'oħra (3).

L-istess ħaġa ngħidu fuk il-frott bħalma huwa l-għeneb, id-dulliegħ, il-larinġ u x'naf jiena, il-għaliex, għalchemm dawn ucoll itaffu l-għadx, m'humiex magħdudin bħala xorb, imma bħala ichel; u ara chemm

---

(1) Genicot-Salsmans, *o.c.*, I, n. 440; Noldin, *o.c.*, n. 678.

(2) "*In die jejunii, qui modicum quid comedit, etsi notabilem quantitatem in fine comederit, non frangit jejunium*". Prop. 29. Ara Denz-Ban., *Enchir.*, n. 1129.

(3) Noldin, *o.c.*, n. 685. Għall-ewwel f'jum is-sawm l-ebda xorb ma chien jiswa' barra mill-icla; iżda, bil-ftit il-ftit, l-użu tax-xorb beda dieħel ġmielu kalb l-insara. Il-għorrief sas-seclu XIII katt ma kablu bejniethom fuk din il-ħaġa: min chien igħid li cull xorb ma chienx jiswa' u min chien igħid li x-xorb ta' kabel l-icla biss u m'hux ta' warajha jicser is-sawma. Il-cwestjoni mbagħad spiċċat mal-għaref San Tumas. Ara II, II, q. 147, a. 6.

hu hecc, aħna ma ngħidux *xrobt* laringa, imma *chilt* laringa. U jecc ma nistgħux nieclu l-frott bla ma nicsru s-sawma, l-ankas ma nistgħu nomogħdu l-frott u nixorbu l-merak tiegħu għad li l-bkija nobskuh barra. Il-bicca tidbiddel jecc insaksu nistgħux nagħsru l-frotta u nixorbuha. Fuk hecc l-ebda biża' ma għandu jcollna għax inchella jinħtieġ ingħidu, contra chemm huma l-għorrief, li l-inbit ucoll barra l-icla ma jistâx jinxtorob. M'hemmx bżonn, jidhirli, infaccar li m'hux malli wieħed jiecol frotta ċchejcna jicser is-sawma : bħalma għedna band'oħra, is-sawm jilka', jew aħjar, ma jinchisirx bi *ftit* ichel. Anzi hija ħaġa magħrufa mill-għorrief collha li, darba jew tnejn ma' tul jum is-sawm, max-xorb tista' tittieħed xi ħaġa żgħira tal-ichel sabiex l-istess xorb ma jagħmilx deni lil gisem. Bil-wisk iżjed immela jistgħu jittieħdu ħwejjeġ oħra żgħar bħala medicina ngħidu aħna xi *conservi* tal-frot jew *mustardini* sabiex ineħħu ittgħoma ħażina, iżommu jew igibu l-leħen u x'naf jiena.

U l-cawcaw jista' jittieħed ma' tul jum is-sawm ? Fuk din il-ħaġa l-għorrief ma jakblux bejniethom. Dawc li jgħidu le jgibu din ir-raġuni li l-cawcaw iżomm u jati s-saħħa lil gisem; oħrajn, għalchemm igħarfu l-kawwa ta' din ir-raġuni, jibkgħu jżommu li l-cawcaw jiswa għax ma jittieħidx bil-ħsieb li jati s-saħħa, imma bħala xorb ieħor ingħidu aħna bħal l-inbit jew bħal birra, u chif dawn, scond cullħadd ma jicsrux is-sawma, hecc ucoll il-cawcaw (1). Oħrajn, flaħħarnett, iżommu li jista' jinxtorob ucoll għax ilcawcaw, fi żmenijietna, huwa *actarx* drawwa ma' cullimchien (2). Milli jidher il-ħaġa m'hix ċara għal

(1) S. Alphonsus, *o.c.*, II, n. 1023.

(2) Brancatius: *Diss. de potu et cibi.*

collox; għalhecc, jecc tista' tgħaddi bla ma tieħu l-cawcaw f'jum is-sawm tagħmel wisk tajjeb jecc tgħacches ftit lil gismec billi tiċħadlu dic il-għaxka; iżda għal chiccra cawcaw tibkax la ssumx.

U min għal chirjanza jieħu minn dac li joffrulu ħbiebu meta jiltaka' magħhom jew imur iżurhom, jidneb dana contra l-ligi tas-sawm ? Scond; jecc jieħu *ictar* minn dac li tħalli jew trid il-ligi, hija ħaġa wisk ċara li jidneb : l-ewwel il-ligi t'Alla u tal-Cnisja mbagħad il-chirjanza u l-ħbiberija tal-bnedmin; jecc jieħu *inkas* jew ucoll *daks chemm* tħalli l-ligi, l-ebda dnub ma jagħmel. Iżda dan li jcun ma għandux sewsew fil-ġranet tas-sawm imur jiltaka' jew iżur lil ħbiebu sabiex minn għand cull wieħed jixrob jew jiecol dac il-ftit li joffrulu : dana żgur icun jiddieħak bil-ligi tas-sawm.

### II Art. Il Ligi tal-Astinenza wħida.

Żmien ilu xi wħud mill-għorrief chienu jgħallmu illi *cull* ichel u xorb li hu gej mil-laħam jicser l-astinenza : fi cliem ieħor, dawn ma chenux jagħżlu bejn *il-ftit* u *l-ħafna*. Imma l-biċċa l-cbira ta' l-għorrief chienu jaħsbuha xort'oħra, jigifieri illi *l-wisk* u m'hux *il-ftit* jicser l-astinenza taħt dnub mejjet. U bil-jedd collu, il-għaliex jecc *il-ftit* ma jicsirx taħt dnub mejjet xi ligijiet tan-natura u t'Alla, bħallichiecu l-ligi contra is-serk, wisk iżjed *il-ftit* ichel jew xorb ma għandux jicser taħt dnub mejjet l-astinenza li hi, collha chemm hi, ligi tal-Cnisja. Iżda, għalchemm dawn il-għorrief chienu jgħarfu dan collu, ma chenux jakblu mbagħad bejniethom fuk *chemm* jew sa fejn għandu jasal dan *il-ftit* sabiex ma jicsirx l-astinenza għal collox. Xi wħud minnhom chienu jżommu li

*l-ftit* għandu jcun daks chemm hu mdorri jieħu l-coc minn biċċa laħam (ta' sajrien wieħed) sabiex itehema. Oħrajn, iżjed ċari imma dejjem irkak, chienu jwasslu dan *il-ftit* sat-tmien biċċa (ta' wkija; oħrajn, sa nosf-ukija; oħrajn sa wkija; oħrajn imbagħad sa ftit iżjed ucoll.

Fi żmenijietna, l-aħjar moralisti u canonisti jgħidu li sabiex tinchiser il-ligi tal-astinenza taħt dnub mejjet, jinħtieġ li jittieclu *iżjed minn ukitejn laħam* (1), u jecc icun merak tal-laħam, jinħtieġ li jcun fih *erbat ewwiek* u m'hux inkas (2).

Immela, biex niftehmu aħjar, jicser il-ligi tal-astinenza u jagħmel dnub mejjet min fil-ġranet tal-astinenza (biss) (a) jiecol iżjed minn ukitejn laħam li jagħmlu ma' dwar 63 gramma, jew (b) jixrob il-merak tal-laħam li jcun fih, għall-inkas, l-istess kawwa u saħħa li jcun fihom ukitejn laħam. Bejn brodu u brodu mela għandec tagħżel kabel ma tgħid li nkast mill-astinenza; imma jecc icun veru brodu huma biż-żejjed 126 gramma merak sabiex ticser il-ligi. Cun af ucoll li ticser il-ligi meta tiecol jew tixrob, icun x'ħin jcun, dakschemm għedna sew f'dakka chemm ucoll biċċa biċċa, u jecc tarġa' tiecol jew tixrob tagħmel dnubiet mejta daks chemm-il-darba tarġa' tiecol jew tixrob. Ir-raġuni hija li l-Cnisja ma tridx li jittiechel il-laħam u jinxtorob il-merak tiegħu ma' tul dac il-jum collu: fi cliem ieħor, il-ligi tal-astinenza *ggiegħel dejjem u għal dejjem*, u għalhecc cull darba li ticsirha tcun k'ed ticsirha mill-ġdid sewwa-sew bħalma tcun ticser mill-ġdid il-ligijiet contra l-ktil u s-serk cull meta toktol jew tisrak. Ma' tul il-ġurnata mela, jist-għu jsiru ħafna dnubiet contra l-ligi li fukha kegħdin

(1) NOLDIN, *o.c.*, n. 674; A. CORONATA, *o.c.*, n. 306, b).
(2) GENICOT-SALSMANS, *o.c.*, n. 444.

nitħaddtu, u fil-Krar hu meħtieġ li jingħad il-għadd tagħhom, jew aħjar, jinħtieġ li tgħid lill-confessur chemm-il-darba tcun niggist bil-laħam ma' tul il-jum tal-astinenza. Jecc imbagħad fil-ġranet tas-sawm biss tiecol jew tixrob (barra mill-icla l-cbira, niftehmu) daks *chemm* jew *iżjed* milli għedna fuk, ma tidnibx contra l-ligi tal-astinenza, imma contra l-ligi tas-sawm biss bħalma rajna fl-articlu ta' kabel. Ir-raġuni hi bil-bosta ċara: fejn hemm il-ligi u m'hux fejn m'hemmx, tista' tidneb contra tagħha.

### III Art. Iż-żewġ Ligijiet f'dakka.

Għalchemm il-ligijiet tas-sawm u tal-astinenza huma żewġ ligijiet li ma għandhomx x'jaksmu waħda ma' l-oħra, minn xi dakkiet jaħbtu f'jum wieħed (1). Għalhecc waħda tista' tinchiser bla ma tinchiser l-oħra, jew ucoll, jistgħu jinchisru t-tnejn f'dakka. Issa chif jista' jiġri dan, imissna nafuh minn dac li għedna; imma, sabiex nakdi aħjar lil xi wħud, sa nżid chelmtejn oħra.

Immela dawn iż-żewġ ligijiet jinchisru f'dakka jecc fil-ġranet tas-sawm u tal-astinenza f'dakka jittieclu iżjed minn ukitejn laħam jew jinxtorbu erbât ewwiek brodu tajjeb *barra mill-ħin tal-icla l-cbira.* Għedna "barra mill-ħin tal-icla l-cbira", il-għaliex inchella tinchiser biss il-ligi tal-astinenza wħidha u m'hux tas-sawm ucoll. Jecc imbagħad minn f'loc il-laħam u l-merak tiegħu, jittiechel jew jinxtorob, *barra minn ħinu,* il-bajd, il-ħalib u ħwejjeġ oħra

---

(1) Liema huma dawc il-ġranet li fihom jaħbat is-sawm u l-astinenza f'dakka, immorru narawhom fil-Cap li ġej.

minn dawna, jidher biċ-ċar li tinchiser il-ligi tas-sawm biss u m'hux tal-astinenza. Sabiex wieħed ma jitħawwadx fuk din il-ħaġa, l-aħjar ħaġa hi li jifhem sewwa u iżomm tajjeb kuddiem għajnejħ x'iridu u ma jridux dawn iż-żewġ liġijiet meħudin għal rashom.

Cull meta dawn il-ligijiet jinchisru f'dakka, isiru, għall-inkas, żewġ dnubiet mejta, wieħed contra is-sawm u l-ieħor contra l-astinenza. Għedna "għall-inkas" il-għaliex, bħalma semmejna kabel, ma' tul l-istess jum wieħed jista' jidneb bosta drabi contra l-ligi tal-astinenza. Fil-Krar jinħtieġ li dawn id-dnubiet jingħadu collha lill-confessur, u biex tifhem aħjar il-għadd tagħhom nispiċċa b'dan l-eżempju. Martin, f'jum is-sawm u l-astinenza f'dakka, chiel il-laħam fid-disgħa, f'nofs-inhar u fil-għaxija Dan Martin dac-inhar għamel erba' dnubiet, wieħed contra is-sawm għax chiel iżjed minn darba, u t-tlieta l-oħra contra l-astinenza għax cull darba li nigges bil-laħam għamel dnub ġdid.

## IT-TIELET CAP.

### Il-ġranet tas-sawm u tal-astinenza.

Wara li tchellimna fuk x'inhuma u chif għandhom jitħarsu l-ligijiet tas-sawm u tal-astinenza, jixrak issa li ncunu nafu f'liema ġranet għandna nħarsuhom.

Il-ligijiet il-ġodda tal-Cnisja jagħżlu tliet xorta ta' ġranet, jigifieri: a) ġranet tal-astinenza wħidha, b) ġranet tas-sawm waħdu, c) ġranet tat-tnejn f'dakka; naraw issa liema huma.

### I Art. Il-ġranet tal-astinenza wħida.

Il-ġranet li fihom Ommna l-Cnisja mkaddsa trid li nħarsu l-astinenza wħidha huma l-Gimgħat ta' ma' tul is-sena collha (1), imbarra dawc iżda li fihom jaħbat is-sawm ucoll bħalma sejrin naraw fl-articlu li gej.

Din il-ligi, għalina l-Maltin u Għawdxin, m'hix ġdida għal collox, il-għaliex sa mill-1906 il-Papa Piju X chien fired l-astinenza mis-sawm u ried li dic tigi mħarsa cull nhar ta' Gimgħa ta' ma' tul is-sena (2).

---

(1) "*Lex solius abstinentiae servanda est singulis sextis feriis*" Can. 1252. § 1.

(2) Decr. "FREQUENTES", 5 Sept., 1906. Ara OJETTI, B., *Syn. rerum moralium*, Romae, 1911, v. *Ieiunium*.

### Il Art. Il ġranet tas-sawm tal-astinenza f'dakka

Il-ġranet tas-sawm u tal-astinenza f'dakka huma—

1. Ras-ir-Randan, jew l-Erbgħa ta' Rmiet.

2. Il-Gimgħat u s-Sibtijiet ta' ma' tul ir-Randan (1)

3. Il-*Quattru tempi*, jew tlitt ijiem f'cull waħda mill-erba' taksimiet tas-sena.

4. Il-vgejjel a) tal-*Penticosti*, jew Għid-il-Hamsin: jum li fih l-Ispirtu s-Santu niżel fuk l-Appostli; b) tal-*Assunta*, jew tlugħ tal-Madonna fis-Sema (Santa Marija); c) tal-Kaddisin collha; d) u tal-Milied imkaddes (2).

Hawn ucoll il-Cnisja nakkset bil-bosta l-ligi l-kadima li, barra mill-ġranet li semmejna, chienet trid ucoll is-sawm bla tniggis fil-vgejjel ta' xi festi oħra bħalma huma dawc tal-Appostli San Pietru u San Pawl (l-Imnarja), ta'San Ġużepp, u f'xi bnadijiet oħra, bħalma chienu Malta u Għawdex, nhar ta' Gimgħa u Sibt tal-Avvent ucoll (3). Il-lum, immela, dawc il-ġranet li fihom conna fid-dmir li nsumu bla ma nniġġsu bil-laħam, jecc m'humiex minn dawc li semmejna fuk, ma għadhomx jorbtu iżjed. Jibkgħu biss dawc l-oħrajn li chellhom bidu minn xi wegħda.

---

(1) Immela nhar l-Erbgħa tat-Tniebri u l-Ħamis ix-Xirca wcoll f'nofs-inhar nistgħu nieclu l-laħam jecc incunu rridu, għalchemm hi ħaġa wisk xierka li ma nniġġsux.

(2) "*Lex abstinentiae simul et ieiunii servanda est feria quarta Cinerum, feriis sextis et sabbatis Quadragesimae et feriis Quatuor Temporum, pervigiliis Pentecostes, Deiparae in caelum assumptae, Omnium Sanctorum et Nativitatis Domini*". Can. 1252, § 2.

(3) Ara l-istess Decriet ta' Piju X, *l. c.*

Ablata die 28 Jan. 1949 - AAS. 41 (49) - 32

2° Anticipari potest ad diem 23 Dec.: S. C. Conc., 3 Dec. 1959.

### III Art. Il-ġranet tas-sawm waħdu

Il-ġranet tas-sawm waħdu huma l-ġranet l-oħra collha tar-Randan (1). Din hi, collha chemm hi, ligi ġdida, il-għaliex, chif għedna sa mill-bidu, fil-ligijiet ta' kabel katt ma conna nsibu ġranet ta' sawm mingħajr astinenza jecc, għall-inkas, il-Cnisja għal xi raġuni ma chenitx tħalli li jintgħamel dana. Mela, biex incunu iżjed ċari u niftehmu aħjar, jinħtieġ ingħidu illi s-sawm waħdu nsibuh biss ma' tul ir-Randan imkaddes; iżda, f'Ras-ir-Randan, fil-Gimgħat u s-Sibtijiet u fil-*Qwattru tempi* ta' ma' tul ir-Randan, mas-sawm hemm ucoll l-astinenza. Il-Ħdud m'humiex magħdudin mal-ġranet tas-sawm.

Minn dan jidher ucoll chemm tabilħak il-Cnisja nakkset it-tokol tas-sawm. Sa ftit ta' snin ilu, fir-Randan, nhar ta' Ħadd ucoll, ma chienx jiswa t-taħlit tal-laħam mal-ħut fl-istess icla (2); il-lum, in-nisrani meta jsum jista' bill-jedd collu jiecol u jixrob dac li jrid fl-icla l-cbira.

Ftit il-fuk għedna "illi s-sawm waħdu nsibuh biss ma' tul ir-Randan". Hecc huwa; iżda dan ma jfissirx li ma jistgħux jintgħataw xi ġranet oħra li fihom incunu fid-dmir li nsumu. Biex ingibu eżempju, f'lejliet il-*consagrazioni* (3) ta' xi cnisja hemm l-obbligu tas-sawm lill-Iskof li jicconsagra u lil dawc li jitolbu l-*consagrazioni* (5), jigifieri lill-Cleru collu ta' dic il-

---

(1) "*Lex solius ieiunii servanda est reliquis omnibus Quadragesimae diebus*". Can. 1252, § 3.

(2) Ara l-istess Decriet ta' Piju X, *l. c.*

(3) Immela m'hux meta l-cnisja tcun sa titbierec biss u l-ankas meta jiġu cconsagrati l-altari u l-cnisja le.

(4) Can. 1166, § 2. *Episcopus consecrans et qui petunt ecclesiam sibi consecrari, per eum diem qui consecrationem praecedit, ieiunent.*

cnisja, għad li xi wħud minnhom, forsi, ma jcunux indaħlu, u lill-poplu jecc il-biċċa l-cbira tiegħu jcunu talbu din il-ħaġa kaddisa (1).

Actarx ucoll li l-Cnisja għar-rebħa tal-indulgenzi tal-Ġublew ticcmanda s-sawm waħdu jew is-sawm bl-astinenza. Jecc tagħmel dan, jinħtieġ li dan is-sawm icun barrani minn dac li aħna fid-dmir inħarsu minn precett ieħor, għall-inkas, jecc il-Cnisja, meta ticcmanda, ma tgħidx xort'oħra (2).

### IV Art. Il-ġranet li fihom jispiċċa d-dmir tas-sawm u tal-astinenza.

Il-Cnisja mkaddsa, wara li wrietna biċ-ċar liema huma l-ġranet tas-sawm u tal-astinenza jew tat-tnejn f'dakka, ħasbet ucoll tgħidilna liema huma dawc il-ġranet li fihom tinħall cull rabta ta' sawm u ta' l-astinenza. Ara chemm hu hecc, fl-istess ligi li semmejna fuk, hecc tcompli titchellem : "*Fil-ġranet tal-Ħdud jew fil-festi c-cmandati l-ligi tal-astinenza, jew tal-astinenza u tas-sawm f'dakka, jew tas-sawm waħdu*

---

(1) S. C. Conc., 3 Jul. 1909. Immela, għad li l-*Pontifical Rnman* jitchellem fuk is-sawm tal-Cleru u tal-Poplu, dan ma jcunx fid-dmir tas-sawm jecc, chif għedna, ma jcunx huwa li talab il-Consagrazioni.

(2) A. CORONATA, *o c.*, n. 316, fin-nota—Il-cbir Papa Lewni XIII, fil-ġublew tal-1879 u tal-1881 chien iccmanda jum wieħed tas-sawm bl-astinenza; fil-ġublew imbagħad tal-1886, jumejn. Piju X, fil-ġublew tal-1913, ma chien iccmanda l-ebda sawm. Piju XI, fil-ġublew ta' dini s-sena 1929, għoġbu jgħati jumejn sawm bl-astinenza li għandhom jitħarsu fil-ġranet li fihom ma jaħbatx is-sawm bl-astinenza minn xi precett ieħor. Ara l-Costit. "*Auspicantibus nobis*" tas-6 ta' Jannar 1929, I, 2. (A.A.S., XXI, 5.)

*tispiċċa, imbarra mill-festa li taħbat fir-Randan; l-ankas il-vgejjel ma jsiru kabel; tispiċċa wcoll (il-ligi) nhar Sibt-il-Għid wara nofs-inhar"* (1).

Sabiex nifhmuha sewwa din il-bkija tal-ligi, jinħtigilna nifluha chelma b'chelma. Ghedna mmela li l-astinenza wħidha, jew is-sawm waħdu, jew ucoll is-sawm bl-astinenza jispiċċa :—

a) *fil-ġranet tal-Ħdud.* Sa hawn il-Cnisja xejn ma geddet f'dac li hu sawm waħdu, il-għaliex il-Ħdud, sa minn żmien l-Appostli, chienu barra mill-ġranet tas-sawm ġa-la-darba l-Ħadd sa minn dejjem chien u għadu jum il-ferħ li jfaccarna fil-kawmien mill-mewt tal-Feddej tagħna Gesù. B'dana collu ma għandniex nifhmu li fil-Ħdud ma nistgħux insumu jecc incunu rridu jew għad-devozzjoni, jew għal xi wegħda; biss, il-Cnisja mkaddsa ma torbot lil-ħadd dac inhar li bil-ligi, u għalhecc is-Santi Padri chienu ħaduha mal-Manichej, mal-Arjani, mal-Ewtichiani, mal-Prixxillianisti u eretici oħra li riedu ta' bil-fors igegħelu lill-insara isumu nhar ta' Ħadd (2).

---

(1) Can. 1252, § 4. *Diebus dominicis vel festis de præcepto lex abstinentiæ, vel abstinentiæ et ieiunii, vel ieiunii tantum cessat, excepto festo tempore Quadragesimæ nec pervigilia anticipantur; item cessat Sabbato Sancto post meridiem.* 16/XI/55

(2) U hecc nifhmu aħjar il-għaliex il-għaref Santu Wistin sejjaħ is-sawm ta' nhar ta' Ħadd *"scandlu cbir"* (*Epist. ad Casul.*, Cap. 12, n. 27), u l-għaliex l-awtur tal-*Costit. Apost.* (lib. V, c. 20) kal li jagħmel dnub mejjet min isum nhar ta' Ħadd. (Ara wcoll c. 14. 15, D. III, *De Cons.*). Insibu wcoll lis-S. Congr. tal-Incwisizzjoni fil-1686 chienet tât ordni li ħadd ma jista' igiegħel is-sawm fil-ġranet tal-Ħdud u tal-festi l-cbar. FERRARIS, L. : *Bibliotheca*, v. *Jejunium*, n. 21.

Iżda meta dawn l-egħdewwa tal-fidi nfirdu għal collox mill-Cnisja cattolica, bejn l-insara daħlet id-drawwa li ma jniġġsux bil-laħam ma' tul ir-Randan collu, għalchemm ma chenux isumu. Wara ftit imbagħad bdew ucoll ma jeclux minn dac collu li għandu bidu, biex ingħid hecc, mil-laħam, bħalma huwa l-bajd, il-ħalib u ħwejjeġ oħra bħal dawn. L-istess Santi Padri ma kalu xejn contra din id-drawwa, anzi ħabbewha u lakgħuha bħala tpattija għad-dnubiet ta' dawc l-insara l-oħra li chienu jgħaddu l-ljieli tal-Ħdud fix-xalar, fl-ichel u x-xorb iż-żejjed. Għalhecc, chif kegħdin naraw, din id-drawwa chienet wisk f'locha u maż-żmien giet magħrufa wcoll mill-Cnisja (1).

Il-lum il-ġurnata, il-Cnisja fetħet idejha u tât il-jedd collu li fil-Ħdud, sewwa fir-Randan chemm ucoll barra minnu, jista' jittiechel il-laħam, il-ħut, il-bajd, il-ħalib u cull xorta ta' ichel ieħor, imkar fl-istess icla.

b) *fil-festi ccmandati.* Hawn għandna wcoll xi ħaġa ġdida, il-għaliex fl-imgħoddi festa waħda biss chienet meħlusa mis-sawm, jigifieri l-Milied imkaddes (2). Issa l-festi ccmandati collha, li huma għaxra (barra l-Ħdud):—il-Milied, ic-Circoncisjoni (l-Istrina), l-Epifanija (it-Tre-Re jew il-Ħamiem), it-tlugħ ta' Cristu fis-Sema (Lapsi), il-Gisem ta' Cristu (Santu Corp), it-tnissil bla tebgħa tal-Madonna (il-Concezioni), it-tlugħ Tagħha fis-Sema (Santa Marija), San Ġużepp Għarus l-iżjed nadif u safi tal-cbira Omm Alla (19 ta' Marzu), il-Kaddisin Appostli Pietru u Pawlu (l-Imnarja) u l-Kaddisin collha (1 ta' Novembru) (3). Imbarra dawn il-għaxra jistgħu jintagħtaw oħrajn ucoll

(1) C. 11, D. LXXVI.

(2) C. 3, X, *De obser. jejun.*, III, 46.

(3) Can. 1247, § 1.

iccmandati, bħalma aħna l-Maltin għandna l-25 ta' Jannar u l-10 ta' Frar li jfaccruna fil-bidla għat-tajjeb ta' Missierna San Pawl (il-Conversjoni) u fit-tfarric u l-għarka tal-bastiment li fuku chien jinsab meta wasal fil-gżejjer tagħna (in-Nawfragju). Għalhecc, dawn ucoll huma magħdudin mal-ġranet li fihom is-sawm u l-astinenza tispiċċa għal collox. Iżda, dawc il-ġranet li darba ilu chienu ccmandati u issa mneħħijin m'humiex meħlusin mil-ligi (1). L-ankas il-festa tat-*titular* tal-belt jew raħal, jecc ma tcunx waħda minn dawn il-għaxra li semmejna fuk, ma hi meħlusa mil-ligi; u, għalhecc mingħajr permess ta' Ruma jew tal-Iskof, jecc dac-inhar jaħbat jum is-sawm jew l-astinenza jinħtieġ inħarsuhom.

c) *imbarra mill-festa li taħbat fir-Randan.* Immela f'cull festa li taka' bejn l-Erbgħa ta' Rmied u Sibt-il-Għid, għalchemm tcun iccmandata, jibka' dejjem id-dmir tas-sawm waħdu jew tas-sawm bla tniggis scond il-ġurnata li tcun. Għalhecc, ingħidu aħna, jecc il-festa ta' San Ġużepp taħbat il-Gimgħa jew is-Sibt, dac-inhar, jecc ma jcunx hemm xi permess mis-setgħa tal-Cnisja, incunu fid-dmir li nsumu u ma nniġġsux bil-laħam; jecc, imbagħad taka' fil-ġranet l-oħra, imbarra l-Ħdud, dac-inhar nistgħu nieclu l-laħam fl-icla l-cbira biss u m'hux fil-għaxija wcoll, għax icun hemm ir-rabta tas-sawm (2).

d) *l-ankas il-vgejjel ma jsiru kabel.* Chif rajna fil-għadd 11 ta' dan il-ctieb ċchejchen, il-vgejjel fl-imgħoddi chienu ħafna, u meta dawn chienu jaħbtu fil-ġranet li fihom ma jiswiex is-sawm, ingħidu aħna bħal nhar ta' Ħadd jew festa oħra ccmandata, allura

---

(1) A. A. S., X, 170.
(2) A. A. S. XII, 575.

chienu jsiru fil-jum ta' kabel (1). Issa fil-ligijiet il-ġodda, l-erba' vgejjel igiegħelu biss fil-ġurnata tagħhom, jew aħjar meta jaħbtu u m'hux kabel (2). Biex infehemec aħjar, ingiblec dan l-eżempju: jecc Santa Marija taħbat nhar ta' Tnejn, il-vgili tagħha ma jsirx iżjed is-Sibt ta' kabel; u billi l-Ħadd hija ġurnata ta' bla sawm u astinenza, jiġri li l-vgili jispiċċa għal collox. Għalhecc sew is-Sibt chemm ucoll il-Ħadd (lejliet il-festa) tista' tiecol chemm trid u dac li trid inti. Minn hawn tara chemm tibdil sar fuk il-vgejjel.

e) *tispiċċa wcoll (il-ligi) nhar Sibt-il-Għid wara nofs-inhar.* Ħaġa tas-sew ġdida: sa nofs-inhar biss aħna fid-dmir li nħarsu s-sawm u l-astinenza, u dan jinħtieġ nagħmluh sewwa-sew bħall-ġranet l-oħra, Għalhecc jecc tiecol kabel ma jdokk nofs-inhar ma tistâx tiecol il-laħam (3); jecc imbagħad inti mdorri tibdel l-icla ta' fil-għaxija ma l-icla l-cbira, dan tista' tagħmlu wcoll nhar Sibt-il-Għid, imma mingħajr ma tiecol il-laħam jew tixrob il-merak tiegħu. Fil-għaxija tista' tiecol dac li trid u chemm trid ġa-la-darba l-ligi tcun ħalliet. U min jibda jiecol ma' nofs-inhar sewwa, jigifieri meta jibda' jdokk, jista' jgħodd ruħu barra mis-sawm u l-astinenza.

Is-Sibt-il-Għid immela hija ġurnata tabilħakk barranija; fiha Omna l-Cnisja mkaddsa trid turina l-ħniena tagħha u l-ferħ li għandu jimlina f'jum il-kawmien mill-mewt ta' l-Imgħallem u Feddej tagħna Gesù Cristu.

---

(1) C. I, X, *De Abst. et Jej.*, III, 46.

(2) A. A. S., XII, 575.

(3) Vermeersch-Creusen, *o.c.*, n. 568.

## IR-RABA' CAP

### Min hu obbligat għal-Ligi tas-Sawm u tal-Astinenza

#### I. Art. Għal-Ligi tas-Sawm waħdu.

L-ewwel ligijiet tal-Cnisja ma chenux jitniffsu fuk iż-żmien li wieħed chellu jcollu sabiex icun obbligat għas-sawm. Għalhecc ħafna chienu l-fehmiet tal-għorrief : min chien igħid li ż-żgħażagħ icunu obbligati jsumu mal-għeluk tas-seba' sena ta' ħajjithom ; oħrajn mal-għeluk is-sittax; oħrajn ta' tmintax; oħrajn chienu jridu wieħed u għoxrin sena magħluka, u xi wħud ucoll chienu jaslu sal-ħamsa u għoxrin. Hi ħaġa minn ewl id-dinja li l-gisem tal-bniedem fil-wakt li Jicber icun irid jissaħħaħ; imma, meta wieħed jasal sal-wieħed u għoxrin sena, actarx icun chiber chemm għandu jicber u jcun ħa saħtu sewwa. Dan chien it-tagħlim ta' l-aħjar għorrief sa minn żmien ilu (1) ; għalhecc il-Cnisja, wara li ħasbitha għal darba tnejn, bil-ligi tagħha ggigħel għas-sawm *dawc collha li għandhom wieħed u għoxrin sena magħluka sachemm jibdew is-sittin* (2).

Cliem il-ligi hu ċar biż-żejjed, imma chelmtejn fuk fuk iġagħluna nifmuha aħjar.

L-ewwelnett għedna "*dawc collha li għandhom wieħed u għoxrin sena magħluka*". Immela m'hux biss is-subien imma l-bniet ucoll li għadhom ma għalkux il-wieħed u għoxrin sena m'humiex obbligati għas-

(1) S. THOMAS, II, II, q. 147, a. 4.

(2) Can. 1254, §2. *Lege ieiunii adstringuntur omnes ab expleto vicesimo primo ætatis anno ad imceptum sexagesimum*

sawm, avvolja, forsi, icunu f'saħħithom biż-żejjed u jistgħu jsumu bla ma jbatu xejn. Il-ligi ma tagħżilx bejn il-wieħed u l-ieħor, għalhecc ankas aħna ma għandna nagħżlu bejn min hu kawwi biż-żejjed u bejn m'hux. Iżda hi ħaġa ċara li jagħmlu wisk tajjeb dawc iż-żgħażagħ li jibdew isumu kabel iż-żmien tal-wieħed u għoxrin sena : l-ewwelnett sabiex ipattu xi ftit għal dnubiethom, imbagħad sabiex jidraw isumu u hecc ma tigihomx bi tkila meta jidħlu fid-dmir tas-sawm.

Iż-żmien ta' wieħed u għoxrin sena għandu jingħadd ġurnata b'ġurnata, jigifieri m'hux billi wieħed icun għoddu għalak il-wieħed u għoxrin, icun għalhecc obbligat isum. Kabel ma jgħaddu l-wieħed u għoxrin sewwa, il-ligi ma ggigħelx, u dawn igħaddu meta tgħaddi u tispiċċa ma' nofs-il-lejl dic il-ġurnata li fiha, dac li jcun, icun ilu fid-dinja wieħed u għoxrin sena. B'eżempju niftehmu aħjar : jecc inti twelidt fl-aħħar jum tax-xahar ta' Marzu tal-1909, inti tcun obbligat issum ma' l-ewwel jum ta' April tal-1930 (Can. 34 § 3). Jecc imbagħad ma tafx meta tagħlak snienec sewwa, għandec, chemm jista' jcun, tfittex u tara, u jecc jibkagħlec id-dubju, cun af li ma tcunx obbligat issum ħlief biss meta tcun fi żgur li għalakt il-wieħed u għoxrin sena ta' ħajtec.

Imbagħad għedna wcoll *"sachemm jibdew is-sittin"*. Fl-imgħoddi xi wħud mill-għorrief chienu jgħallmu li n-nisrani għandu jibka' jsum sachemm jagħlak is-sebgħin sena; oħrajn, sat-tlieta u sittin, imma l-biċċa l-cbira chienu jinżlu sas-sittin. Il-Cnisja kagħdet fuk dawn ta' l-aħħar, u hecc, fl-istess ħin, katgħet il-cwistjonijiet collha. Immela, meta wieħed jidħol fis-sittin, jew ucoll, meta jagħlak id-disgħa u ħamsin sena, joħroġ barra mil-ligi, u għalhecc m'hux obbligat iżjed li jsum.

Dawn id-disgħa u ħamsin sena għandhom jingħaddu wcoll ġurnata b'ġurnata chif għedna fuk meta tchellimna fuk iż-żmien taż-żgħażagħ, b'dan il-modd illi jecc inti fl-aħħar jum tal-Carnival tagħlak iddisgħa u ħamsin sena, il-għada, li jaħbat Ras-ir-Randan, ma tcunx iżjed obbligat għas-sawm. U ir-raġuni li għaliha l-Cnisja Ommna teħles mis-sawm f'dac iż-żmien, hija s-saħħa; mas-sittin sena l-istoncu tal-bniedem actarx jibda jibred u ma jsajjarx tajjeb, u għalhecc, sabiex il-gisem ma jimradx u, chemm jista' jcun, jibka' f'saħħtu u ma jakâx f'dakka, jinħtieġ li jittieclu ħwejjeġ li jżommu u ta' sicwit. U bħalma ma għażilniex bejn iż-żgħażagħ li jifilħu jsumu u li ma jifilħux kabel iż-żmien li għedna, hecc ucoll ankas hawn ma għandna nagħżlu bejn il-bniedem ta' sittin li għadu jiflaħ isum jew le. Il-Cnisja ma tokgħodx tara dac li hu rari, imma dac li actarx jiġri f'cullħadd. Immela l-ligi hi għal cullħadd xorta, u torbot biss sa għeluk id-disgħa u ħamsin jew sad-dħul fis-sittin sena.

Għedna li l-ligi hi għal cullħadd xorta: immela n-nisa ta' ħamsin sena huma obbligati wcoll għas-sawm ?

Kabel il-Codici l-ġdid tal-Cnisja, dawn in-nisa, scond il-fehma tal-biċċa l-cbira tal-Moralisti, ma chenux obbligati iżjed għas-sawm tal-Cnisja. Ir-raġunijiet li chienu jgibu dawn il-għorrief chienu donnhom mibnijin fuk kiegħ tajjeb, jigifieri fuk it-tiswir tal-gisem tal-mara: din ticber u takbeż iżjed malajr mir-ragel u kablu wcoll tixjieħ. Mela jecc ir-ragel mal-bidu tas-sittin m'hux iżjed obbligat għas-sawm, hecc ucoll jixrak li l-mara ta' ħamsin ma tcunx iżjed fid-dmir li ssum.

Wara l-Codici, li beda jorbot lill-insara mis-19 ta' Mejju tal-1918, il-għorrief l-ankas huma ta' fehma

waħda. Biċċa minnhom għadhom iridu jgħidu li n-nisa ta' ħamsin m'humiex obbligati għas-sawm, avvolja l-ligi l-ġdida tgħid li dawc collha li għalku l-wieħed u għoxrin sena jibkgħu obbligati jsumu sas-sittin. B'dakshecc, igħidulec, il-Cnisja ma żieded xejn mill-ġdid; biss tenniet bil-mictub dac li fl-imgħoddi chienet ħaġa żgura bejn it-Teologi (iż-żmien jigifieri ta' 21 sena għall-obbligu tas-sawm), u dac li ma chienx żgur għal collox (jigifieri jecc iż-żmien ta' 50 sena jeħlisx lin-nisa mill-obbligu tas-sawm) il-ligi ma semmietu xejn. Imma m'hux għax ma kalet xejn fuku, għalhecc għandna ngħidu ta' bil-fors li l-Cnisja kerditu u li issa trid li n-nisa ta' ħamsin sena għandhom isumu sa ma jibdew is-sittin. Le, ara chemm hu hecc, min għamel il-ligi chien jaf bil-cwistjoni mkankla bejn it-teologi, u li chiecu ried jaktagħha chien jaf iżid chelmtejn oħra fil-ligi u jgħid "li n-nisa wcoll" huma obbligati għas-sawm sas-sittin. Hecc għamel fil-ligi 2350 § 1 : billi kal li "l-omm ucoll" taka' fil-pena tal-iscomunica li hemm imhedda contra dawc collha li jġagħlu (jipprocuraw) ir-rimi tal-frott tal-ġuf kabel iż-żmien meħtieġ għal ħajja tal-bniedem, kered, darba għal dejjem, il-fehma ta' xi wħud li chienu jridu jeħilsu l'omm minn din il-pena.

Iżjed, il-Cnisja nakkset ħafna mis-sawn ta' dari, u, dac li ħalliet ħaffitu chemm sata' jcun. Issa, ma jidhirlicx, isaksuc l-istess għorrief, li hi ħaġa curjuża u, ingħiduha ċara, ftit cherha li l-Cnisja fil-wakt li uried il-ħniena tagħha ma l-insara, marret imbagħad issir kalila man-nisa ta' ħamsin sena li għalihom, sa' minn żmien ilu, chien hemm l-aħjar tobba tal-cuxjenza u l-icbar Moralisti bħalma huma s-Sanchez, il-Ballerini, il-Palmieri, in-Noldin, il-Bucceroni u oħrajn? (1).

---

(1) Ara l-Perfice Munus, 1929, għadd 100 fejn iġġib

Għadilli dawn ir-raġunijiet m'humiex ta' min imakdarhom, il-lum il-biċċa ħadet xakliba oħra, Cliem il-ligi huwa ċar bil-bosta, u, minn dac il-ħin li l-Cnisja obbligat għas-sawm lill cull min jagħlak il-wieħed u għoxrin sena sas-sittin, dac il-privileġġ tal-għageb li chien jeħles mill-obbligu tas-sawm lin-nisa ta' ħamsin sena nkered għal collox (1). Imma r-raġuni l-ictar kawwija hija t-twegiba tal-Cardinal Gasparri li hu President ta' dic il-Għakda ta' għorrief għat-tifsir tal-ligijiet ġodda tal-Cnisja, li tâ fit-13 ta' Jannar tal-1918 lil wieħed Monsinjur Emard, Iskof ta' Valleyfield fil-Canada. Dana l-Iskof chien saksa jecc il-chelma *l-coll* (*omnes*) tal-ligi 1254 għandhiex tiftihem għan-nisa dakschemm tiftihem għar-rgiel, u, l-imsemmi Cardinal, wiegeb: *iva*. Tas-sew li din it-twegiba ma gietx imxandra fl-*organu ufficjali* tal-Cnisja li hu l-*Acta Apostolicæ Sedis*, imma giet imxandra fil-*Code de Droit canonique* li hu mmexxi mill-imsemmi Iskof Emard, u fil-*Nouveau Code du Droit Canonique et Morale* immexxi minn Monsinjur Gariépy. Għalhecc, wara din it-twegiba tal-imfaħħar President ma nistgħux ingħidu iżjed li n-nisa ta' ħamsin sena huma meħlusin mis-sawm tal-Cnisja (2).

---

din il-cwistjoni iżjed fit-tul. Ma' din takbel ucoll il-Palestra del Clero, 1929, għadd 66, u s-Sal Terrae, 1925, għadd 142. Huma wcoll ta' l-istess fehma l-Arregui, *o.c.*, għadd 261 fin-nota, u l-Ferreres : *Instructiones*, II, n. 182.

(1) Vermeersch-Creusen, *o.c.*, n. 570.

(2) Ara l-istess Perfice Munus, 1929, għadd 527 u l-Palestra del Clero, 1929, għadd 180 li kabel chienu ddefendew chemm felħu t-tagħlim cuntrarju.

II. Art. Għal-ligi tal-astinenza waħidha.

Għad illi ħafna chienu l-fehmiet ta' l-għorrief fuk iż-żmien li wieħed chellu jcollu sabiex jidħol fid-dmir tas-sawm, fuk iż-żmien li fih wieħed ma chienx jista' jnigges bil-laħam sa mill-ewwel chienet tinsab fehma waħda. Dan iż-żmien chien ta' seba' snin, jigifieri meta wieħed jasal jagħraf il-gid mid-deni. Il-Cnisja sa mill-bidu lakatgħu dan it-tagħlim, u l-lum għamlet ligi li biha ggiegħel għall-astinenza lil dawc collha li għalku s-seba' sena ta' ħajjithom (1).

Dawn is-seba' snin ucoll għandhom jintgħaddu ġurnata b'ġurnata, sewwa-sew bħalma għedna fuk iż-żmien li wieħed għandu jcollu għas-sawm. Mela, jecc Ester twieldet fl-aħħar jum ta' Jannar tal-1924, fl-ewwel ta' Frar tal-1931 ma tistâx tiecol laħam (jecc taħbat ġurnata ta' bla tniggis), il-għaliex dac inhar tidħol fit-tmien sena ta' għomorha u hecc tintrabat bil-ligi. U l-ankas igħodd jecc dic it-tifla jew tifel li jcun, icun f'saħtu ħafna u chiber bil-bosta kabel iż-żmien li semmejna. Iżda, jecc wieħed mal-għeluk tas-seba' sena jcun għad ma għandux id-dehen collu, ingħidu aħna, jibka' niekes minn moħħu jew għar imbagħad jecc icun behlieni, dana, scond il-ligi 12, ma jintrabatx bil-ligi ta' l-astinenza, bħalma, ma' dan collu, ma jintrabatx bil-ligijiet l-oħra magħmulin *biss* mill-Cnisja(2).

Tarf sachemm wieħed jibka' obbligat iħares l-astinenza ma hemmx fil-ligi; għalhecc jinħtieġ nifhmu li din tibka' ggiegħel għal ma' tul il-ħajja collha. Immela x-xjuħ ucoll, avvolja jcunu ilhom li għalku s-sit-

---

(1) Can. 1254 § 1. *Abstinentiae lege tenentur omnes qui septimum aetatis annum expleverint.*

(2) NOLDIN, *o.c.*, n. 681; ARREGUI, *o.c.*, n. 445; A CORONATA, jaħsiba xort'oħra. Ara *o.c.*, n. 308, b).

tin sena, ma jistgħux jieclu l-laħam fil-ġranet ta' bla tniggis, basta imma ma jcunx hemm xi bżonn li jeħles mil-ligi bħalli chiecu xi mard. Imma meta jispiċċa dan il-bżonn il-ligi tibda ggiegħel mill-ġdid.

### III. Art. Għal-ligi tas-sawm u tal-astinenza f'dakka.

Milli għedna sirna nafu chemm żmien wieħed irid icollu sabiex jidħol fid-dmir tas-sawm waħdu u ta' l-astinenza wħidha. Issa, immela, meta dawn iż-żewġ ligijiet jaħbtu f'jum wieħed, hija ħaġa ċara li jrid icolloc fl-istess ħin iż-żmien meħtieġ għal waħda u għall-oħra sabiex tcun obbligat tħarishom it-tnejn f'dakka. Għalhecc għas-sawm u għall-astinenza f'dakka huma obbligati dawc biss li għalku l-wieħed u għoxrin sena sal-bidu tas-sittin: il-għaliex dawc li għadhom ma għalkux il-wieħed u għoxrin, huma fid-dmir li jħarsu l-astinenza biss; hecc ucoll l-oħrajn li bdew is-sittin.

## IL-ĦAMES CAP.

### Il-cawzi li jeħilsu mil-Ligi tas-Sawm u tal-Astinenza

#### I. Art. Mil-ligi tas-sawm waħdu.

Il-cawzi ewlenin li jeħilsu mis-sawm waħdu huma actarx tlieta : il-mard, il-fakar u x-xogħol iebes tal-moħħ jew ucoll tal-gisem.

A). Minħabba l-mard huma meħlusin mis-sawm :—

1) m'hux biss dawc li jinsabu f'kiegħ ta' sodda, imma dawc ucoll li għadhom chif ikumu mis-sodda u bdew jieħdu s-saħħa. Ma dawn jintgħaddu wcoll dawc l-oħrajn li huma ta' ftit saħħa, għad li ftit u xejn jokogħdu fis-sodda. Iżjed, dawc li minħabba n-nukkas ta' kawwa fl-istoncu tagħhom ma jistgħux jagħmlu icla waħda chif imiss f'nofs-inhar, iżda actarx icunu jridu jieclu ta' sicwit għad li ftit. Dawc l-oħrajn li minħabba s-sawm, ingħidu aħna, għax ma jieħdux ħalib fil-għodu meta għandhom tas-sew bżonnu u l-ictar jecc icun ordnahulhom it-tabib, jakbadhom ugiegħ ta' ras, sturdament jew ħass ħażin ieħor. Fl-aħħarnett, dawc ucoll li minħabba n-nukkas ta' ichel fil-għaxija, ma' jcunux jistgħu jistrieħu ma' tul il-lejl scond ma jinħtigilhom.

Dawn il-morda li semmejna m'humiex obbligati jsumu l-għaliex il-Cnisja bil-ligi tagħha ma tridx il kerda tal-gisem, imma biss it-tgħakkis ta' dana meta jcun f'saħtu. Jecc wieħed jitħasseb xi ftit jecc minħabba xi mard icunx obbligat isum jew le, l-aħjar li jagħmel hu li jsaksi lil xi bniedem sewwa u tar-ruħ, ingħidu aħna lit-tabib jew lill-Confessur, u jokgħod bi cwietu fuk dac li jgħidlu.

2) In-nervużi, il-għaliex scond ma jgħidu t-tobba, għandhom bżonn jieclu ftit u ta' sicwit ma' tul il-ġurnata.

3). In-nisa tkal u li jreddgħu. Dawna, għad li m'humiex morda scond it-tifsir tal-chelma, huma magħdudin mal-morda minħabba d-deni jew ħsara oħra li tista' tiġrilhom jecc isumu. Min ma jifhimx li dawn in-nisa jridu jgħixu lilhom-infushom u lil ħaddieħor magħhom? Ma' dawn inżidu wcoll lil dawc in-nisa cull darba u għal ma' tul it-tisfija ta' demmhom (1)

B). Minħabba l-fakar m'humiex obbligati jsumu m'hux biss it-tallaba ta' wara l-bibien u tat-trikat, imma dawc collha li ma għandhomx mnejn jagħmlu icla sewwa f'nofs-inhar li tista' żżommhom ma' tul il-jum collu, u dawc ucoll li ma għandhomx biex jixtru u jagħmlu din l-icla. Il-ħobż waħdu ma' xi ftit ħaxix jew frott jew ħwejjeġ oħra ta' ftit saħħa, ingħidu aħna, żewġ inċoviet jew dakxejn ġobon, m'humiex biż-żejjed għal l-għajxien sewwa tal-bniedem (2). Immela, min ma għandux għajr dawn il-ħwejjeġ li semmejna, m'hux obbligat isum; ma dan collu, il-kawl germaniż igħid: icla ta' darbtejn ħażina, hija sawma fiha nfisha.

C). Minħabba *x-xogħol tal-moħħ* m'humiex fid-dmir li jsumu :—

1). dawc li jgħallmu l-iscola, iżda scond it-tokol tat-tagħlim tagħhom. Min igħallem lit-tfal żgħar inkas ibati minn dac li jgħallem liż-żgħażagħ, u ictar ma wieħed igħallem lill-cbar iżjed isib tokol f'dac li jcun irid igħallem. Għalhecc, scond ma jgħidu l-għor-

---

(1) Noldin, *o.c.*, n. 686, 1; Arregui, *o.c.*, n. 450, a); Lehm., *o.c.*, I, tr. III, n. 595.

(2) Noldin, *o.c.*, n. 686, 2; Arregui, *o.c.*, n. 450. c); Lehm., *o.c.*, I, tr. III, n. 598.

rief, is-surmastrijiet ta' l-ischejjel elementarji ma jcunux obbligati għas-sawm meta jgħallmu minn erba' sa ħames sigħat culljum; dawc ta' l-ischejjel secondarji u tal-liceji, meta jgħallmu minn sagħtejn sa tlieta culljum; dawc ta' l-Universitajiet u ta' dawc l-ischejjel l-oħra li fihom isir tagħlim tkil, bħalma huma s-Seminarji tal-kassisin u tal-patrijiet li fihom isir it-tagħlim tal-filosofija u tat-Teologija, ma jcunux fid-dmir li jsumu mkarr meta jgħallmu siegħa waħda biss li għaliha għandhom bżonn ilestu ruħhom sewwa. Jecc immela dawn is-surmastrijiet icunu mħargin ħafna fit-tagħlim, jew għax icollhom il-lezionijiet lesti jew għax icunu ilhom igħallmu s-snin, jidher biċ-ċar li ma jeħilsux mill-obbligu tas-sawm għal din is-siegħa scola.

Hecc igħidu, bejn wieħed u ieħor, il-Moralisti collha (1), iżda mhux cullħadd jista' jokgħod fuk il-kies li tajna, il-għaliex m'hux cullħadd għandu l-istess saħħa. Għalhecc meta xi ħadd jitħasseb jecc għal l-iscola li jagħmel għandux isum jew le, għandu jsaksi lil xi ruħ għarfa u tajba u jokgħod fuk cliemha inchella jista' jżomm bħala regula illi l-Cnisja ma tobbligax bil-ligi tagħha meta jcun hemm xi deni cbir; u, dan id-deni hu diġà cbir meta wieħed minħabba s-sawm ma' jcunx jista' jilħak dmiru chif imiss.

Mas-surmastrijiet huma magħdudin ucoll l-imħallfin u l-avvucati l-għaliex dawn ucoll jistudjaw u jaħsbu ħafna u jħanbku ż-żejjed.

2) Dawc li jitgħallmu, imma wcoll scond it-tokol u ż-żmien ta' l-istudju li jagħmlu. Xi wħud mill-Moralisti jgħidu li sabiex wieħed li jistudja ma' jcunx obbligat isum, hemm bżonn li jagħmel minn disgħa sa

---

(1) Noldin, *o.c.*, n. 686, 4 ; Arregui, *o.c.*, n. 450, b); A Coron., *o.c.*, n. 310, b).

għaxar siegħat culljum (1); oħrajn minn tmienja sa disgħa (2); oħrajn, fl-aħħarnett, bla ma jsemmu n-numru tas-sigħat, igħidu li hu biż-żejjed li wieħed jistudja għall-ħafna sigħat culljum (3). Għalhecc, scond ma nifhem, avvolja wieħed icun f'saħħtu ħafna, meta jiscorri s-seba' siegħat studju culljum, bejn dac li jagħmel fl-iscola u barra minnha, huwa meħlus mill-obbligu tas-sawm. L-istudju, jecc itul għal żmien twil u bla heda, igib it-telka tan-nervi, iħaffef il-moħħ, inakkas u jgħabbar is-sajrien tal-ichel fl-istoncu u mard ieħor (4). Dana jiġri f'min hu f'saħtu sewwa; aħseb u ara f'min m'hux f'saħtu chemm imiss!

3) Il-kassisin u l-patrijiet li jkarru ma' dwar seba' siegħat culljum; dawn ibatu m'hux biss fir-ras imma wcoll fil-gisem collu.

4) Dawc ucoll li jxandru l-chelma t'Alla tista' tgħid culljum, jew, għall-inkas, tliet darbiet jew erba' fil-gimgħa (5). L-oħrajn imbagħad li ma jippredcawx ħlief darba culltant, m'humiex obbligati jsumu dac-inhar tal-priedca biss, u, scond xi wħud, lejliet il-priedca wcoll jecc jippredcaw darba fil-gimgħa (6).

Għalchemm tajna dawn ir-reguli, dac li jcun m'hux dejjem jibka' bi cwietu. Meta jiġri hecc, l-aħjar li wieħed jagħmel chif għedna kabel, jigifieri jew jokgħod fuk cliem ħaddieħor jew jiftacar li fejn jidħol xi deni cbir il-Cnisja ma tobbligax għas-sawm. Wieħed, immela, jista' jokgħod ucoll fuk dac

---

(1) Noldin, *o.c.*, n. 686, 4.

(2) Arregui, *o.c.*, n. 450, b).

(3) A Coronata, *o.c.*, n. 310, b).

(4) Antonelli, *Medic. Pastor*, ed. p. Cod., II, n. 886.

(5) A Coronata, *o.c.*, n. 310, c); Noldin, ftit irkak: ara *o.c.*, n. 686, 4.

(6) A Coronata, *o.c.*, n. 310, c).

li tgħidlu l-cuxienza tiegħu n-nifsu, basta imma din ma tcunx tiggebbed bħal lastcu.

Minħabba mbagħad *ix-xogħol tal-gisem* m'humiex obbligati jsumu: —

1) dawc collha li jaħdmu xogħol iebes u taddbatija. Dan ix-xogħol huwa dac l-igib miegħu għajja cbira u telf cbir ta' saħħa f'gisem il-bniedem, bħalma huma l-biċċa l-cbira tas-snajja. Għalhecc in-nies tarraba (għażżieka, ħarrata, ħassada, derriesa u dawc ucoll li ta' sicwit jerfgħu l-ilma bi spallejhom għattiskija tal-ġonna), tal-baħar (baħrin u sajjieda), talgebel (kattieha, manwala, naġġara, u bennejja), ilħaddieda, in-nissieġa, ir-reffieha, il-burdnara, it-taħħana, il-għaggiena, il-furnara, il-cochijiet tal-chcejjen cbar, il-ħassiela, is-sefturi li għandhom ħafna xogħol is-suldati u l-officjali tagħhom sachemm idumu filmisraħ jew fil-cwartier, il-mastrudaxxi, l-iscrapan, ilchenniesa u dawc li jmexxu l-magni cbar jew jatu l-faħam u oħrajn bħal dawn huma minnhom infushom meħlusin mis-sawm, avvolja jcunu f'saħħithom sewwa, il-għaliex is-sengħa tagħhom hija minnha nfisha tkila (1).

Il-Moralisti m'humiex soltu jfittxu chemm il-siegħa xogħol għandha ssir ma' tul il-ġurnata sabiex wieħed ma jcunx obbligat isum, il-għaliex dawn jifhmu jitchellmu biss fuk dawc li kegħdin għax-xogħol u li jgħaddu l-jum collu jaħdmu. Immela, jecc wieħed jaħdem għal ftit siegħat biss, avvolja culljum, jibka' fid-dmir li jsum. Iżda jecc wieħed ieħor wara li jcun ilu jaħdem minn fil-għodu sa fil-għaxija u mbagħad ta' cull tant jieħu ġurnata mistrieħ, dac-inhar ma hux obbligat isum jecc icun tas-sawm il-għaliex il-

---

(1) Noldin, *o.c.*, n. 686, 3; A Coronata, *o.c.*, n. 310, b).

gisem, dac-inhar, icollu bżonn igedded u jgib is-saħħa li jcun tilef fix-xogħol imgħoddi sabiex icun jiflaħ jissocta jaħdem. L-ankas wieħed ma għandu jħalli x-xogħol li jcun jagħmel sabiex isum, avvolja ma jcollux bżonn jaħdem: il-Cnisja mkaddsa ma tifhimx tfixchel bis-sawm tagħha lill-insara imxielin. Iżda ma jagħmelx sewwa min għal t'apposta jħalli xi xogħol għal meta jaħbat is-sawm sabiex igib scuża ma jsumx, meta x-xogħol jista' jsir darb'oħra (1).

Cun af ucoll li cull xogħol iebes, avvolja forsi ma għandux isir u jgib miegħu d-dnub, jeħles ucoll missawm lil min jagħmlu; wisk iżjed immela jeħles missawm dac ix-xogħol li jsir għal modija taż-żmien, ingħidu aħna li *sports*; iżda, għad li dan ma fihx dnub, ma jixrakx li jsir ta' sicwit fi żmien is-sawm (2).

2) Dawc l-oħrajn chemm il-darba minħabba x-xogħol tagħhom, għalchemm m'hux dakshecc tkil bħal ta' dawc li semmejna fuk, iġarbu ħsara f'saħħithom. Immela l-chittieba, l-istampaturi, il-pitturi, l-isculturi, in-nutari, il-procuraturi, it-tobba, il-canturi, il-ħajjata, il-barbiera, is-sefturi ta' xogħol ħafif, il-barclori, il-cucciera u oħrajn bħal dawn, ma jcunux obbligati jsumu jecc minħabba s-sawm ma jcunux jistgħu jagħmlu dmirhom chif imiss u chif jixrak; fi cliem ieħor, is-sengħa tagħhom minnha nfisha ma teħlishomx mis-sawm (3).

3) Il-mexxejja ta' jctar minn erba' siegħat mixi, u jecc it-triek jew it-temp icun imgħarrak, jew min jimxi jcun ta' ftit saħħa, jidher biċ-ċar li l-mixja teħles

(1) Noldin, *o.c.*, n. 686, 3.

(2) Genicot-Salsmans, *o.c.*, I, n. 446; Noldin, *o.c.*, n. 686, 3.

(3) Noldin, *o.c.*, n 686 fin-nota; Genicot-Sals., *o.c.*, I, n. 446; A Coron., *o.c.*, n. 310.

mis-sawm avvolja ma tcunx twila daks chemm għedna. Ir-rcħib fil-vapur ta' l-art jew f'carrozzi oħra hemm bżonn li jcun ta' ġranet sħaħ sabiex minnhu n-nifsu jeħles mis-sawm. Ricba ta' ġurnata, basta m'hux ta' sicwit, actarx iggib il-mistrieħ u thennija u m'hux dbatija, aħseb u ara ricba ta' ftit siegħat. Għalhecc ir-rcħib ta' din ix-xorta jeħles mis-sawm għal xi bżonn ieħor, ingħidu aħna minħabba n-nukkas ta' icla sewwa jew ta' saħħa fil-gisem, imma m'hux minnhu n-nifsu bħalma ħażin kalu xi wħud li gew iccundannati mill-Papa Alessandru VII. (1).

Imbarra dawn it-tliet cawżi ewlenin li semmejna li ta' sicwit jeħelsu mil-ligi tas-sawm, jistgħu jintgħataw cawżi oħra li, għalchemm ma jcunux ta' l-istess għamla ta' dawc it-tlieta, huma wcoll jeħelsu mis-sawm. Dawn huma, biex insemmu ftit minnhom :—

1) il-għawdx jew il-ġlied fid-dar. Jecc minħabba s-sawm ikum xi ġlied jew tgherghir fil-familja, il-għaliex forsi l-missier ma jcunx jimpurtah mil-ligijiet tal-Cnisja, l-omm u wliedha m'humiex obbligati jsumu sa chemm il-missier ma jcunx irid borm'oħra.

2) L-opri jew għamil tar-Religjon u tal-ħniena. Minħabba s-sawm dan l-għamil tajjeb ma għandux jonkos, wisk iżjed jitneħħa għal collox, avvolja wieħed icun kiegħed jagħmel dan minn jeddu. Għalhecc m'humiex obbligati jsumu dawc li jagħmlu pellegrinaggi twal għal ma' tul il-pellegrinaġġ collu; dawc li jaħdmu għal gieħ t'Alla, bħallichiecu f'xi bini ta' xi cnisja; dawc li jduru bil-morda l-ġurnata collha u dawc li

(1) "*Excusantur absolute a præcepto ieiunii omnes illi, qui iter agunt equitando, utcunque iter agunt, etiamsi iter necessarium non sit, et etiamsi iter unius diei conficiant*". Prop. 31. Ara Denz.-Bann., *Enchir*, n. 1131. Ara wcoll Noldin, *o.c.*, n. 686, 3.

jindocrawhom bil-lejl. Dan il-għamil, meta jsir bi ħsieb tajjeb, icun migjub minn Alla wisk iżjed missawm u jistħokklu ħlas icbar mis-Sema (1).

## II. Art. Mil-ligi tal-astinenza wħida

Min fehem sewwa x'inhi l-ligi tas-sawm u tal-astinenza jmissu jobsor li din ta' l-aħħar tista' tigi mħarsa jctar ta' malajr minn dic ta' l-ewwel. Għalhecc il-cawżi li jeħilsu mill-astinenza għandhom icunu iżjed kawwija jew icbar minn dawc li jeħelsu mis-sawm. Dawn il-cawżi nistgħu nlakkgħuhom il-coll flimchien taħt isem wieħed, jigifieri *nukkas ta' setgħa*, li dejjem icun jinsab cull meta min iħares il-ligi tal-astinenza jħoss tokol cbir jew ħsara fih in-nifsu. Mela m'humiex obbligati għall-astinenza :—

1) il-morda sachemm jieħdu saħħithom sewwa;

2) dawc li huma minn natura tagħhom ta' ftit saħħa, u għalhecc dawn huma actarx morda ta' culljum;

3) in-nisa tkal u li jreddgħu, cull meta jixtieku jieclu l-laħam;

4) il-fkar li ma għandhomx x'jieclu ħlief ħobż u laħam, għad li ħobż għandhom chemm iridu;

5) dawc l-oħrajn li, għalchemm m'humiex fkar sa l-aħħar, ma jistgħux iħallu jew jarmu l-laħam u jixtru ħwejjeġ oħra bla ma jbatu. Għalhecc dawc il-familji li jgħixu bil-klieħ ta' culljum u bil-għarak ta' ġbinhom m'humiex obbligati jħallu f'jum tal-astinenza dac li jibkalhom mil-laħam tal-ġurnata ta' kabel, basta, imma, ma' jcunux xtraw iżjed għall t'apposta. Jecc imbagħad wieħed ma jbatix jecc icollu jħalli l-laħam u jixtri ħwejjeġ oħra, jidhirli li għandu jħares il-ligi;

---

(1) A CORONATA, *o.c.*, n. 310, c).

6) il-għonja u wisk iżjed il-fkar li, wara li nefku u sajru l-laħam, isiru jafu li dac-inhar ma jiswiex u issa ma bakax żmien jarġgħu jixtru u jsajru ħwejjeġ oħra bla ma jkum xi dgherghir, għawdx jew deni ieħor;

7) il-ħaddiema li, minħabba d-dbatija tas-sengħa tagħhom, ma jistgħux ma jieclux il-laħam sabiex iwieżnu saħħithom;

8) is-suldati u l-officjali tagħhom li ta' culljum jieclu biss minn dac li jgħaddilhom il-militar;

10) il-vjaġġaturi fl-art u fuk il-baħar, jecc fejn icunu ma jsibux x'jixtru u x'jieclu ħlief laħam;

11) il-barranin milkgħuhin f'dar ħaddieħor li, bla ma jcunu talbu huma, isibu misjur il-laħam u ma jcunux jistgħu jmorru band'oħra chif gieb u laħak;

12) il-mistednin li ma jistgħux iħallu l-istedina bla ma jiġri xi deni, bħallichiecu xi ġlied jew buri twil. Jecc imbagħad min jistieden icun lesta għal ta' l-apposta ħwejjeġ li ma jiswewx sabiex jinchi jew jidħak bir-Religjon tagħna, il-mistieden, sewwa-sew bħal Maccabei li minnhom jitchellmu l-Cotba Mkaddsa, l-ewwel għandu jintoġob lill-Alla u lil-Cnisja u mbagħad lil min jistiednu;

13) l-omm u wliedha meta l-missier icun irid ta' bilfors li jittiechel il-laħam;

14) is-sefturi li ma jsibux x'jieclu ħlief laħam jew il-għaliex fejn icunu ma jistgħux isiru żewġ borom, jew ucoll għax icunu mgegħlin minn sid id-dar jieclu l-laħam fil-ġranet ta' bla tniggis. Meta imma jiġri dan is-sefturi għandhom jitilku minn fejn icunu u jfittxu band'oħra, jecc iżda jcunu jistgħu jagħmlu dan mingħajr taħbit cbir jew deni jeħor. Għalhecc, biex nifteħmu aħjar, jecc waħda seftura tcun taf li jecc titlak mnejn hi kegħda jew icollha dbati għax tibka' mingħajr xogħol jew, jecc issib, ma tcunx żgura li tigi

mħollija tagħmel id-dmirijiet tar-Religjon tagħha, u l-ictar, jecc ma tcunx żgura minnha nfisha bħalma chienet s'issa fejn hi kegħda, l-aħjar ħaġa hija li tibka' fejn tcun u ma titħarrec xejn (1). Iżda, sabiex tibka' iżjed bi cwietha, tista' titlob parir lil confessur tagħha.

### III. Art. Mil-ligi tas-sawm u tal-astinenza f'dakka.

Fl-ewwel articlu għedna liema huma l-cawżi li jeħilsu mis-sawm waħdu, u fit-tieni liema huma dawc li jeħilsu mill-astinenza: issa, jecc il-cawżi ta' l-ewwel jintakgħu fl-imchien ma' tat-tieni, għandu jiġri ta' bilfors il-ħelsien miż-żewġ ligijiet imsemmija meta dawn jaħbtu f'dakka. Għalhecc il-morda, il-fkar ħafna, il-ħaddiema ta' xogħol tad-dbatija jistgħu jieclu *chemm* u *liema* ħwejjeġ iridu huma, jew aħjar, la huma obbligati għas-sawm u l-ankas għall-astinenza sabiex icunu jistgħu jissaħħu jew biex ma jimirdux. U dan li għedna fuk il-morda, fuk il-fkar u fuk il-ħaddiema nistgħu ngħiduh ucoll fuk oħrajn meta hemm bżonn. Għalhecc, sachemm wieħed jista' jħares ligi mingħajr l-oħra, ma għandux igħodd ruħu meħlus mit-tnejn, imma għandu jagħmel ħiltu collha sabiex iħares dic li jista' jħares bla taħbit cbir. Immela, min igħallem, ingħidu aħna, jew jitgħallem scond iż-żmien li għedna, għalchemm ma jcunx obbligat isum, mill-banda l-oħra jcun obbligat iħares l-astinenza jecc icun jista' jħarisha. U bil-maklub: jecc wieħed barrani jew mistieden ma jsibx x'jiecol ħlief ichel tal-laħam, dana, meta ma jistâx jagħmel ħaġ'oħra bla ma jiġri xi deni cbir, jista' jnigges bla ma jidneb, imma, mill-banda l-oħra għandu jsum jecc icun jista'.

---

(1) GENICOT-SALS., *o.c.*, I, n. 449. Ara wcoll NOLDIN, *o.c.*, n. 676 u A CORONATA, *o.c.*, n. 311.

TWISSIJA.—Ħafna mill-cawżi li semmejna m'humiex għal cullħadd xorta u l-ankas iserħu għal collox il-moħħ ta' cullħadd; dana jiġri l-għaliex in-nukkas ta' setgħa m'hux f'cullħadd xorta. Bilfors mela jibka minn dawc li jcomplu jitħassbu jecc għandhomx iħarsu l-ligi jew lè, l-ictar l-iscruplusi. Meta jiġri hecc, l-aħjar li wieħed jagħmel hu li jitlob il-ħelsien mil-ligi jew aħjar, biex nitchelmu bħal Moralisti, *id-dispensa* minn għand min għandu s-setgħa. Min huma dawc li għandhom din is-setgħa mmorru narawh fil-Cap li gej.

## IS-SITT CAP

**Min jista' jiddispensa jew iħoll mil-Liġi tas-Sawm u tal-Astinenza.**

Billi dawn iż-żewġ ligijiet imsemmija huma mifrudin minn xulxin, jista' jcun li min għandu s-setgħa li jħoll icun irid iħoll minn waħda biss u m'hux mill-oħra wcoll. Għalhecc jinħtieġ li wieħed jokgħod ħafna attent għal cliem ta' min iħoll; u katt ma għandna naħsbu illi t-taħlil giè mogħti miż-żewġ ligijiet f'dakka, jecc dan ma jcunx jidher biċ-ċar minn cliem jew chitba ta' min iħoll.

Għandu s-setgħa li jiddispensa (iħoll) mil-ligi tas-sawm jew tal-astinenza jew mit-tnejn f'dakka:—

L-ewwelnett il-Papa; u dan jista' jagħmlu maddinja collha, għaliex huwa r-Ras ta' collha chemm huma l-insara. Id-dispensa li jati l-Papa tcun tiswa' dejjem, avvolja ma jcunx hemm raġuni biex jagħmel dan, il-għaliex icun kiegħed jiddispensa minn ligi li jcun għamel huwa stess. Hi cwistjoni oħra jecc jixrak jew ma jixrakx iħoll mil-ligijiet li semmejna bla ma jcun hemm għal fejn.

It-tieni: l-Iskfijiet ma' collha chemm hi d-dijocesi tagħhom jew, ictar u ictar, ma' biċċa minnha biss, għar-raġuni ta' xi folol jew gemgħat cbar ta' nies jew ucoll minħabba s-saħħa ta' cullħadd (1). Imbarra dawn iż-żewġ raġunijiet ma tintagħtax raġuni oħra li

(1) "*Ordinarii, ex causa peculiari magni populi concursus aut publicae valetudinis, possunt totam quoque dioecesim seu locum a ieiunio et ab abstinentia vel etiam ab utraque simul lege dispensare*". Can. 1245, § 2.

għaliha l-Iskfijiet icunu jistu jħollu d-dijocesi mil-ligijiet imsemmijin. Anzi fil-ligijiet il-kodma l-Iskfijiet minħabba l-ewwel raġuni biss chienu jistgħu jiddispensaw, għalchemm minn xi dakkiet chien jibka' l-obbligu li s-sawm isir kabel (1). Minn hawn tara' li l-ligi l-ġdida hi ictar ħafifa mil-kadima, l-ictar il-għaliex barra mir-raġuni tal-folol ta' nies, inżdieded oħra li hi, bħalma għedna, is-saħħa ta' cullħadd.

Dawn il-folol ta' nies li semmejna jistgħu jsiru m'hux biss minħabba l-kima lejn il-ħwejjeġ t'Alla (ngħidu aħna għal xi festa tat-*titular* ta' xi belt jew raħal), imma wcoll għal ħwejjeġ oħra li m'humiex tar-ruħ bħalma huma xi festi tal-Gvern, xi miġja ta' Sultan, xi *fieri* u x'naf jien; l-ictar meta dawn isiru bi ħsieb tajjeb. L-ankas hemm bżonn li dawn il-folol icunu ta' nies barranin, imma biż-żejjed dawc tal-pajjiż, anzi ta' l-istess belt jew raħal (2); u jecc dawn il-folol itawlu għal jumejn, tlieta jew ictar ucoll (li fil-gżejjer tagħna xi darba fit-tant jiġri dan), l-Iskof jibkalu l-jedd collu li jtawwal huwa wcoll id-dispensa għal ma' tul dac iż-żmien collu (3). Jinħtieġ imma li r-raġuni ta' dawn il-folol ta' nies tcun *speciali* jew, biex niftehmu aħjar, li ma tcunx ta' sicwit imma li tiġri darba jew darbtejn fis-sena (4). Għalhecc il-folol ta' nies ta' cull nhar ta' Sibt jew ta' jum ieħor m'humiex biż-żejjed għad-dispensa mil-ligijiet li fukhom kegħdin nidħadtu.

---

(1) Hecc jidher mit-twegiba tas-Sant'Officju tal-5 ta' Dic. 1824 u tas-7 ta' Sett. 1906. Ara wcoll MONIT. Eccl., XVIII, p. 423.

(2) S. Off., 18 Mart. 1896.

(3) MONIT. ECCL., XVI, p. 375, n. 77.

(4) VERMEERSCH-CREUSEN, *o.c.*, n. 554. A CORONATA jifhima xort'oħra. Ara, *o.c.*, n. 280.

Għedna li tiġri *darba* jew *darbtejn fis-sena*: imma b'dakshecc ma għandniex naħsbu li minn xi dakkiet ma jistgħux jintgħataw raġunijiet oħra ġodda. Cull darba li titfaċċa xi raġuni li m'hix soltu tiġri, l-Iskfijiet għandhom il-jedd collu li jiddispensaw.

Minħabba, imbagħad, is-saħħa ta' cullħadd l-Iskfijiet jistgħu jiddispensaw jew iħollu mil-ligi lil Merħla tagħhom m'hux biss *ma' tul* xi mard icraħ, imma wcoll *wara* li jgħaddi jecc icun hemm il-bżża' li jarġa jigi. U d-dispensa tista' tintgħata m'hux biss għassawm u għall-astinenza ta' barra r-Randan, chif chienet trid il-ligi l-kadima (1), imma wcoll għal ma' tul ir-Randan. L-ankas hemm bżonn li-d-dispensa tintgħata għal xi numru ta' ġranet, ingħidu aħna għal tmient ijiem jew ħmistax, imma wcoll bla kies jew, aħjar, sachemm itul il-mard jew il-periclu tiegħu.

Twissija.—Meta l-Iskof jiddispensa l-Merħla tiegħu mil-ligijiet li semmejna, ir-Religjużi wcoll jiġu d-dispensati minnhom avvolja s-sawm u l-astinenza tagħhom icunu mgegħlin mir-Regula jew minn xi cmand ieħor tal-Cnisja; għall-inkas, jecc l-Iskof, meta jiddispensa, ma jitchellimx xort'oħra (2).

Iżjed; l-Iskfijiet jistgħu jiddispensaw ucoll cull *meta, chif* u *fejn* jistgħu l-Cappellani, bħalma sejrin ingħidu.

It-tielet : il-Cappellani (3), imma biss a) f'casijiet

---

(1) S. Off., 15 Dec. 1897.

(2) S. Off., 20 Jan. 1892. Ara wcoll A Coronata, p. 284; Moccheggiani, *Jurispr. eccl.*, II, n. 75.

(3) Taħt l-isem ta' *Cappellani* għandna nifhmu dawc is-Sacerdoti collha jew persuni oħra morali li lilhom giet mogħtija b'titlu l-cura ta' l-erwieħ taħt il-cmand u t-tregija ta' l-Iskof. Can. 451 § 1.

waħdenin (singulari), b) għal xi raġuni li tistħok, c) fil-kasam jew fil-limti tagħhom lil dawc ucoll li m'humiex tagħhom, d) barra l-kasam jew il-limti tagħhom lil dawc biss li huma taħt is-setgħa tagħhom (1).

Għedna: a) *"f'casijiet waħdenin"*: jigifieri ta' cull darba u m'hux għall-ictar milli jcun irid il-bżonn ta' dac li jitlob id-dispensa, ingħidu aħna għal ma' tul dic il-marda biss, jew għal ma' tul dac ix-xogħol (2).

b) *"għal xi raġuni li tistħokk"*: jew m'hux għal xejn b'xejn: inchella d-dispensa ma tcunx tiswa. Iżda l-ankas hemm bżonn li r-raġuni tcun dakshecc cbira u ċara li minnha nfisha ggib il-ħelsien mil-ligi: inchella għal fejn is-setgħa ta' min jista' jiddispensa? Il-kawwa u l-cobor tar-raġuni li wieħed igib, għandha titkejjes mill-għakal u d-dehen ta' min jiddispensa u mid-drawwa tal-pajjiż. Jecc imbagħad xi ħadd jibża' jitlob id-dispensa minn min għandu s-setgħa, għaliex dana huwa rozz jew aħrax jew scruplus iż-żejjed jew niekes mit-tgħarif ta' dmiru, allura wieħed jista' jsaksi u jimxi fuk il-chelma ta' cull bniedem għakli, imma l-iżjed tal-Confessur tiegħu. Jecc dawn ucoll jiġu li jonksu, wieħed għandu jgħarbel ftit aħjar il-ħaġa u jagħmel scond ma tgħidlu l-cuxienza tiegħu (3).

c) *"fil-kasam jew limti tagħhom..."* il-kasam tal-Iskfijiet huma d-dijocesi; tal-Cappillani, il-parrocci. Mela d-dispensa tista' tintgħata lil cull min icun

---

(1) *"Non solum Ordinarii locorum, sed etiam parochi, in casibus singularibus iustaque de causa, possunt subjectos sibi, singulos fideles singulasve familias, etiam extra territorium, atque in suo territorio etiam peregrinos, a lege communi de observantia .. abstinentiæ et ieiunii vel etiam utriusque dispensare"*. Can. 1245, § 1.

(2) Vermeersch-Creusen, *o.c.*, n. 554.

(3) A Coronata, *o.c.*, n. 277, c).

jinsab hawn, avvolja jcun barrani u jcun giè għal ta' l-apposta (1). L-ankas hemm bżonn li min jiddispensa jew iħoll mil-ligi jcun jinsab dac il-ħin fil-kasam tiegħu.

Iżjed, id-dispensa mil-ligi tista' ssir sew fil-Krar, chemm ucoll barra minnu; u jecc it-talba ssir lil Cappillan fil-wakt li jcun jinsab hemm l-Iskof, id-dispensa li jati daca tcun tiswa daks ta' dana, għaliex f'din il-ħaġa l-jedd tat-tnejn hu xorta waħda (2). Biss id-divrenzja hija din: illi l-Cappillani jistgħu jiddispensaw lil cull wieħed u lil cull familja, iżda le lil parroċċa fsalt; fil-ħin li l-Iskfijiet jistgħu jiddispensaw m'hux biss lil cull wieħed u lil cull familja, iżda wcoll lil cull parroċċa sħiħa li tinsab fid-dijocesi tagħhom, għalchemm ma jistgħux jiddispensaw lid-dijoċesi collha f'dakka, jecc ma jcunx hemm xi cawża minn dawc it-tnejn li semmejna kabel (3).

d) "*barra l-kasam...*": barra l-limti ta' cullwieħed id-dispensa ma tistâx tintgħata ħlief biss lil dawc li huma tagħhom, jigifieri lil dawc li jgħixu gewwa dawn il-limti għalchemm dac-inhar jinsabu barra, u, avvolja jcunu familji sħaħ. U wcoll, min jiddispensa jista' jcun m'hux biss gewwa imma wcoll barra l-limti tiegħu.

---

(1) A Coronata, *o.c.*, n. 276, b).

(2) Kabel il-ligijiet il-ġodda wieħed chien jista' jitħasseb fuk din il-ħaġa; il-lum m'hemm ebda dubju. Ara Monit. Eccl., IX, p. 276.

(3) Illi l-Iskfijiet jistgħu jiddispensaw lil parrocci sħaħ, ma jidhirx ċar għal collox mil-ligi; imma dan ġħidnih, sew għan-nukkas ta' xebħ fil-wisgħa tas-setgħa li jixrak icollhom l-Iskfijiet u l-Cappillani, chemm ucoll minħabba x-xebħ li hemm bejn familja f'parroċċa u familja fid-dijocesi. Il-parrocci kieshom familji għall-Iskof. Ara A Coronata, *o.c.*, n. 276, b).

Ir-raba': is-Superjuri tar-religjonijiet *clericali* li m'humiex taħt is-setgħa tal-Iskof għandhom l-istess setgħa li jiddispensaw, bħal Cappillani, lil dawc li huma msemmijin fil-ligi 514 § 1 (1).

Għedna: a) "*Is-Superjuri*", bla ma għażilna bejn iż-żgħar u l-cbar, jigifieri bejn *Gwardjani* jew *Priuri*, *Provincjali* u *Generali*. Iżjed, taħt il-chelma *Superjuri* nifhmu wcoll il-*Vigarji* meta dawn icunu jagħmlu minn floc dawc; iżda hawn ma nifhmux le s-Superjuri nisa, il-għaliex dawn ma jistgħux icollhom il-vera *giurisdizioni* jew setgħa tal-Cnisja fuk is-sudditi tagħhom; l-iżjed jistgħu biss jixdhu li xiħadd minn tagħhom ma jcunx obbligat iħares il-ligi tas-sawm u tal-astinenza.

b) "*tar-religjonijiet clericali*". Religjon *clericali* hija dic li ħafna mill-imxerchin tagħha jsiru Sacerdoti (Can. 488, 4°), bħalma huma, ingħidu aħna, il-Frangiscani (Minuri, Cunventwali u Cappuccini), id-Dumnicani, il-Carmlitani u oħrajn; imma le l-Freres, il-Maristi, Fate-bene-fratelli u oħrajn bħal dawn.

c) "*li m'humiex taħt is-setgħa tal-Iskof*". Immela m'hux biż-żejjed li s-Superjuri jcunu mix-xirca tas-Sacerdoti, imma hemm bżonn ucoll li din ix-xirca tcun meħlusa mit-tregija tal-Iskof, bħalma huma dawc il-patrijiet li jissejħu *Regulari*. Għalhecc is-Superjuri ta'dawc ir-religjużi li huma taħt is-setgħa tal-Iskof ma jistgħux jiddispensaw lis-sudditi tagħhom, jecc, għall-

---

(1) "*In religione clericali exempta eandem dispensandi potestatem habent Superiores ad modum parochi, quod attinet ad personas, de quibus in can. 514 § 1.*" Can. 1245, § 3. Din is-setgħa li għandhom dawn is-Superjuri, il-Cappillani, l-Iskfijiet u l-Papa scond il-ligi 197 § 1 hi *ordinarja*; għalhecc scond il-ligi l-oħra 199 § 1 jistgħu jatuha lil ħaddieħor sabiex dan jiddispensa minn flochom.

inkas, ma jcollhomx din is-setgħa mill-Iskof. L-istess ħaġa ngħidu għal dawc is-Superjuri l-oħra li, għalchemm icunu meħlusin mit-tregija tal-Iskof, ma jcunux ta' religjon *clericali*, għad li forsi s-Superjur stess icun Sacerdot.

d) "*għandhom l-istess setgħa li jiddispensaw bħal Cappillani*": mela, m'hux chif gieb u laħak, iżda meta u chif jistgħu l-Cappillani, u cull wieħed fil-limti tas-setgħa tiegħu, jigifieri l-Gwardjan jew Priur fil cunvent tiegħu, il-Provincjal fil-provincja tiegħu, il-General fl-Ordni tiegħu u meta dawn jonksu, il-Vigarji tagħhom, jew aħjar, dawc li jidħlu fil-ħacma minn flochom. Imma ladarba, bħalma għedna, il-Cappillan ma jistâx jiddispensa lil parroċċa tiegħu f'dakka, hecc ucoll dawn is-Superjuri ma jistgħux jiddispensaw lil dawc li huma tagħhom f'salt wieħed, imma jew wieħed wieħed jew biċċa minnhom f'dakka. Biex nifhtemu aħjar, il-Gwardjan jista' jiddispensa lil biċċa mil-familja tiegħu, ingħidu aħna liż-żgħażagħ li kegħdin jistudjaw fil-cunvent tiegħu, jew ucoll lis-surmastrijiet ta' dawna. Hecc ucoll il-Provincjal jista' l-iżjed jiddispensa lil cunvent collu, u l-General lil provincja sħiħa, il-għaliex sew il-cunvent chemm ucoll il-provincja huma magħdudin bħala biċċa mil-familja tal-Provincjal u tal-General ta' l-Ordni.

U din is-setgħa li l-ligi tati lis-Superjuri tiswa m'hux biss għad-dispensa mis-sawm u mill-astinenza tal-Cnisja, imma wcoll tar-Regula jew Costituzzjonijiet tagħhom jecc, għall-inkas, dawna ma jcunux iridu xort'oħra (1).

e) "*lil dawc li huma msemmijin fil-ligi 514 § 1*". F'din il-ligi jissemmew il-professi collha jew dawc li wegħdu, in-novizzi jew dawc li għadhom jibdew il-

(1) A Coronata, *o.c.*, n. 280.

ħajja religjuża, u dawc l-insara l-oħra li jgħixu *lejl u nhar* fil-cunvent jew għal biex jakdu, jew biex jitgħalmu, jew bħala morda jew ucoll bħala milkugħin hemm (1). Lil dawn biss, mela, jistgħu jiddispensaw is-Superjuri u m'hux lil ħaddieħor, u, sabiex is-Superjuri jcollhom din is-setgħa fuk il-milkugħin fil-cunventi tagħhom, m'hemmx bżonn li dawn idumu ħafna fil-cunvent, imma biż-żejjed ġurnata waħda sħiħa jew, għall-inkas, l-icollhom dan il-ħsieb li jgħaddu hemm il-ġurnata collha (2).

Il-ħames: il-Confessuri jistgħu jiddispensaw mis-sawm u mill-astinenza jecc bid-deher icunu kalgħu din is-setgħa minn min jista' jatiha, inchella jcunu jistgħu biss jixdhu illi l-penitent, scond ir-raġuni li jgib, ma jcunx obbligat għal-ligi. U dan jistgħu jagħmluh ucoll it-tobba u oħrajn ta' għerf u agħkal, scond il-cuxienza tagħhom sabiex ma jitgħabbewx bi dnub ta' ħaddieħor.

Fl-aħħarnett inwissu : 1) illi d-dispensa mil-ligi tas-sawm jew tal-astinenza hi *persunali* jew tmiss lil dac li jcun biss, u timxi miegħu cull fejn imur.

2). Illi min jista' jiddispensa lil ħaddieħor jista' jiddispensa lilu n-nifsu wcoll (Can. 201, § 3).

3). Illi min jista' jiddispensa ma għandux igib ruħu ta' jebes u chiefer ma' min jitlob id-dispensa mil-ligi. L-oħrajn imbagħad li ma għandhomx din is-setgħa, bħalma huma l-Confessuri u xi Superjuri oħra, għad li ma għandhomx ibeżżgħu lil dac li jcun fuk it-taħris tal-ligi, ankas ma għandhom jaktgħuha

---

(1) "*In omni religione clericali... professis, novitiis, aliisve in religiosa domo diu noctuque degentibus causa famulatus aut educationis aut hospitii aut infirmæ valetudinis...*". Can. cit.

(2) VERMEERSCH-CREUSEN, *o.c.*, I, n. 485, 4.

chif gieb u laħak u jeħelsuh minn cull obbligu tas-sawm jew tal-astinenza, l-ictar meta r-raġuni li jgib tati x'taħseb. Meta hu hecc, jaraw chif jagħmlu sabiex minn banda jħenu u għal dac li jcun, u, mil-banda l-oħra, iwieżnu xi ftit il-ligi: ingħidu aħna, għal ftit ħalib fil-għodu jew għal xi ftit ichel iżjed fil-għaxija, la għandhom jincurlaw jew iċanfru lil dac li jcun, imma ankas ma għandhom igħidulu biex ma jsum xejn. Il-għakli mela għandu jifhem u jifli r-raġuni u l-bżonn ta' dac li jitlob jew igħid li ma jistâx iħares il-ligi, u, scond ma jidhirlu, jati jew jiċħad it-talba bla rabja, bla biża' jew scrupli.

4) Illi min hu ddispensat minn ligi waħda biss jibka fid-dmir li jħares dic li minnha m'ħux iddispensat scond ma għedna fir-raba' Cap; għalhecc min hu ddispensat mil-ligi tas-sawm biss, fil-ġranet tas-sawm waħdu jista' jiecol x'ħin, chemm u liema ħwejjeġ irid hu; fil-ġranet tal-astinenza wħida, jista' jiecol x'ħin, chemm u liema ħwejjeġ jixtiek, imbarra imma l-laħam u dac li hu gej mil-laħam. Min imbagħad hu ddispensat mil-ligi tal-astinenza biss, fil-ġranet tal-astinenza wħida, jista' jiecol x'ħin, chemm u liema ħwejjeġ irid du; fil-ġranet tas-sawm waħdu jista' jiecol il-laħam fl-icla l-cbira biss u m'hux fl-icla ż-żgħira ta' fil-għodu u fl-oħra ta' fil-għaxija (1). Min, fl-aħħarnett, icun id-dispensat miż-żewġ ligijiet, icun meħlus għal collox; biss jokgħod attent chemm jista' li ma jatix xi scandlu lil min jarah, u dan l-iscandlu jitwarrab jecc dac li jcun jistkarr bla biża' u bla mistħija li kala' d-dispensa mil-ligi.

5) Illi jecc f'xi familja jcun jinsab xi ħadd li ma jcunx obbligat għal-ligi tal-astinenza, il-missier jew min hu minn flocu, ma jistâx iħalli lill-oħrajn iniġġsu

(1) Ara wcoll MONIT. ECCL., XXXII, p. 156.

bil-laħam, jecc, għall-inkas, ma jcunux hemm fin-nofs xi raġuni oħra li teħles lilhom ucoll (1).

6). Hecc ucoll, jecc xi missier ta' familja ma jcunx obbligat għal dawn iż-żewġ ligijiet tal-Cnisja, l-ictar għal-ligi tal-astinenza, dawc collha li huma taħt issetgħa tiegħu ma għandhomx igħoddu ruħħhom huma wcoll meħlusin mil-ligi, jecc ma jcunx hemm xi raġuni oħra milli semmejna fir-raba' Cap (2). Dan bħala tagħlim; bħala għamil, wieħed jisma' xi jgħidlu l-Confessur (3).

---

(1) S. Poenit., 19 Jan. 1834.
(2) S. Poenit., 12 Jan. 1734.
(3) S. Poenit., 20 Apr. 1865; MONIT. ECCL., 1, p. 380

## ŻIEDA

**Fuk is-Sawm tal-Indulti, tal-Weghdi u tar-Religjuzi.**

Dac collu li għedna sa hawn għandu jiftihem bħala wiri ta' għamil li jmiss lill-cullħadd bla ma nħarsu lejn dac u lejn dana, il-għaliex, inchella, jiġri li nsibu minn dawc il-bnedmin li ma humiex obbligati għal cull ma għedna, u bil-maklub, jigifieri nsibu oħrajn li huma obbligati għal wisk iżjed milli rajna. Għalhecc il-Cnisja sabiex ma tħalli lil ħadd ħosbien jew bit-tokol fir-ruħ tiegħu għamlet ligi li tgħid: "*B'dawn il-ligijiet (li semmejna) xejn ma jitbiddel mill-indulti mogħtijin lil xi wħud, mil-wegħdi ta' cull persuna fisica jew morali, mill-costituzzjonijiet u reguli ta' cull religjon jew institut magħruf sew tar-rgiel chemm tan-nisa li jgħixu fl-imchien għalchemm ucoll mingħajr voti*" (1). Din il-ligi, chif cullħadd jara, fuk tliet ħwejjeġ titchellem, jigifieri:

1) fuk is-sawm ta' fejn jinsabu mogħtijin xi *indulti*,

2) fuk is-sawm tal-wegħdi,

3) fuk is-sawm tar-religjużi. Fuk cull wieħed minn dawn it-tliet punti ngħidu xi ħaġa avvolja fuk fuk sabiex, chemm jista' jcun, ma nħalluh niekes minn xejn dan il-ctieb ċchejchen.

---

(1) Can. 1253. *His canonibus nihil immutatur de indultis particularibus, de votis cuiuslibet personæ physicæ vel moralis, de constitutionibus ac regulis cuiusvis religionis vel instituti approbati sive virorum sive mulierum in communi viventium etiam sine votis.*

### I. Art. Is-sawm ta' fejn hemm xi Indulti.

*Indult* ifisser ħelsien minn xi ligi mogħti lil xi ħadd għal żmien mekjus, ingħidu aħna, għal sena, għal ħames snin; jecc imbagħad dan il-ħelsien jintata għal dejjem actarx jissejjaħ *privileġġ*. Il-*privileġġ* imma actar: jintata lil ftit, fejn l-*indult* lil ħafna wcoll, m'hux biss lil bliet sħaħ, imma, minn xi dakkiet, lil provincji u saltniet cbar. Xi drabi dawn l-*indulti* tatihom Ruma stess jew minn jeddha, jew l-ictar wara t-talba tal-Iskfijiet jew ta' bnedmin oħra cbar miġburin flimchien bħallichiecu *concilji*.

*L-indulti* li ntataw fuk is-sawm huma ħafna u fosthom l-iżjed imsemmi hu dac tal-*Bolla tal-Crocjati* mogħtija lill-Ispanjoli (1). Imma lilna Maltin u Għawdxin ftit u xejn jinpurtana minn dan collu ġala-darba fil-gżejjer tagħna ma għandna l-ebda *indult* dwar is-sawm. Għalhecc, naktgħu fil-kasir u ngħidu biss li dawn l-*indulti* dwar is-sawm għadhom jiswew bħal kabel u ma tilfu xejn mill-kawwa tagħhom wara l-ligijiet il-ġodda tal-Cnisja. Mela min kabel chien meħlus minn xi sawm minħabba l-*indulti*, jibka' wcoll issa (2).

---

(1) Din il-*Bolla* giet imtawla fiż-żmien u minsusha xi ftit ucoll mill-Papa l-mejjet Beneditt XV bl-ittra Tiegħu tat-12 ta' Awwissu 1915 lir-Re Fonsu XIII. Ara A.A.S., 1915, p. 557 jew ucoll il-Monit. Eccl., XXVIII, p. 49.

*Indulti* oħra fuk is-sawm gew mogħtijin ucoll mill-Papa Ljuni XIII fit-18 t'April 1897 lill-Amerca t'Isfel; mill-Papa Piju X fl-1 ta' Jannar 1910 lill-Amerca t'Isfel u lill Gżejjer Filippini, u fil-10 ta' Ġunju 1911 lid-Dalmazja.

(2) Ara wcoll il-Can. 4.

### II. Art. Is-sawm tal-wegħdi.

Cullħadd jaf li s-sawm, l-ictar dac bl-astinenza miegħu, hija ħaġa wisk mogħġuba mn'Alla; għalhecc bosta huma dawc l-erwieħ, l-ictar fil-gżejjer tagħna, li fil-bżonn jew fil-hemm iduru lejn Alla jitolbuh għajnuna, faraġ u ħelsien minn cull deni. Xi drabi, sabiex ikanklu iżjed il-ħniena Tiegħu, Lilhu jwegħdu ħafna ħwejjeġ fost collox it-tgħakkis tal-gisem, billi ma jżokkuħx b'cull xorta ta' ichel u xorb, il-għaliex dan huwa li jgib il-ħsara collha bil gibdied ħżiena tiegħu.

Issa, min jagħmel xi wegħda ta' din ix-xorta jista' jcun a) jew wieħed waħdu (*persuna fisica*), b) jew ħafna f'dakka bħala bniedem wieħed (*persuna morali*). Għalhecc, sabiex incunu ċari jinħtieġ li l-ewwel nitchellmu fuk is-sawm ta' wieħed waħdu u mbagħad fuk dac ta' ħafna flimchien; iżda, kabel xejn, hemm bżonn li ngħidu xi ħaġa fuk chif għandha ssir il-wegħda sabiex torbot lil min jagħmilha.

L-ewwelnett min iwigħed, scond ma tgħallimna l-istess Cnisja mkaddsa (1), għandu jifhem x'inhu li sejjer jagħmel: jigifieri li jcun irid iwigħed tabilħakk u jagħraf ucoll fl-istess ħin li jcun sejjer jintrabat għal dac li jwigħed. Immela jecc xi ħadd iwigħed biss għal taparsi jew, aħjar, mingħajr rieda sewwa, jew ucoll, icun irid iwigħed tabilħakk bla ma jcun irid iżda jintrabat għal dac li sejjer iwiegħed (daħka), il-wegħda ma tiswiex.

Fit-tieni loc imbagħad il-wegħda għandha tcun gejja minn gewwa l-kalb, jew mingħajr ma wieħed icun imgigħel minn ħaddieħor. Min iwigħed minħabba xi biża' cbir li jdallam jew jitlef il-moħħ, jidher biċ-ċar li l-wegħda xejn ma tiswa' l-għaliex icun jon-

(1) Ara l-Can. 1307 § 1.

kosha l-aħjar tagħha, jigifieri li wieħed jifhem x'sejjer jagħmel. Jecc imbagħad dan il-biża' jcun cbir biż-żejjed imma m'hux li jitlef il-moħħ, u fl-istess ħin dan il-biża' jcun contra l-ħakk għax ma jcunx jistħokk, il-wegħda tcun kisha ma saritx għall-inkas kuddiem għajnejn il-Cnisja (1). Il-biża' ċchejchen, avvolja nġust jew ta' bla ħakk, m'huhiex magħruf kuddiem il-Cnisja, iżda magħruf kuddiem Alla: għalhecc min iwigħed minħabba dan il-biża', *actarx* li l-wegħda tiegħu ma tiswiex il-għaliex Alla donnu ma jridx u ma jilkâx il-wegħda magħmula biss minħabba l-biża' (2). Cun af imma li l-biża' li jitrabba mill-istess natura jew mill-istess bniedem li jwigħed ma jmarradx il-wegħda; għalhecc hu żgur li tiswa' l-wegħda magħmula f'ħin ta' tempesta kalila jew f'xi siegħa ta' hemm jew deni jeħor li jista' jigi fukna jew ucoll fuk min inħobbu.

Fil-tielet loc il-wegħda għandha ssir l'Alla. Mela minn iwigħed lil Kaddisin għal gieħ u s-sebħ tagħhom biss, jigifieri bla ma jifhem li jwigħed lil Alla wcoll, ma jcunx k'ed iwigħed chif imiss, u għalhecc jista' ma jcomplix il-wegħda għalchemm dan ma jixrakx.

Fir-raba' u l-aħħar loc il-wegħda għandha tcun ta' ħaġa li tista' ssir u aħjar milli chiecu ma ssir xejn. Immela jecc wieħed marradi jagħmel wegħda li jsum għal tmint ijiem sħaħ jecc jakla' mn'għand Alla dac li għandu bżonn, din il-wegħda aħjar li ma ssir xejn il-għaliex actarx ma tcunx tista' ssir chif imiss u jixrak.

---

(1) Ara l-Can. 1307 § 3. Xi wħud mill-għorrief igħidu li l-biża' cbir u nġust jew li ma jistħokx jagħmel li ma tiswiex il-wegħda xi drabi mill-istes ligi tan-natura. Ara NOLDIN, *o.c.*, n. 210.

(2) VERMEERSCH-CREUSEN, *o.c.*, n. 637; ARREGUI, *o.c.*, n. 206. Iżda fuk din il-ħaġa l-għorrief ma tantx jakblu bejniethom.

Waħd'oħra li, minħabba l-wegħda li sejra tagħmel li ma tiecolx laħam nhar ta' Erbgħa u Sibt, se' ggib il-ġlied u t-tgherghir fid-dar, aħjar li ma twigħed xejn lil Alla u żżomm il-cwiet fil-familja, għax hecc actar tintgħoġob lil Mulej milli chiecu bis-sawm tagħha ggib il-ġlied. Narġgħu nakbdu issa fejn ħallejna kabel.

A). **Il-wegħda tas-sawm ta' wieħed waħdu.**

La-darba s-sawm u l-astinenza jistgħu jinfirdu minn xulxin, jinħtieġ li min jagħmel il-wegħda jagħżel sewwa xi jcun irid iwigħed, jigifieri jew sawm waħdu, jew astinenza wħida jew ucoll it-tnejn f'dakka; scond il-wegħda icun l-obbligu. Iżda dan l-obbligu jew ir-rbit li ggib magħha l-wegħda hu sewwa-sew bħal dac ta' cull ligi tal-Cnisja, jecc għall-inkas min iwigħed ma jcollux fehma oħra (1). Mela, jecc wieħed wigħed li jsum l'Erbgħat collha ta' ħajtu, imma dac il-ħin tal-wegħda ma fehemx li għandu jibka' jsum sewwa-sew sa' l-aħħar ta' ħajtu, meta jagħlak id-59 sena, (jew kabel ma jagħlak il-21 ta' ħajtu jecc il-wegħda tcun saret kabel dan iż-żmien),ma jcunx iżjed obbligat iħares il-wegħda. Hecc ucoll jecc wieħed ieħor jagħmel wegħda li jsum għal gimgħa sħiħa, u f'dic il-gimgħa taħbat ġurnata ccmandata bla ma jcun jaf biha minn kabel, ma jcunx obbligat isum dac-inhar tal-festa; iżda jecc l-istess wieħed iwigħed li jsum jew li ma jniggis bil-laħam is-Sibtijiet tas-sena u mbagħad f'wieħed minnhom tinzerta festa ccmandata, dan jibka' fl-obbligu li jsum jew li ma jiecolx laħam il-għaliex il-ġurnata chienet magħżula u għal-hecc ucoll l-ankas tista' titħalla għal darb'oħra. Fl-aħħarnett infaccar li l-wegħda tmiss u torbot biss lil

(1) A CORONATA, *o.c.*, n. 319, a).

min jagħmilha (1), u għalhecc minnu biss għandha tigi mħarsa u m'hux minn ħaddieħor. Meta mbagħad il-wegħda ma tcunx tista' titħares iżjed, għandha tigi mneħħija minn min għandu s-setgħa jew tispiċċa minnha-nfisha.

**B). Il-wegħda tas-sawm ta' ħafna f'dakka.**

Ebda dubju ma hemm li ħafna nsara f'dakka, ingħidu aħna parroċċa jew belt sħiħa, ma jistgħux iwegħdu xi ħaġa lill-Alla, basta imma li l-coll icunu ta' fehma waħda. Hecc saret il-wisk imsemmija processjoni ta' San Ghirgor f'Malta u dic li għada ssir sal-lum, bħal kabel, f'Għawdex. Minfloc processjoni sata' jcun sawm bħal dac, ingħidu aħna, li jinsab ħil-belt ta' Ruma f'lejliet il-Purificazzjoni tal-Madonna jew il-Candlora u bħal dac li jinsab fi Skallija f'lejliet il-Cuncizzjoni (2).

Dawn il-ħafna nsara li jagħmlu l-wegħda flimchien, il-coll chemm huma, imbarra t-tfal iż-żgħar u x-xjuħ li tilfu d-dehen ta' moħħom, jintrabtu bil-wegħda li tmiss lil cull wieħed minnhom. Dawc imbagħad li jiġu wara huma wcoll icunu fid-dmir li jħarsu l-wegħda, imma m'hux mil-kawwa ta' l-istess wegħda—il-għaliex dawn xejn ma jcunu wegħdu—(3), iżda mil-kawwa tal-ligi li jagħmel min għandu din is-setgħa, jew mill-istess drawwa (4), jew, chif ifisser ruħu aħjar is-Suarez, minħabba li s-sudditi għandhom jobdu lis-Superjuri tagħhom (5).

---

(1) Ara l-Can. 1310 § 1.

(2) Ara l-Monit. Eccl., XIX, p. 36 fejn għandec is-sib l-istess cliem tal-wegħda.

(3) Ara l-Can. 1310.

(4) A Coronata, *o.c.*, n. 319, b).

(5) Suarez: *De Relig.*, tr. VI, l. IV, c. 9., n. 10.

Hu x'inhu, dan is-sawm li għandu bidu minn wegħa chellu jispiċċa għal collox scond il-ligi 1252 li semmejna band'oħra, li chiecu l-Cnisja ma żiditx ligi oħra (1253) fejn tgħid li xejn ma għandu jidbiddel mis-sawm tal-wegħdi u għalhecc għandu jibka' sejjer min-nisel għall-ieħor. Madancollu, hecc ucoll chienu jżommu l-għorrief meta wara d-degriet *Frequentes pluribus* tal-5 ta' Settembru 1906, chienu nkalgħu xi difficultajiet dwar l-obbligu tas-sawm ta' din ix-xorta (1).

Wegħda ta' din ix-xorta tista' ssir minn cull gemgħa ta' nsara, m'hux biss minn dawc li jinsabu fid-dinja, imma wcoll minn dawc li huma mifrudin minnha u magħlukin fil-cunventi. Hawn nistħajjel li cullħadd jifhem li l-wegħda magħmula minn dawn ta' l-aħħar biss, ma torbotx lil dawc ta' l-ewwel ucoll; iżda, jecc il-wegħda ssir minn dawc ta' l-ewwel, ingħidu aħna mill-parroċċa jew mid-dijocesi collha fejn icunu jinsabu r-Religjużi, icunu dawn obbligati jħarsu l-wegħda? Għal din il-mistoksija hecc inwiegeb: jecc dawn ir-Religjużi huma minn dawc li jinsabu taħt is-setgħa tal-Iskof, jidhirli li f'din il-ħaġa huma wcoll għandhom jieħdu sehem fil-wegħda li jagħmel il-poplu u għalhecc huma wcoll icunu fid-dmir li jħarsuha. Jecc imbagħad dawn ir-Religjużi m'humiex taħt is-setgħa tal-Iskof, jidhirli li jistgħu ma jwegħdux mal-poplu; jecc ma jwegħdux, jew il-għaliex ma jcunux iridu jew il-għaliex meta saret il-wegħda chienu għadhom ma gewx jokgħodu hawn, actarx li ma jcunux obbligati għaliha (2).

---

(1) Ara Monit. Eccl., XIX, p. 321 fejn jitchellem fit-tul fuk din il-ħaġa.

(2) A Coronata, *o.c.*, n. 319, b).

Dawc l-insara li jgħixu flimchien u jintataw għasservizz t'Alla actarx icollhom xi cotba, imsejħin *Reguli* jew *Costituzzjonijiet*, li fihom icun hemm mictubin iddmirijiet tagħhom *speciali* għal ma' tul ħajjithom. Fost dawn id-dmirijiet actarx ucoll għandec issib issawm jew waħdu jew bl-astinenza miegħu. Hecc, ingħidu aħna, il-Patrijiet frangiscani collha (Conventwali, Cappuccini, Minuri), scond ir-*Regula* tagħhom, għandhom isumu minn l-għada tal-Kaddisin collha sa lejliet il-Milied, il-Gimgħat tas-sena, u r-Randan (1); scond il-*Costituzzjonijiet* imbagħad it-tliet Ordnijiet għandhom sawm ieħor għalihom uħidhom (2).

Issa, li chiecu l-Cnisja fil-ligijiet il-ġodda tagħha ma tchellmet xejn fuk dan is-sawm, connha nistgħu nitħasbu, għall-inkas, jecc il-ligi 1252 kerditx ucoll għal collox cull ligi ta' sawm magħmula kabilha, u għalhecc dac is-sawm ucoll tar-*Reguli* u *Costituzzjonijiet* ġaladarba dawn m'humiex ħaġ'oħra ħlief ligijiet *particulari*. Iżda l-Cnisja tchellmet ċar u kalet li ma tifhimx tmiss bil-ligijiet tagħha ġodda lis-sawm jew l-astinenza mgegħlin mil-*Costituzzjonijiet* u *Reguli* (Can. 1253). Mela dan is-sawm, li f'chelma waħda sejjaħtlu tar-Religjużi, għandu jibka' jitħares bħalma chien jitħares kabel il-Codici; biss, wieħed forsi jista'

---

(1) Reg. O. F. M., Cap. III. Cun af iżda li dan issawm tar-Randan ir-*Regula* actarx issemmih biss minn li tagħmlu *precett* ġdid. Ara KAZEN.—IGLESIAS, *o.c.*, p. 83; BIANCHINI, *o.c.*, p. 62.

(2) Il-Patrijiet Minuri bħallichiecu għandhom isumu bl-astinenza f'lejliet il-festa tal-Patrijarca San Frangisc Missierhom, għalchemm għal dan is-sawm m'humiex obbligati taħt dnub mejjet. Ara BIANCHINI, *o.c.*, p. 60 fin-nota.

jsib xi ftit tokol fuk *chif* għandu jitħares dan is-sawm jew, aħjar, fuk liema ħwejjeġ jistgħu jittieclu, il-għaliex forsi r-*Reguli* u l-*Costituzzjonijiet* m'hux ta' cullħadd huma ċari biż-żejjed. Imma dan it-tokol għandu jispiċċa wcoll meta aħna nkisu u niżnu sewwa l-cliem tal-*Costituzzjonijiet* jew *Reguli* li jcunu: dawn jew jitchellmu fuk is-sawm waħdu bla ma jsemmu l-astinenza, jew fuk l-astinenza wħida bla ma jitniffsu fuk is-sawm, jew ucoll fuk it-tnejn f'dakka. Jecc ta' l-ewwel, għandna nifhmu li dac-inhar għandha ssir icla waħda sħiħa u fiha jcun jiswa' l-laħam; jecc tat-tieni, dac-inhar ma jcunx jiswa' laħam biss u dac li hu gej jew magħmul mil-laħam; jecc fl-aħħarnett jitchellmu fuk is-sawm bl-astinenza miegħu, dan icun ifisser li għandha ssir icla waħda biss mingħajr ebda laħam. Fi cliem ieħor, is-sawm tar-Religjużi għandu jitħares sew-sew bħas-sawm tal-Cnisja, il-għaliex għandna naħsbu li l-*Costituzzjonijiet* u r-*Reguli* jobbligaw bħalma tobbliga l-Cnisja(1). Dan ucoll nifmuh aħjar minn dawn il-chelmtejn li gejjin.

---

(1) A CORONATA, *o.c.*, n. 320, b).

**Chelmtejn fuk is-Sawm tar-Regula tal-Patrijiet Frangiscani.**

**A). Is-Sawm tal-Frangiscani jorbot taħt kawwa ta' precett u m'hux tal-vot jew wegħda.**

Is-sawm maħżuż fir-Regula ta' San Frangisc la hu *vot* (wegħda) u l-ankas ma jorbot taħt kawwa ta' *vot* għalchemm xi wħud fi żmien ilu chienu jgħidu bil-maklub. Jecc il-frangiscani fil-professjoni tagħhom iwegħdu li jħarsu r-Regula għal ħajjithom collha, dan ma għandux jiftihem li għandhom iħarsu taħt kawwa ta' *vot* cull ma jinsab fiha; iżda, chif jitchellem il-għaref San Tumas, il-*vot* imiss biss dac li hu bżonjuż (*essenziali*) fir-Regula jew, aħjar, dac li mingħajru ma tistâx tagħddi bħalma huma it-tliet *voti* tal-fakar, smieħ, u l-ħarba taż-żina (1). Il-bkija li jinsab fir-Regula, bħalma huwa s-sawm, jorbot iva, imma biss taħt kawwa ta' precett li jinsab fir-Regula (2).

**B). Chif għandu jitħares is-Sawm tar-Regula.**

Ir-Regula ta' San Frangisc fil-Cap III issemmi biss is-sawm bla ma titniffes fuk l-astinenza jew ittniggis bil-laħam. La darba hu hecc il-frangiscani għal-ligi waħda biss huma obbligati, jigifieri għal-ligi tas-sawm waħdu jew, aħjar, għall-icla waħda sħiħa ma' tul il-jum bla ma jimpurtahom ta' liema xorta ta' ichel tcun. Għalhecc dejjem jiswa' l-laħam fl-icla l-cbira u l-ħut ucoll avvolja mal-laħam, u fil-għodu u fil-għaxija tista' tittieħed xi ħaġa wcoll basta scond iddrawwa tal-pajjiż fejn icun jinsab il-cunvent. Ankas għandna ngħidu li dan hu contra l-ħsieb ta' San

(1) S. Thomas, II, II, q. 186, IX, ad 1.

(2) Kazen. — Iglesias, *o.c.*, p. 14, 2.

Frangisc il-għaliex dan il-Kaddis, scond ma jgħidu dawc li chitbu fuk ir-Regula tiegħu, ried jorbot bissawm lill-Uliedu sewwa-sew chif il-Cnisja mkaddsa torbot lill-insara. Issa, jecc il-Cnisja f'dac iż-żmien bil-ligi tagħha tas-sawm chienet trid żewġ ħwejjeġ, il-kies jigifieri u x-xorta ta' ichel, il-lum il-ġurnata trid ħaġa waħda biss: il-kies (1).

Mela: a) il-frangiscani ma' tul is-sawm li jibda mill-għada tal-Kaddisin collha sa lejliet il-Milied sewwa, f'nofs-inhar jistgħu jieclu culljum il-laħam imbarra biss il-Gimgħat, il-ġranet tal-Erbgħa Staġuni jew *Qwattru tempi* u lejliet il-Milied; iżda dan m'hux mir-Regula, imma mil-ligi tal-Cnisja li tmiss lil cullħadd (Can. 1252).

U nhar ta' Sibt, immela, icun jiswa' l-laħam ucoll ma' tul dan is-sawm? U għala le? Basta imma dac inhar ma taħbatx xi ġurnata tal-*vgili* jew tal-*Qwattru tempi*: imma hawn cullħadd jara li kegħdin barra l-għalka. U jecc x'imchien tcun tinsab id-drawwa li nhar ta' Sibt jitħares is-sawm u forsi wcoll bl-astinenza miegħu, dan hu ta' min ifaħħru, iżda l-ebda rabta ta' ligi ma tinsab minnha-nfisha, u għalhecc ebda dnub ma jagħmel min ma jsumx jew inigges bil-laħam dac-inhar (2). Iżda forsi xi ħadd jakbes igħid: chif katt jiswa' l-laħam nhar ta' Sibt meta fis-Sibtijiet tar-Randan tal-Cnisja ma jiswiex? Mela dan is-sawm tar-Regula m'hux jewilla Randan ieħor u ma għandniex inħarsuh bħar-Randan tal-Cnisja? Għalchemm xi wħud mil-fissiera tar-Regula marru jsejħu lil dan is-sawm bl-isem ta' *Randan* u lilu xebħu wcoll lir-Randan tal-Cnisja, dan għamluh mingħajr kieħ ta' ħakk u ta' ligi, għax fl-istess Regula katt ma jissejjaħ *Randan*

---

(1) Kazen.—Iglesias, *o.c.*, p. 80, coll. 1.
(2) Kazen.—Iglesias, *o.c.*, p. 86, inf. 5

u jgħôd iżjed minn 40 jum (1). Ir-Regula ssejjaħ *Ran) dan* dac is-sawm li jibda minn nhar il-Ħamiem (Epif.- għal 40 jum sħaħ u li għalih il-Patrijiet frangiscani m'humiex obbligati ta' bilfors, imma jsumu min irid. Xi wħud isejħulu wcoll ir-*Randan imbierec*, la darba r-Regula tgħid li min isumu jcun imbierec mis-Sinjur. Dan hu dac is-sawm, u m'hux dac ta' l-ewwel, li fir-Regula jissopponi t-tieni Randan li għalih il-Patrijiet huma obbligati bħall-insara l-oħra.

Ma' tul l-istess sawm tal-Kaddisin collha l-frangiscani m'humiex obbligati jsumu fil-Ħdud għalchemm ir-Regula tgħid: "isumu mil-festa tal-Kaddisin collha sa lejliet il-Milied", il-għaliex il-Cnisja, sa fi żmien San Frangisc, katt ma obbligat lil ħadd għas-sawm f'dac il-jum għażiż. Imma fil-ġranet l-oħra, avvolja ccmandati, il-frangiscani jibkgħu fid-dmir li jsumu. Għalhecc fil-festa tal-Immaculata, jecc ma taħbatx il-Ħadd, hemm l-obbligu tas-sawm (2) (m'hux ta' l-astinenza wcoll, avvolja tcun il-Gimgħa), imma m'hux għax hemm ix-xebħ mal-festa ta' San Ġużepp li taħbat fir-Randan tal-Cnisja, imma *actarx* il-għaliex ir-Regula trid is-sawm ma' tul dawc il-ġranet collha (3).

---

(1) Acta O.F.M.: *Disquisitio etc.* 1921, X, p. 263-256. Hawn dan is-sawm hu msejjaħ *Sawm tal-Avvent;* hecc ucoll isejjaħlu l-P. G. Ang minn Vicenza fli *Spiegazione della Regola dei FF. Minori*, Conegliano, 1899, p. 77.

(2) Kazen. Iglesias, *o.c.*, p. 84, inf. 2.

(3) Għedt "*actarx*" il-għaliex jinsabu wcoll minn dawc il-Patrijiet frangiscani mgħallmin fil-ligijiet tal-Cnisja li jridu jżommu, u m'hux mingħajr kieħ, li fil-ġranet ccmandati li jaħbtu barra r-Randan tal-Cnisja, jispiċċa għal collox is-sawm mir-Regula. Iżda billi id-*Definitorju Generali* tal-PP. Minuri ħaseb l-aħjar wieħed jisma l-ewwel xi tgħid il-Congregazzjoni tar-Religjużi, din fit-22 ta' Marzu tal-1921 wieġbet: *le.* Ara Acta O.F.M., 1921, V, p. 125.

b) Hecc ucoll il-frangiscani huma obbligati jsumu l-Gimgħat ta' ma tul is-sena avvolja dac-inhar taħbat festa ccmandata ngħidu aħna l-Imnarja, Santa Marija, il-Kaddisin collha u x'naf jien (1). Għalhecc sew fl-icla ta' fil-għodu chemm ucoll fl-oħra ta' filgħaxija għandhom iħarsu dac li għedna fl-ewwel Cap ta' dan il-ctieb.

Il-frangiscani mbagħad, imbarra li għandhom isumu fil-Gimgħat, għandhom ucoll iħarsu l-astinenza mgegħla mil-ligi tal-Cnisja li tmiss lil cullħadd. Imma, ladarba l-frangiscani huma obbligati jħarsu din il-ligi sew-sew bħall-insara l-oħra, jinħtieġ ingħidu li cull meta l-astinenza tispiċċa jew titneħħa għall-insara, tispiċċa u titneħħa wcoll għalihom. Għalhecc jecc l-Imnarja, jew il-Milied bħallichiecu, jaħbat nhar ta' Gimgħa, dac-inhar fl-icla l-cbira jcun jiswa l-laħam (2).

c) Fir-Randan u fil-ġranet l-oħra tas-sawm tal-Cnisja l-frangiscani għandhom isumu bħall-insara l-oħra. Għalhecc cull meta l-Iskof jiddispensa lil Merħla tiegħu mil-ligi tas-sawm jew tal-astinenza, dan icun jiswa' wcoll għal frangiscani. Iżda xi ngħidu jecc mas-sawm tal-Cnisja jaħbat is-sawm tar-Regula? L-ewwelnett jecc l-Iskof jiddispensa mil-ligi tal-astinenza biss l-ebda dubju m'hemm li l-Patrijiet ta' San Frangisc ma jcunux huma wcoll id-dispensati la darba r-Regula tagħhom ma tobbligax għall-astinenza (3);

---

(1) Il-Patrijiet Conventwali għandhom mil-Costituzzjonijiet tagħhom li cull meta l-Milied imkaddes u l-festa tal-Patrijarca San Frangisc jaħbtu nhar ta' Gimgħa ma jcunux obbligati jsumu dac-inhar. Ara *Costit. Urbanæ O.M.C.*, Mechliniæ, 1880, p. 75.

(2) Kazen.—Iglesias, *o.c.*, p. 84, inf. 2.

(3) Kazen.—Iglesias, *o.c.*, p. 81, n. 2.

jecc imbagħad l-Iskof jiddispensa mis-sawm tar-Randan, il-frangiscani jistgħu ma jsumux fil-Gimgħat ta' ma' tul ir-Randan il-għaliex il-Gimgħat li fihom ir-Regula ggigħel is-sawm huma dawc li jaħbtu barra minnu (1); jecc fl-aħħarnett l-Iskof jiddispensa mis-sawm tal-ġranet l-oħra u dan jagħmlu għal xi bżonn magħruf u dieher bħallichiecu għal xi mard, hawn ucoll il-frangiscani jiġu d-dispensati mis-sawm tar-Regula, imma m'hux sewwa-sew mis-setgħa tal-Iskof, iżda ta' l-istess Regula li ma torbotx f'dac il-bżonn (2).

U jecc il-frangiscan, għal xejn b'xejn, ma jsumx meta mas-sawm tal-Cnisja jaħbat is-sawm tar-Regula tiegħu chemm il-dnub jagħmel? Dnub wieħed biss, il-għaliex għalchemm il-*precetti* huma iżjed minn wieħed dawn insibuhom jakblu bejniethom f'fini wieħed u jħarsu lejn virtù waħda li hi t-tgħakkis tal-gisem għall'Alla. Jecc imbagħad dan il-frangiscan jcun għamel wegħda li jsum jew lilu jcun giè mogħti xi sawm mill-Confessur tiegħu bħala penitenza, jidher ċar li l-*precetti* ma jakblux iżjed bejniethom il-għaliex il-fini u l-virtù li jridu hi iżjed minn waħda; għalhecc, meta hu hecc, jecc il-frangiscan ma jsumx jagħmel iżjed minn dnub wieħed.

TWISSIJA.—Meta l-Patrijiet Minuri, għal xi raġunijiet ta' ħakk u fl-istess ħin bil-permess tas-Superjuri, icunu jinsabu barra l-cunventi tagħhom, fil-ġranet tas-sawm tar-Regula jistgħu fil-għaxija jieclu minn cull *xorta* ta' ichel li jcollhom dawc il-familji fejn jiġu milkugħin, basta imma jħarsu dejjem il-*kies* li semmejna kabel (3).

(1) "*Aliis autem temporibus* non teneantur (fratres) nisi sexta feria ieiunare", Cap. III.

(2) BIANCHINI, *o.c.*, p. 62; ara wcoll il-Can. 620.

(3) Din il-grazzja giet maklugħa fit-3 ta' Jannar tal-1928 u tiswa għal tliet snin biss jecc ma tarġax tiġi mġedda. Ara Acta O.F.M., 1928, II, p. 27.

### Ċ). Min hu obbligat għas Sawm tar-Regula.

Is-sawm tar-Regula jobbliga biss lil *professi collha, iżda m'hux kabel il-wieħed u għoxrin sena u wara d-disgħa u ħamsin magħluka.*

Għedna: "*lil professi collha*" bla ma għażilna bejn dawc li pprofessaw għal xi żmien (prof. temporanea) u bejn l-oħrajn li jipprofessaw għal dejjem (prof. perpetua), u bejn il-*professi semplici* u l-*professi solenni*. Ir-raġuni hi li dawn collha, u huma biss, meta jipprofessaw iwegħdu lil Alla li jħarsu cull ma jinsab maħżuż fir-Regula għalchemm m'hux collox taħt il-kawwa tal-*vot*. Mela, in-Novizzi u t-Terzjarji (1) m'humiex obbligati għas-sawm tar-Regula.

"*Iżda m'hux kabel il-wieħed u għoxrin sena u wara d-disgħa u ħamsin magħluka*". Fuk din il-biċċa xi wħud minn dawc li fl-imgħoddi chitbu fuk it-tifsir tar-Regula ma jakblux magħna għal collox. Dawn iridu jgħidu li ż-żagħżagħ li ma għalkux il-wieħed u

(1) Bil-chelma *Terzjarji* hawn nifhem nitchellem biss minn dawc li, għalchemm ma jcunux bil-ħsieb li jsiru Sacerdoti, icunu jlestu ruħhom fil-Cunventi biex jipprofessaw ir-Regula tal-*Prim Ordni* (jew ucoll tas-*Second*, jecc icunu sorijiet), u m'hux minn dawc li jipprofessaw ir-Regula ż-żgħira, biex ingħid hecc, tat-*Terz'Ordni* Frangiscan. Dawn scond ir-Regula tagħhom (Cap. II, § IV) għandhom isumu f'lejliet il-Cuncizzjoni u f'lejliet il-festa tal-Patrijarca San Frangisc. Imbagħad tcun ħaġa wisk xierka u ta' min ifaħħara li chiecu t-Terzjarji jsumu cull nhar ta' Gimgħa wcoll u ma jniġġsux bil-laħam cull nhar ta' Erbgħa bħalma chienu jagħmlu t-Terzjarji fl-imgħoddi. Dan is-sawm u l-astinenza għandu jitħares bħas-sawm l-ieħor tal-Cnisja, jew scond ma rajna ma' tul dan il-ctieb; iżda, jecc it-Terzjarji ma jsumux jew iniġġsu wcoll bil-laħam f'dawc il-ġranet l-issemmi r-Regula, basta imma dac-inhar ma jaħbatx is-sawm tal-Cnisja, ma jagħmlu ebda dnub (Cap. III, § V).

għoxrin, għalchemm m'humiex obbligati għas-sawm tal-Cnisja, huma obbligati għas-sawm tar-Regula ġala-darba jcunu wegħdu li għandhom iħarsuha; l-oħrajn imbagħad li bdew is-sittin m'humiex obbligati u la għas-sawm tal-Cnisja u l-ankas tar-Regula l-għaliex ix-xjuħija hi marda minnha nfisha (1). Dan it-tagħlim tal-antichi ntoġob xi ftit ucoll lil xi chittieba ta' żminijietna (2); imma nsaksi jiena, jecc il-cbar ta' sittin sena m'humiex obbligati għas-sawm il-għaliex f'dic l-età s-saħħa tagħhom tibda tmajna, il-ġisem taż-żagħżagħ sa, għall-ankas, il-21 sena ma għandux forsi huwa wcoll bżonn li jissaħħaħ? Iżda l-kawwa tat-taħdit tiegħi ma hiex hawn, il-għaliex dan ma jcunx ifisser ħaġ'oħra ħlief li fil-wakt li *ncun neħlishom għal bżonn* mis-sawm, incun, mil-banda l-oħra, *nobbligahom* għal-ligi, għal Regula. Mela r-raġuni hi din: la-darba l-*precetti* tar-Regula għandhom jiftehmu u jitfissru sewwa-sew bħal cull *precett* tal-Cnisja, u la darba din ma ggiegħelx għas-sawm lil min għad ma għandux il-wieħed u għoxrin sena magħluka, hecc ucoll għandna ngħidu li l-patrijiet ż-żagħżagħ kabel iż-żmien li għedna m'hux biss huma *meħlusin* mis-sawm, imma *barra* minn cull obbligu tas-sawm (3). B'dakshecc ma hiniex ingħid li ż-żagħżagħ ma jmisshomx isumu; anzi jagħmlu wisk tajjeb jecc jibdew isumu minn mindu jcunu żgħar, u dan għal ħafna raġunijiet; biss ma nżidux obblighi fejn ma hemmx.

TMIEM.

---

(1) Kazenberger, *o.c.*, p. 79 u 83; Da Vicenza, l.c., p. 79.

(2) Bianchini, *o.c.*, p. 58.

(3) Il-P. Tonin Iglesias O. F. M., dan it-tagħlim bħala *tagħlim* isejjaħlu "iżjed minn sewwa" *(longe verius)*, u bħala *għamil* isejjaħlu għamil "sħiħ, tal-ħakk" *(practice certum)*. Ara Kazen.—Iglesias, *o.c.*, p. 90.

## TISWIJIET

---

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Paġna | 2 | vers | 1 | floc *għas-Sawm* akra *bis-Sawm.* |
| ,, | 7 | ,, | 25 | floc *t-Tempu* akra *t-Tempju.* |
| ,, | 19 | ,, | 1 | tat-tieni nota floc *jejunii* akra *ieiunii* |
| ,, | 27 | ,, | 1 | ta' l-ewwel nota floc *p. 16, n. 155. 156* akra *p. 16 u 155, 156.* |
| ,, | 28 | ,, | 5 | ta' l-ewwel nota floc *I, p. 382, n. 18* akra *I, p. 382 u 18.* |
| ,, | 28 | ,, | 1 | tat-tielet nota floc *jejunii* akra *ieiunii.* |
| ,, | 45 | ,, | 26 | floc *(5)* akra *(4).* |
| ,, | 46 | ,, | 2 | ta l-ewwel nota floc *Rnman* akra *Ruman.* |
| ,, | 47 | ,, | 16 | floc *dac inhar li bil-ligi* akra *dac-inhar bil-ligi.* |
| ,, | 55 | ,, | 2 | floc *oħra,* akra *oħra.* |
| ,, | 76 | ,, | 12 | floc *jixdhu* ,, *jixdhu (jiddichiaraw)* |
| ,, | 78 | ,, | 14 | floc *jixdhu* ,, *jixdhu (jiddichiaraw)* |
| ,, | 80 | ,, | 1 | floc *ma jcunux* akra *ma jcunx.* |
| ,, | 92 | ,, | 1 | floc *Ran)* akra *Ran—* |
| ,, | 92 | ,, | 2 | floc *(Epif.—* akra *(Epif.)* |

Barra minn dawn u xi ieħor li żelak, hemm xi oħrajn żgħar m'hux ta' min isemmihom.

---

# WERREJ ALFABETICU

**Arrigoni** 34.
**Astinenza** 19, ara **Ligi tal-astinenza**.
**Australja** 34.
**Avvent** 15.
**Bajd** 26, 30, 31, 33, 37, 41.
**Bhejjem** li jgħixu fl-art u fl-ilma 32-33.
**Bolla** tal-Crocjati 82.
**Brodu** 37, 40.
**Butir** 27, 30, 31.
**Caffè** 30.
**Cappellani** 73-75.
**Cappuccini**, ara **Frangiscani**.
**Cawcaw** 30, 38.
**Cawżi** li jeħilsu mis-sawm 59-66; mill-astin. 66-68; mit-tnejn 68 69.
**Cena** 23; x'ħin 24; chemm 24; x'jiswa 26; tista' tinbidel mal-pranzu 24.
**Cnisja**, il-jedd li għanda li torbot bis-sawm 2; taħt dnub mejjet 16-17; għaliex trid is-sawm 3.
**Cocotina** 30.
**Colazion** 28; x'ħin 29; chemm 29; x'jiswa 30.
**Concezzioni** 48, 92, 95
**Confessuri** 78, 80.
**Conserva** tal-frott 38.
**Conventwali**. ara **Frsngiscani**,
**Dispensa** 69, 71-80.
**Erbgħat** 13, 44.
**Fakar** 60, 61.
**Festi ccmandati** 46,48,49,92.
**Frangiscani** 88; is-sawm mir-Regula tagħhom 88; chif għandu jitħares 90; ir-randan tagħhom 91-92; liema huma obbligati jsumu 95.
**Frott** 37
**Gelatina** 33.
**Għasel** 37
**Gimgħat** 13, 43, 44, 93, 94.
**Ġranet** li fihom jispiċċa d-dmir tas-sawm u tal-astin. 46.
**Ġranet** tal-astin 41; tas-sawm u tal-astin. 44; tas-sawm 45.
**Ġublew** 46.
**Ħalib** 27,30,31,33,37,41.
**Ħdud** 45,56-48.
**Ħut** 32, 33.
**Ħut u laħam** fl-istess icla 23, 48.
**Immaculata**, ara **Concezzioni**.
**Indulti** 81, 82.

**Iskfijiet** 71-73, 93-94.
**Kriekeċ** tal-laħam 28.
**Laħam** 27,31,32,33,36,40,41.
**Laħam u ħut**, ara **Hut u laħam**
**Lardu** 28, 33.
**Lejliet il-Milied** 26.
**Liebig** 34.
**Ligi tal-astin.** xi trid 31; chif tinchiser 40; min hu obbligat għaliha 56; cawżi li jeħilsu mimnha, ara **Cawżi.**
**Ligi tas-sawm** xi trid 19; chif tinchiser 35-37; min hu obbligatgħaliha 51-55; cawżi li jeħilsu minnha, ara **Cawżi.**
**Maggi** 34.
**Magru strett** 31.
**Mard** 59, 66.
**Margarina** 27.
**Minuri** 94, ara **Frangiscani.**
**Mustardini** 38.
**Nisa** ta' ħamsin sena 53.
**Pancreatina** 34.
**Pepsina** 34
**Peptoni** 34.
**Pranzu** 20; x'ħin 21; chemm 22; x'jiswa 22; jista' jinbidel mac-cena, ara **Cena.**
**Qwattru tempi**, meta bdew 10, għaliex 11; fihom l-obbligu tas-sawm u tal-astin. 44.
**Randan**, meta beda 8; għaliex 9; fih l-obbligu tas-sawm 45, 93.
**Randan imbierec** 92.
**Randan** tal-frangiscani, ara **Frangiscani.**
**Reliġjużi** 73, 87; is-sawm tagħhom 88; chif għandhom iħarsuh 89.
**Rogazioni** 15.
**San Marc** 16.
**Sawm**, x'ifisser 1; il-għamla 1; jagħmel il-gid 4; innisel tiegħu 7; jorbot taħt dnub mejjet, ara **Cnisja** u **Ligi tas-sawm.**
**Sawm** tal-indulti, ara **Indulti;** tal-wegħdi, ara **Wegħdi;** tar-religjużi, ara **Religjużi;** tal-frangiscani, ara **Frangiscani.**
**Sawm tal-ferħ** 26.
**Sibtijiet** 14, 44, 91.
**Sibt-il-Għid** 47, 50.
**Sonża**, ara **Lardu.**
**Sports** 64.
**Superjuri** 76-78.
**Tè** 30.
**Terzjarji** 95.
**Viġejjel**, meta bdew 11; għaliex 12; liema huma 44; ma jsirux kabel 47, 49.
**Wegħda** 81; chif għanda ssir 83-85; ta' wieħed waħdu 85; ta' ħafna f'dakka 86.
**Xaħam** 28, 31.
**Xjuħ** 51, 86.
**Xogħol** tal-moħħ 60; tal-gisem 63.
**Xorb** 37.
**Żgħażagħ** 51, 56, 95-96.